# FIL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

---

**Illum 20 ta' Settembru 2022**

**Il-Pulizija**
**vs.**
**John SPITERI**

**Il-Qorti,**

1. Din hija sentenza li titratta l-kumplament tal-aggravji sollevati fl-appell ta' John SPITERI (aktar l-isfel magħrufa bħala l-"estradant") minn deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja (Fl-Att dwar l-Estradizzjoni msejħa bħala il-"Qorti Rimandanti) tal-24 t'Awissu 2022 fejn dik il-Qorti ordnat li l-estradant kellu jinżamm taħt kustodja fi stennija għat-treġġiegħ lura tiegħu lejn l-Italja, il-pajjiż skedat fejn inħareġ il-Mandat t'Arrest Ewropew (MAE) datat 11 ta' Diċembru 2021 u dan fis-sensi tar-regolament 24 tal-Avviż Legali 320 tal-2004 (aktar l-isfel imsejjaħ l-"Ordni").

2. Permezz ta' sentenza parzjali mogħtija fit-2 ta' Settembru 2022 din il-Qorti kienet ċaħdet il-preġudizzjali tan-nullita tas-sentenza appellata stante li l-proċeduri de quo qabżu l-limitu ta' sittin jum previst mill-Ordni u ordnat il-kontinwazzjoni tat-trattazzjoni ta' dan l-appell.

3. Apparti allura l-ewwel preġudizzjali, l-estradant appellant talab illi:

2. Fin-nuqqas li tilqa' l-ewwel aggravju, u f'kaz li tilqa xi wiehed mill-aggravji l-ohra, joghogobha thassar u tirrevoka l-imsemmija decizjoni b'hekk tordna illi l-atti jigu rinvijati quddiem l-Ewwel Qorti ghas-smiegh mill-gdid taghhom u dan sabiex l-appellant ma jigix prekluz mill-beneficcju tad-doppio esame; altemattivament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, tirrevoka l-ordni ta' estradizzjoni lejn l-Italja.

4. Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet – debitament reġistrata fl-atti ta' dawn il-proċeduri matul is-seduti miżmuma nhar it-2 ta' Settembru 2022 u fit-13 ta' Settembru 2022;

5. Rat l-atti proċesswali;

## Ikkunsidrat

6. Qabel xejn, irid jingħad li din il-Qorti mhix il-Qorti li tiddeċiedi jekk l-appellant hux ħati jew le tar-reati li għalihom mitlub mill-Awtoritajiet Barranin jew li tgħaddi sentenza fuqu. Id-deċiżjoni li din il-Qorti trid tieħu hija dik ta' reviżjoni tad-deċiżjoni meħuda mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, (li fi proċeduri taħt l-Att tal-Estradizzjoni hija riferita bħala l-Qorti Rimandanti). Id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati ma tiġix mibdula sakemm il-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom f'dik is-sentenza. Fil-kors ordinarju tal-funzjonijiet tagħha, din il-Qorti ma taġixxix bħala qorti ta ritrattazzjoni, fis-sens li ma terġax tisma' l-każ u ma tiddeċidix mill-ġdid; iżda tintervjeni meta tara li l-Qorti tal-Maġistrati, tkun għamlet evalwazzjoni żbaljata tal-evidenza jew interpretat il-Liġi ħażin - u b'hekk tirrendi d-deċiżjoni tagħha mhux sigura u legalment sodisfaċenti. F'dak il-każ din il-Qorti għandha s-setgħa li tbiddel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati jew dawk il-partijiet tad-deċiżjoni tagħha li jirriżultaw li huma żbaljati jew li ma jirriflettux interpretazzjoni korretta tal-Liġi.

7. Apparti minn hekk, dawn huma proċeduri partikolari ħafna peress li għalkemm bażati fuq ċerti prinċipji tradizzjonalment marbuta mal-estradizzjonijiet, mill-banda l-oħra huma msejsa fuq bażi legali li kienet maħsuba u intiża li tmur lil hinn mill-proċeduri t'estradizzjoni. Għalkemm fil-Liġi Maltija, il-Liġi li tirregola l-mandati ta' arrest Ewropej tinsab f'Liġi li taqa' taħt l-umbrella tal-Liġi tal-Estradizzjoni, mill-banda l-oħra din il-proċedura misjuba fl-Ordni li jirregola l-mandati ta' arrest Ewropej ma tistax titqies li hija proċedura t'estradizzjoni fis-sens tradizzjonali tal-kelma. Dan il-prinċipju ġie mistqarr mhux biss fil-Liġijiet Ewropej infushom, iżda wkoll ġie

rifless fis-sentenzi kemm tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea kif ukoll fi qrati tal-pajjiżi membri tal-Unjoni jew dawk li darba kienu jifformaw parti minnha, bħal dawk tar-Renju Unit. Il-Liġi Maltija dwar il-mandat ta' arrest Ewropew hija imsejsa, u f'ċerti partijiet tagħha, kważi identika għal dik li kienet il-Liġi tar-Renju Unit fl-Extradition Act tal-2003. B'hekk fil-kors ta' din is-sentenza sejrin isiru riferenza għal każijiet deċiżi mill-Qrati tar-Renju Unit minħabba li d-deċiżjonijiet tagħhom fuq liġijiet li huma pratikament identiċi għal dawk ta' Malta jgħinu fl-interpretazzjoni korretta ta' dawn l-istess liġijiet.

8. Il-Liġi li tirregola l-mandat ta' arrest Ewropew hija Liġi tal-Unjoni Ewropea li kienet maħsuba biex fi ħdan l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea tispiċċa l-estradizzjoni u minkflokha tidħol sistema ta' ċediment ta' persuni bażata mhux fuq proċess politiku – kif jiġri fil-każ t'estradizzjoni, iżda fuq proċess ġudizzjarju msejjes fuq il-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri u r-rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet ġudidizjarji. Dan il-ħsieb huwa rifless bl-iżjed mod ċar, per eżempju, fis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea numru **C-492/18 PPU**, **REQUEST for a preliminary ruling under Article 267 TFEU from the rechtbank Amsterdam (District Court, Amsterdam, Netherlands), made by decision of 27 July 2018, received at the Court on 27 July 2018, in the proceedings relating to the execution of the European arrest warrant issued in respect of TC**, fejn dik il-Qorti stqarret:

> 40 In that regard, in the first, place, it should be noted that the purpose of Framework Decision 2002/584, as is apparent in particular from Article 1(1) and (2), read in the light of recitals 5 and 7 thereof, is to replace the multilateral system of extradition based on the European Convention on Extradition, signed in Paris on 13 December 1957, with a system of surrender between judicial authorities of convicted or suspected persons for the purpose of enforcing judgments or of conducting prosecutions, the system of surrender being based on the principle of mutual recognition (judgment of 25 July 2018, Minister for Justice and Equality (Deficiencies in the system of justice), C-216/18 PPU, EU:C:2018:586, paragraph 39 and the case-law cited).
>
> 41 Framework Decision 2002/584 thus seeks, by the establishment of a new simplified and more effective system for the surrender of persons convicted or suspected of having infringed criminal law, to facilitate and accelerate judicial cooperation with a view to contributing to the attainment of the objective set for the European Union of becoming an area of freedom, security and justice, and has as its basis the high level of trust which must exist between the Member States (judgment of 25 July 2018, Minister for

Justice and Equality (Deficiencies in the system of justice), C-216/18 PPU, EU:C:2018:586, paragraph 40 and the case-law cited).

9. Dan il-prinċipju joħroġ mid-Deċiżjoni Kwadru li jirregola l-Mandat tal-Arrest Ewropew u t-tqegħid fis-seħħ tas-Sistema tal-Informazzjoni Schengen SIS u SIS II. Kif intqal fis-sentenza tas-Supreme Court tar-Renju Unit **Konecny (Appellant) v District Court in Brno-Venkov, Czech Republic (Respondent):**[1]

> 10. The European Union system for the surrender of a requested person for the purposes of conducting a criminal prosecution or executing a custodial sentence or detention order is established by the Framework Decision as amended. The recitals in the preamble make clear that its objective is to abolish extradition between member states and replace it by a system of surrender between judicial authorities. It was intended that the introduction of a new simplified system of surrender of sentenced or suspected persons for the purposes of execution or prosecution should make it possible to remove the complexity and potential for delay inherent in previous extradition procedures (recital (5)). The mechanism of the EAW is based on a high level of confidence between member states (recital (10)). In relations between member states the EAW was intended to replace all the previous instruments concerning extradition (recital (11)).

10. L-eżekuzzjoni tal-mandati ta' arrest Ewropej u l-Allerti huma bażati fuq fiduċja reċiproka li għandu jkun hemm bejn l-Awtoritajiet Ġudizzjarji Ewropej, liema proċedura tibqa' soġġetta għall-osservanza tar-regoli bażiċi tad-Dritt tal-Unjoni Ewropea u l-Konvenzjoni Ewropea għad-drittijiet tal-Bniedem. Iżda l-pern tal-proċedura tal-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew tibqa' d-Deċiżjoni Kwadru 2002/584/JHA. Peress li din il-Liġi ppermettiet lill-Istati Membri li jittrasponuha fil-Liġi interna tagħhom mhux kelma b'kelma, dan wassal biex mhux kull Stat Membru trasponiha bl-istess kliem u disposizzjonijiet. Iżda l-bażi f'kull Stat Membru li daħħal din is-sistema fil-Liġijiet tiegħu huwa l-istess, iġifieri din id-Deċiżjoni Kwadru.

11. B'hekk minkejja d-differenzi li hemm bejn pajjiż u ieħor, xorta waħda jibqa li l-ħsieb dwar kif dawn il-proċeduri tal-mandati ta' arrest Ewropew jiġu kondotti huwa differenti minn dak li normalment il-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali huma mdorrija bih. Il-Qrati tal-pajjiżi membri li jirċievu l-mandat ta' arrest Ewropew għall-eżekuzzjoni ma jistgħux jidħlu fuq stħarriġ tal-provi u li jkun jolqot il-meritu tal-każ.

12. Dan fil-fatt huwa wieħed mill-punti li din is-sistema ġiet kritikata dwaru minħabba li din il-proċedura tidher li hi wisq stretta

[1] [2019] UKSC 8 appell minn [2017] EWHC 2360 (Admin).

u ma toffrix l-istess garanziji li huma applikabbli għal proċeduri kriminali domestiċi. Il-proċedura tal-eżekuzzjoni ta' mandat tal-arrest Ewropew hija, kif jgħid isimha stess, essenzjalment proċedura ta' eżekuzzjoni ta' mandat t'arrest. B'mod partikolari fil-każ ta' eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew proċedurali, mhux ir-regoli proċedurali riġidi kollha li solitament jiġu adottati mill-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali jsibu applikazzjoni tagħhom f'dawn il-proċeduri u dan peress li huwa meqjus li dawk il-proċeduri garantisti imbagħad jiġu applikati mill-Qrati li jkollhom il-ġurisdizzjoni li jistħarġu l-meritu tal-każ.

13. Fl-istħarriġ tal-proċedura dwar l-eżekuzzjoni ta' mandat tal-arrest Ewropew, il-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali jridu jagħmlu analiżi ferm iżjed limitata u ffukata fuq dawk ir-regoli msemmija fid-Deċiżjoni Kwadru tal-mandat tal-arrest Ewropew. Ma jispettax għall-Qorti li trid iwettaq dak il-mandat li tidħol f'analiżi dwar jekk il-persuna rikjesta hix ħatja jew le, jew li tistħarreġ jekk il-provi li għandu l-Istat li qed jitolbu humiex provi sodi u b'saħħithom. Dak l-eżerċizzju ma jsirx fi proċedura ta' eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew. Dak huwa xogħol il-Qorti Barranija li jkollha ġurisdizzjoni titratta l-meritu tal-każ fil-pajjiż rikjedenti fil-każ li l-mandat jiġi eżegwit. Jekk ir-rekwiżiti bażiċi ħafna stabbiliti fid-Deċiżjoni Kwadru tal-mandat ta' arrest Ewropew jirriżultaw sodisfatti, il-Qorti tal-pajjiż li jkun mitlub li jibgħat lil persuna rikjesta huma mistennija u marbuta li jibgħatu lil dik il-persuna rikjesta. L-eċċezzjonijiet għal dan huma ftit u limitati.

14. Huwa minnu li mhux l-Istati Membri kollha jimplimentaw il-mandat ta' arrest Ewropew bl-istess mod. Iżda l-fatt li ċerti Stati jieħdu posizzjoni li tmur kontra l-ispirtu tad-Deċiżjoni Kwadru jekk mhux ukoll, f'ċerti ċirkostanzi rari, anke l-kelma tal-istess Deċiżjoni Kwadru, ma jfissirx li jkunu qegħdin jagħmlu tajjeb, jew jaqdu dmirhom skont il-Liġi Ewropea applikabbli. Tant hu hekk li f'ċerti ċirkostanzi, il-Kummissjoni Ewropea, fetħet proċeduri ta' infrazzjoni kontra dawk l-Istati Membri li ma kienux qegħdin iwetqu l-Liġi tal-mandat ta' arrest Ewropew kif suppost. Kif ser jintwera, dan kien ukoll il-każ tal-Istat Taljan.

15. Ġie diversi drabi mistqarr, kemm fil-letteratura kif ukoll fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll f'ċerti Qrati ta' Stati Membri, li l-applikazzjoni jew interpretazzjoni żbaljata tad-Deċiżjoni Kwadru tista' twassal biex is-sistema kollha tal-eżekuzzjoni tal-mandati ta' arrest Ewropej tiġi mxekla jekk mhux

ukoll imxejna. Naturalment, dan mhux fl-interess la tal-Unjoni Ewropeja nnifisha u wisq anqas għall-fini ta' Ġustizzja.

16. Kif issemma, f'Malta dawn il-proċeduri tal-mandat ta' arrest Ewropew xorta waħda jibqgħu proċeduri ta' natura penali kondotti quddiem il-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali. L-ewwel jiġu mmexxija quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja, iżda li għall-fini tal-Att dwar l-Estradizzjoni hija riferita bħala il-Qorti Rimandanti. Imbagħad jista' jkun hemm appell fejn huwa previst mil-Liġi, lill-Qorti tal-Appell Kriminali. Il-funzjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali f'dawn il-proċeduri, xorta waħda tibqa dik ta' reviżjoni tad-deċiżjoni tal-Qorti Rimandanti, u ċjoe billi ssir evalwazzjoni dwar jekk il-Qorti Rimandanti setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha fid-deċiżjoni tagħha jew li tordna t-treġġiegħ lura tal-persuna rikjesta jew li tiċħad tali talba, skont il-każ. Din il-proċedura hija komuni kemm għal każijiet ta' estradizzjoni proprja kif ukoll għal eżekuzzjoni ta' mandati ta' arrest Ewropej. Per eżempju, l-Prim'Imħallef Emeritu Vincent de Gaetano, fl-appell fl-ismijiet **Il-Pulizja vs. Ronald Agius** deċiż fit-23 ta' Lulju 2001, u li kien jitratta każ ta' estradizzjoni proprja kien stqarr is-segwenti:

> Ikun opportun qabel xejn li jigu precizati certi punti. Il-proceduri ta' estradizzjoni fil-ligi taghna, cioe` dawk il-proceduri li jibdew quddiem il-qorti rimandanti u li jistghu jitkomplew quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali (bhalma qed jigri f'dan il-kaz) ma humiex proceduri li fihom persuna tigi imputata jew akkuzata b'reat. Persuna ma tingiebx quddiem il-qorti rimandanti u, jekk ikun il-kaz, quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, sabiex tigi "ggudikata" dwar xi reat; fi proceduri ta' estradizzjoni ma hemm ebda "criminal charge" x'tigi "determined"; il-proceduri ta' estradizzjoni huma intizi biss sabiex jigi stabbilit jekk hemmx il-presupposti fattwali u formali skond il-ligi (inkluza l-Kostituzzjoni – Art. 43) sabiex it-talba ta' pajjiz barrani ghat-treggigh lura lejn dak il-pajjiz ta' persuna partikolari tintlaqa' (ara Colin John Trundell v. Onorevoli Ministru ta' l-Affarijiet Barranin et. Qorti Kostituzzjonali, 12 ta' April, 1991; Anthony Satariano v. L-Avukat Generali u l-Kummissarju talPulizija Prim Awla tal-Qorti Civili, 15 ta' Lulju, 1997; ara wkoll l-Artikolu 15(3) tal-Kap. 276). Addirittura l-ordni ghat-treggigh lura lejn il-pajjiz li jkun ghamel it-talba anqas jinghata jew jinhareg minn qorti izda mill-Ministru responsabbli ghall-gustizzja (Art. 21, Kap. 276). Ikun biss jekk dik il-persuna tigi mibghuta lura lejn dak li pajjiz li hija tigi, f'dak il-pajjiz, akkuzata b'reat u processata ghal dak ir-reat jew, jekk it-talba tkun saret minhabba li dik il-persuna tkun "unlawfully at large" (ara l-Artikoli 3 u 6 tal-Kap. 276), hija tibda, f'dak il-pajjiz, tiskonta s-sentenza li tkun precedentement inghatatilha f'dak il-pajjiz.
>
> Isegwi, ghalhekk, li l-proceduri ta' estradizzjoni quddiem il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali – il-qorti rimandanti u, jekk ikun il-kaz, il-Qorti ta' l-

Appell Kriminali – huma proceduri sui generis, regolati b'ligi specjali, fil-kaz taghna l-Att dwar l-Estradizzjoni, Kap. 276. Certament mhux applikabbli ghal proceduri ta' estradizzjoni l-Artkolu 5 tal-Ordinanza dwar it-Tifsir tal-Pieni (Kap. 23), peress li din il-ligi tirrigwarda biss reati li huma gudikabbli mill-qrati Maltin u hi limitata ghal kwistjonijiet ta' piena ghal tali reati (kif jidher car mill-Artikolu 2 tal-imsemmija Ordinanza). Id-disposizzjonijiet tat-Tieni Ktieb tal-Kodici Kriminali (Ligijiet ta' Procedura Kriminali) huma applikabbli ghal proceduri ta' estradizzjoni fil-limiti ta' dak li jistabilixxi l-Att dwar l-Estradizzjoni. Hekk, per ezempju, il-kompitu inizjali tal-ezami tat-talba ghat-treggigh lura gie mholli millimsemmi Att f'idejn "il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala qorti ta' kumpilazzjoni"; din il-qorti giet moghtija isem partikolari – "qorti rimandanti"; u gie ukoll espressament provvdut li din il-qorti "ghandu jkollha ghall-finijiet tal-procedimenti skond dan l-artikolu1 l-istess setghat, safejn jista' jkun2 , maghduda s-setgha li tibghat f'kustodja jew tehles mill-arrest bi plegg, kif limsemmija qorti3 ghandha meta tkun kostitwita kif intqal qabel4 ". Minn dana jidher car li l-qorti rimandanti, ghalkemm ghandha s-setghat (safejn dawn huma kompatibbli mal-proceduri ta' estradizzjoni) ta' Qorti Istruttorja, ma tikkonducix istruttorja kif jipprovdi l-Kodici Kriminali, izda ghandha funzjoni u kompitu specjali moghti lilha proprju taht u skond il-Kap. 276. Infatti, li kieku l-qorti rimandanti kellha tigi ekwiparata ghal kollox mal-Qorti Istruttorja, ma kienx ikun hemm id-dritt ta' appell lill-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Il-Kap. 276, invece, u a differenza ta' dak li jipprovdi l-Kodici Kriminali fir-rigward ta' decizzjonijiet tal-Qorti Istruttorja, specifikatament jaghti dritt ta' appell generali kemm lill-persuna li tkun mibghuta taht kustodja mill-qorti rimandanti ghallfinijiet ta' treggigh lura (Art. 18, Kap. 276) kif ukoll, f'kaz li d-decizzjoni tal-qorti rimandanti tkun li t-treggigh lura ma jistax isir, lill-Avukat Generali (Art. 19). Min dan kollu jidher car li l-mod li l-legislatur Malti ried li jigu trattati l-proceduri ta' estradizzjoni, sia quddiem l-ewwel qorti – il-qorti rimandanti – kif ukoll quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, hu differenti minn kif jigu trattati kawzi fejn persuna tkun imputata jew akkuzata b'reat quddiem xi wahda mill-qrati taghna.

17. Fil-fatt bosta minn dawn il-prinċipji msemmija f'din is-sentenza japplikaw ukoll għal proċeduri t'eżekuzzjoni ta' mandati ta' arrest Ewropej, iżda naturalment bl-arranġamenti u aġġustamenti li jridu jsiru minħabba l-pekuljarita ta' din il-proċedura msemmija fl-Avviż Legali 320 tal-2004. Dan l-Avviż Legali, fil-qosor imsejjaħ l-Ordni, huwa bażat fuq id-Deċiżjoni Kwardu tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju, 2002 fuq il-Mandat ta' Arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn Stati Membri magħmul f'Lussemburgu fit-13 ta' Ġunju, 2002, adottat konformement mat-Titolu VI tat-Trattat, li għandu l-pattijiet tiegħu stipulati fl-arranġament relattiv u pubblikati fil-Gazzetta tal-Gvem li ġġib id-data ta' l-1 ta' Ġunju, 2004, kif emendat bid-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2009/299/ĠAI tas-26 ta Frar, 2009 (aktar l-isfel magħruf bhala l-"Arranġament") li kif intqal, huma intiżi sabiex jitħaffef il-proċediment ta' treġġiegħ ta' persuni li

jkunu fit-territorju tal-Unjoni Ewropea u li jkunu allegatament ikkommettew reati kriminali f'xi pajjiż rikjedent jew f'territorju ieħor li għalih jistgħu jirreferu dawn ir-regolament kif ukoll, f'ċerti ċirkustanzi, f'kuntest t'estraterritorjalita.

18. Dawn il-proċeduri huma soġġetti għall-prinċipju bażiku imsemmi fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni Kwadru li jippreskrivi l-prinċipju ta' **rikonoxximent reċiproku t'atti ġudizzjarji u l-fiduċja reċiproka li Awtoritajiet Ġudizzjarji għandhom ikollhom fi ħdan din l-Unjonzi**. Id-dħul ta' dawn il-prinċipji fl-ordinament ġuridiku Malti u Ewropew, għadhom qegħdin jevolvu u ma humiex mingħajr skossi u polemiki. L-Istat Malti għażel li jintroduċi dan il-qafas regolatorju bħala parti mill-Liġijiet ordinarji tiegħu. Dan iġib miegħu ċerti konsegwenzi : fosthom il-fatt li dawn ir-regoli imsemmija fl-Ordni, jitilqu minn ħafna mill-prinċipji legali oħra li kienu jeżistu qabel fl-Att dwar l-Estradizzjoni kif ukoll minn ċerti regoli oħra li solitament wieħed isib applikabbli fil-proċedura kriminali tal-pajjiż.

19. Anzi dawn il-proċeduri tal-mandat ta' arrest Ewropew ġew **speċifikament** diżenjati u introdotti mill-Unjoni Ewropea sabiex il-konsenja ta' persuna rikjesta minn Stat tal-Unjoni Ewropea għal ieħor issir b'mod eħfef, bl-anqas burokrazija u problemi tekniċi jew legali. Fi ftit kliem, l-Unjoni Ewropea tqis li fi ħdanha, l-livell ta' żvilupp komuni fil-kamp tal-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem u l-iżvilupp fil-liġi kriminali sostantiva u proċedurali tal-Istati Membri waslu sabiex l-istess Stati Membri ta' din l-Unjoni jafdaw aktar lil xulxin u lil-Awtoritajiet Ġudizzjarji fi ħdanhom fuq livell ferm akbar minn dawk tal-iStati Terzi.[2]

20. Fi ftit kliem riedu li ċ-ċediment ta' persuna rikjesta għall-fini ta' prosekuzzjoni għal reat kriminali jew skontar ta' sentenza kriminali fl-istat rikjedent issir in bażi għal eżekuzzjoni ta' mandat t'arrest, bażat fuq prinċipji legali simili daqslikieku għal ħruġ u eżekuzzjoni ta' mandat t'arrest fit-territorju ta' Stat Membru partikolari. Dak huwa li effettivament fl-aħħar mill-aħħar isawwar territorju waħdieni Ewropew imsejjaħ "an area of freedom security and justice". U huwa għalhekk li fl-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew il-proċeduri huma ridotti għall-minimu possibbli. B'differenza mill-proċedura t'estradizzjoni proprja, l-enfażi fil-każ ta' mandat ta' arrest Ewropew mhix daqstant fuq id-deċiżjoni politika bażata fuq id-dritt tal-Istat Sovran jekk jestradix lil persuna rikjesta iżda fuq

[2] Ara d-diskors ta' Lord Hope of Craighead fil-kaz **Office of the King's Prosecutor, Brussels (Respondents) v. Armas** [2005] UKHL 67.

proċedura sempliċi ta' ċediment ta' persuna minn territorju ta' Stat li jifforma parti mill-Unjoni Ewropea għat-territorju ta' Stat ieħor li jifforma parti mill-Unjoni Ewropea fuq mandat t'arrest li l-eżekuzzjoni tiegħu tistrieħ fuq il-prinċipju tal-ekwivalenza.

21. Dan joħroġ ċar mill-preambolu numru 5 u 6 tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Unjoni Ewropea li waqfet il-proċedura tal-mandat ta' arrest Ewropew:

> (5) L-għan stabbilit biex l-Unjoni ssir żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja jwassal għall-abolizzjoni ta' l-estradizzjoni bejn l-Istati Membri u jbiddlu b'sistema ta' ċediment bejn awtoritajiet ġudizzjarji. 'Il fuq minn dan, l-introduzzjoni ta' sistema ġdida ssimplifikata ta' ċediment ta' persuni mogħtija sentenza jew suspettati għall-iskopijiet ta' eżekuzzjoni jew prosekuzzjoni ta' sentenzi kriminali jagħmel possibbli t-tneħħija tal-komplessità u potenzjal għad-dewmien inerenti fil-proċeduri preżenti ta' l-estradizzjoni. Ir-relazzjonijiet tradizzjonali ta' koperazzjoni li eżistew s'issa bejn l-Istati Membri għandhom jiġu mibdula b'sistema ta' moviment liberu ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji fi kwistjonijiet kriminali, li tkopri kemm deċiżjonijiet qabel ma tinata' s-sentenza kif ukoll dawk finali, ġo żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.
>
> (6) Il-mandat ta' arrest Ewropew previst f'din id-Deċiżjoni Kwadru hi l-ewwel miżura konkreta fil-qasam tal-liġi kriminali li timplimenta l-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku li l-Kunsill Ewropew irrefera għalih bħala l-"punt ta' referenza" tal-koperazzjoni ġudizzjarja.

22. Fil-fatt fil-ktieb **Routledge Handbook of Transnational Criminal Law**,[3] jintqal hekk:

> To what extent is MR[4] different from MLA?[5] The basic idea was that despite the differences between the procedural regimes in the Member States, they were all party to the European Convention on Human Rights and could thus trust each other. Mutual trust was presupposed and considered sufficient grounds to apply MR, even with little or no harmonization in the field. This means that MR order or warrants coming from an issuing Member State have legal value in the AFSJ (area of freedom, security and justice) and could thus automatically be executed without an exequatur procedure. Legal doubts about the order or warrant, linked to, for instance, the legality of the evidence that served to justify the order or warrant, could only be challenged in the issuing Member State.
>
> In 2002 the Council of Ministers adopted the first MR instrument: the European Arrest Warrant (EAW) replacing the extradition conventions. The EAW was adopted under a fast-track procedure after the 9/11 events and

[3] Editjat minn Neil Boister u Robert J. Currie, pubblikat fl-2015 minn Routledge, New York, paġna 129.
[4] Tfisser "mutual recognition".
[5] Tfisser "mutual legal assistance".

did not include harmonization of investigative acts or procedural safeguards. An EAW, whether meant to bring a suspect to trial or to execute a trial sentence, is based on mutual trust and must thus be recognised and executed, unless mandatory or optional grounds for non recognition apply. However, the grounds are strongly restricted, compared to the refusal grounds under the MLA extradition treaty, and do not contain grounds that are based directly on a human rights clause.

23. L-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea li adottaw is-sistema tal-mandat ta' arrest Ewropew ġew b'din il-Liġi marbuta b'**dover ġenerali** li jeżegwixxu mandat t'arrest Ewropew u mhux li jiċħduh, jew ixekklu jew ixejnu l-eżekuzzjoni tiegħu. Fil-fatt, skont in-NOTICES FROM EUROPEAN UNION INSTITUTIONS, BODIES, OFFICES AND AGENCIES Commission Notice — Handbook on how to issue and execute a European arrest warrant:[6]

The Framework Decision on EAW reflects a philosophy of integration in a common judicial area. It is the first legal instrument involving cooperation between the Member States on criminal matters based on the principle of mutual recognition.

The issuing Member State's decision must be recognised without further formalities and solely on the basis of judicial criteria. The surrender of nationals is a principle and a general rule, with few exceptions.

.../...

The executing judicial authority has a general duty to execute any EAW on the basis of the principle of mutual recognition and in accordance with the provisions of the Framework Decision on EAW (Article 1).

..../...

The general duty to execute EAWs (enshrined in Article 1(2) of the Framework Decision on EAW) is limited by the grounds for mandatory and optional non-execution of the EAW, that is to say, the grounds for refusal (Articles 3, 4 and 4a of the Framework Decision on EAW). It is important to note that in accordance with the Framework Decision on EAW, these grounds are the only ones which the executing judicial authority may invoke as the basis for non-execution. As regards the grounds for optional non-execution, the executing judicial authority can only invoke those which are transposed into its national law. The Court of Justice has clarified that the list of grounds is exhaustive (notably in its judgments in Case C-123/08 Wolzenburg, paragraph 57, and Joined Cases C-404/15 and C-659/15 PPU Aranyosi and Căldăraru, paragraph 80) ( 1 ).

---

[6] (2017/C 335/01)

24. B’hekk il-punt tat-tluq tal-Qorti Maltija, bħal kull Qorti Rimandanti oħra fl-Unjoni Ewropea li tħaddan il-proċedura tal-mandat tal-arrest Ewropew, hija li l-Qorti **għandha d-dmir** li teżegwixxi l-mandat tal-arrest Ewropew maħruġ mill-Awtoritajiet Ġudizzjarji ta’ Stat ieħor tal-Unjoni Ewropea u mhux bil-kontra.

25. Ma teżegwix dak il-mandat biss f’każ li jkun hemm xi raġuni għal rifjut imsemmi fid-Deċiżjoni Kwadru li huma speċifiċi u limitati jew jekk ikun hemm xi raġunijiet meqjusa mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea bħala ta’ serjeta tali li jippermettu n-nuqqas ta’ eżegwibbilta tal-mandat – u li huma każijiet izjed rari minn hekk. Fin-nuqqas ta’ dawn, il-presunzjoni hija favur l-eżegwibbilta tal-mandat tal-arrest Ewropew u d-dover tal-Qorti Maltija hija li teżegwih; b’dan li l-persuna rikjesta jkollha d-drittijiet kollha tagħha li tiddefendi lilha nnifisha quddiem il-Qrati tal-pajjiż li jkun qed jitlob iċ-ċediment tagħha fejn allura l-prinċipji ta’ garanzija tal-proċedura kriminali kollha mħadna minn dak il-pajjiż tal-Unjoni Ewropea jkunu applikabbli favur tagħha in bażi għall-prinċipju tal-ekwivalenza: sies ieħor li tistieħ fuqu s-sistema tal-mandat tal-arrest Ewropew.

26. Fil-fatt, hemm Stati Membri li dan il-prinċipju daħluh b’mod espress fil-Liġi tagħhom, bħall-Irlanda li trasponiet dan l-obbligu b’mod tassattiv billi fl-artikolu 10 tal-European Arrest Warrant Act, 2003, fejn inħoloq l-obbligu fuq il-Qorti Irlandiża li tibgħat lura lil dik il-persuna rikjesta lejn l-Istat Rikjedent skont id-disposizzjonijiet ta’ dak l-Att u tad-Deċiżjoni Kwadru.[7] Mill-banda l-oħra bosta pajjiżi għalkemm ma kienux daqshekk diretti u preċiżi fit-trasposizzjoni ta’ din ir-regola, xorta waħda huma marbuta b’dik il-presunzjoni.

27. Huwa minnu dak li tilmenta d-Difiża u ċjoe li f’dawn il-każijiet il-possibilita ta’ difiża hija waħda limitata ħafna. Iżda kif intwera iżjed il-fuq, dan l-istitut tal-mandat tal-arrest Ewropew ġie diżenjat speċifikament u konxjament b’dan il-mod mil-Leġislaturi Ewropej.

---

[7] **10.**—Where a judicial authority in an issuing state duly issues a European arrest warrant in respect of a person—

(*a*) against whom that state intends to bring proceedings for the offence to which the European arrest warrant relates, or

(*b*) on whom a sentence of imprisonment or detention has been imposed and who fled from the issuing state before he or she—

(i) commenced serving that sentence, or

(ii) completed serving that sentence,

that person shall, subject to and in accordance with the provisions of this Act and the Framework Decision be arrested and surrendered to the issuing state.

Minħabba f'dan kemm il-Qorti Rimandanti kif ukoll din il-Qorti huma marbuta li jistħarġu dawn il-każijiet minn dan il-punt tat-tluq.

28. Mistqarra dawn il-punti preliminari, il-Qorti tgħaddi issa biex tisħtarreġ il-kumplament tal-aggravji mresqa mill-appellant.

**Ikkunsidrat**

29. It-tielet aggravju sollevat jitratta l-fatt li l-estradant ried li jressaq provi li pero l-Qorti Rimandanti ma ppermittietlux li jressaq:

> C. Dwar provi essenzjali ghal difiza xierqa
>
> Illi t-tielet aggravju huwa in kwantu l-Ewwel Qorti cahdet it-talba tal-estradant biex jipproduci xhud fil-process kontra tieghu. Nhar il-5 ta' Awwissu, 2022, l-estradant iddikjara minghajr tlaqliq l-identita' tax-xhud u r-raguni ghaliex kien jehtieg dan ix-xhud.
>
> Huwa iddikjara li kien jehtieg dan ix-xhud fir-rigward tal-eccezzjonijiet tieghu dwar jekk ir-reati misjuba fl-EAW humiex reati ta' estradizzjoni. Illi minghajr ma biss semghat, anke informalment, x'kien ser jixhed dwarhu x-xhud, il-Qorti qabdet u cahdet it-talba;
>
> Bid-dovut rispett, ir-ragunijiet li gabet l-Ewwel Qorti biex tichad it-talba tal-estradant huma kontradittorji ghall-ahhar. Apparti li s-sentenza impunjata hija nieqsa minn motivazzjonijiet il-ghaliex dan ix-xhud ma kienx produccibbli. Il-Qorti ghazlet li ticcita sensiela ta' sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali liema sentenzi jawtorizzaw Il-produzzjoni ta' xiehda fir-rigward tal-kwistjoni dwar I-estradibilita' tar-reati. Per ezempju, l-Ewwel Qorti ticcita l-kawza ta' Il-Pulizija vs Antonio .sive Anthony Satariano fejn din l-Onorabbli Qorti rriteniet: .
> *'il-provi li ggib persuna mressqa quddiem il-Oorti rimandanti, ma ggibhomx ghal-dijiza taghha. Effettivdment din""il-persuna ma tkunx akkuzata quddiem il-Qorti rimandanti.Tzda quddiem il-Oorti barranija. Il-provi li ggib din il-persuna ma jkun qhad-difiza taghha* mill-akkuzi fil-Qorti rimandanti *barranija,* ***izda biex turi li l-Qorti rimandanti Maltija ma jkollhiex tkun sodisfatta li r-reat in kwistioni jkun estradibbli ...'***
>
> (sottolinear u enfasi mizjuda mill-esponent)
> Illi kif diga gie ritenut quddiem I-Ewwel Qorti, l-esponent jerga jtenni li x-xhud mehtieg kien in kwantu l-estradibilita meno tar-reati in kwistjoni.
>
> Ghaldaqstant, in vista tal-insenjament tal-Qrati appena citat, kull kumment iehor fir-rigward ikun superfluwu.

30. Huwa minnu li fis-seduta tal-5 t'Awissu 2022 id-Difiża talbet lil Qorti tal-Maġistrati biex tisma' lil ċertu Dr Gianluca Gulino:

> sabiex jixhed dwar informazzjoni u fatti rilevanti llum in-kwantu ghan-nuqqas assoluta ta' informazzjoni sabiex isir l-esercizzju mehtieg tal-artikolu 59 tal-ordni. Ghalkemm onestament id-difiza titlob li din il-prova ssir fit-termini tal-artikolu 13A tal-Ordni.

31. Sewwa tgħid id-Difiża li l-kawża ċitata mill-Qorti Rimandanti ossija l-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Antonio sive Anthony Satariano** jitkellem dwar possibilita li parti tressaq xhud fil-proċedura t'estradizzjoni. Iżda il-każ ta' **Satariano** kien jitratta proċedura ta' estradizzjoni propja bil-proċedura solenni fejn il-pajjiż rikjedent kien l-Istati Uniti tal-Amerika li la huwa pajjiż membru tal-Unjoni Ewropea u l-anqas kien japplika l-mandat tal-arrest Ewropew għalih. Ir-rimedju li l-Qorti Rimandanti setgħet tadotta fiċ-ċirkostanzi tal-każ ma kienx daqstant li tisma' xhud daqskemm li tuża l-mezzi disponibbli għaliha skont l-artikolu 13A tal-Ordni – dment pero li t-talba tad-Difiża kienet ċara biżżejjed biex il-Qorti Rimandanti setgħet tifhem eżattament x'riedet tottjeni b'dik l-informazzjoni. Issa f'dan il-każ, il-Qorti Rimandanti qieset li ma kienetx teħtieġ dik l-informazzjoni biex tkun tista' tasal għall-konklużjoni tagħha. U dik il-Qorti ddeċidiet li ma kellhiex għalfejn tisma' lil dak ix-xhud li ġie mitlub mid-Difiża.

32. Premessa bażika f'kull każ ta' estradizzjoni hija li l-proċeduri tal-estradizzjoni mhux meqjusa li jaqgħu taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Dan jinkludi wkoll il-proċeduri tal-eżekuzzjoni tal-mandat tal-arrest Ewropew, kif jirriżulta minn ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

> 4. Expulsion and extradition
>
> 45. Procedures for the expulsion of aliens do not fall under the criminal head of Article 6, notwithstanding the fact that they may be brought in the context of criminal proceedings (Maaouia v. France [GC], § 39). The same exclusionary approach applies to extradition proceedings (Peñafiel Salgado v. Spain (dec.)) or proceedings relating to the European arrest warrant (Monedero Angora v. Spain (dec.))[8]

33. Kif intqal iżjed il-fuq dawn il-proċeduri ta' eżekuzzjoni tal-mandati ta' arrest Ewropej huma mnissla minn ħsieb u minn regoli

[8] **Guide on Article 6 of the European Convention on Human Rights Right to a fair trial (criminal limb)** Aġġornat sat-30 April 2022. Pubblikazzjoni tal-Qorti Ewropea Għad-Drittijiet tal-Bniedem.

differenti minn dawk li jirregolaw l-estradizzjonijiet tradizzjonali. Kemm id-Deċiżjoni Kwadru kif ukoll il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea jqisu din il-proċedura bħala waħda intiża li tnaqqas drastikament il-komplikazzjonijiet assoċjati mal-proċeduri t'estradizzjoni tradizzjonali fil-kuntest ta' spazju ġudizzjarju komuni fl-Unjoni Ewropea kif ukoll li tħaffef l-eżekuzzjoni pożittiva tal-istess.

34. F'dan il-każ, l-Awtoritajiet Ġudizzjarji Taljani ħarġu l-Allert SISII in bażi għal "drug offences", li huma reati skedati skont kif jirriżulta mill-mandat tal-arrest Ewropew markat MG4 minn fejn jirriżulta li huma jridu lil persuna rikjesta għal żewġ reati:
(a) "Participation in a criminal organisation"; u
(b) "Illicit trafficking in narcotic drugs and psychotropic substances".

35. Peress li dawn huma reati serji tant li huma skedati, il-Qorti Rimandanti ma għandhiex għalfejn toqgħod tidħol f'analiżi dettaljata dwar jekk dawn ir-reati imsemmija fil-mandat tal-arrest Ewropew humiex ukoll reati kriminali f'Malta, ċjoe mhux meħtieġ li jsir it-test tad-"double criminality". Dan joħroġ ukoll ċar mid-Deċiżjoni Kwadru kif ukoll mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea:

> 5.2. The list of 32 offences which give rise to surrender without verification of double criminality
>
> The executing judicial authority should check whether any of the offences have been determined by the issuing judicial authority as belonging to one of the 32 categories of offences listed in Article 2(2) of the Framework Decision on EAW. The executing judicial authority can only verify double criminality for offences that are not in the list of 32 offences.
>
> It should be emphasised that it is only the definition of the offence and maximum punishment in the issuing Member State's law that is relevant. The executing judicial authority must recognise what the issuing judicial authority has indicated in the EAW.
>
> In its judgment in Case C-289/15 Grundza, the Court of Justice interpreted Article 7(3) and Article 9(1)(d) of Framework Decision 2008/909/JHA (namely how the double criminality condition needs to be assessed). The Court of Justice ruled as follows:
>
> '38. (…) when assessing double criminality, the competent authority of the executing State is required to verify whether the factual elements underlying the offence, as reflected in the judgment handed down by the competent

authority of the issuing State, would also, per se, be subject to a criminal penalty in the executing State if they were present in that State. (…) 49. (…) in assessing double criminality, the competent authority of the executing State must ascertain, not whether an interest protected by the issuing State has been infringed, but whether, in the event that the offence at issue were committed in the territory of the executing State, it would be found that a similar interest, protected under the national law of that State, had been infringed.'

If the executing judicial authority considers that there is an obvious error in this regard, it should contact the issuing judicial authority for clarifications (see Section 4.4 on communication).[9]

36. Meta r-reati li għalihom il-persuna rikjesta tkun mitluba titreġġa lura jkunu reati skedati, il-livell ta' skrutinju u stħarriġ li l-Qorti Rimandanti trid tagħmel fl-eżekuzzjoni tal-istess mandat tal-arrest Ewropew, huwa fuq livell iżjed bażiku, limitat u anqas intensiv minn dawk il-każijiet fejn ir-reati ma jkunux skedati. B'hekk per eżempju f'dawn il-każijiet il-Qorti Rimandanti, a differenza tal-każijiet t'estradizzjoni, mhix marbuta bil-proċedura msemmija fl-artikolu 15(3) tal-Att dwar l-Estradizzjoni b'mod li tkun trid tiddetermina jekk ikunx ġie stabbilit prima facie r-reat tal-estradizzjoni u b'hekk fil-proċeduri t'eżekuzzjoni ta' mandat tal-arrest Ewropew, m'hemmx obbligu ġenerali fuq il-Qorti Rimandanti li tisma' xiehda.

37. Ir-Regolament 3 tiegħu jgħid b'mod ċar:

3.(1) Huma biss id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Ordni, salv jekk ma jiġix xort'oħra espressament indikat, li għandhom japplikaw għal talbiet li Malta tirċievi jew tagħmel fid-data rilevanti jew wara sabiex persuna kriminali maħruba titreġġa' lura lejn jew minn pajjiż skedat, jew biex persuni jitreġġgħu lura lejn Malta minn pajjiż skedat konformement ma' talba li ssir taħt dan l-Ordni, u d-dispożizzjonijiet tal-Att rilevanti għandu jkollhom effett dwar it-treġġigħ lura taħt dan l-Ordni ta' persuni lejn, jew dwar persuni mreġġgħin lura taħt dan l-Ordni minn, xi pajjiż skedat bla ħsara għal dawk il-kondizzjonijiet, eċċezzjonijiet, adattamenti jew tibdiliet kif imsemmi f'dan l-Ordni.

38. L-Ordni, f'diversi partijiet tiegħu, jirreferi għal u jirrendi applikabbli diversi partijiet mill-artikolu 15 tal-Att dwar l-Estradizzjoni, iżda mhux ukoll is-subinċiż (3) ossija dik il-parti li titratta s-smiegħ tax-xiehda.[10] L-Ordni ma jirrendix l-artikolu 15(3)

[9] **NOTICES FROM EUROPEAN UNION INSTITUTIONS, BODIES, OFFICES AND AGENCIES Commission Notice** — Handbook on how to issue and execute a European arrest warrant, paġna 28.
[10] Mill-banda l-oħra fejn l-Ordni ried li jiġi reż applikabbli xi artikolu tal-Att dwar l-Estradizzjoni speċifiku, l-Ordni jagħmel hemm bla tlaqlieq ta' xejn bħal per eżempju, r-regolamenti 8(4) u 9(1) li jirrendu

tal-Att dwar l-Estradizzjoni bħala awtomatikament applikabbli għalih ukoll. U dan japplika wkoll għall-dik il-parti li għandha x'taqsam mad-deċiżjoni dwar ir-reati jkunux reati ta estradizzjoni. Dan huwa ferm differenti minn dak li jsir fi proċeduri ta' estradizzjoni tradizzjonali.

39. Għalhekk, differenza oħra li ssir minn proċeduri ta' estradizzjoni tradizzjonali, hija li fil-proċeduri ta' mandati ta' arrest Ewropej il-Qorti Rimandanti ma għandhiex dmir ġenerali li tisma' xhieda. Il-proċedura hija waħda prinċipalment bażata fuq il-kitba. Huwa mistenni mill-Qorti Rimandanti li waqt li tkun qed tipproċessa Allert SIS jew mandat tal-arrest Ewropew tistrieh, qabel xejn, fuq dak li jkun jikkontjeni bil-miktub l-Allert, il-mandat tal-arrest Ewropew innifsu u l-informazzjoni li tkun kontenuta magħhom bħal xi form A jew form M eċċetra u li jkunu jistgħu jiġu trasmessi; Anzi, il-Qorti Rimandanti tista' saħansitra tistrieħ ukoll **biss** fuq dak li jkun jikkontjeni l-istess mandat mingħajr ħtieġa oħra:

> Requests for supplementary information should be exceptional. This communication should take place via the SIRENE Bureaux by using the dedicated form (M form). **The EAW operates on the general presumption that the executing judicial authority can decide on the surrender on the basis of the information contained in the EAW. This presumption rests on the principle of mutual recognition and on the need to decide on the surrender swiftly.** Requests for supplementary information are nonetheless necessary in some situations in order to comply with the duty to execute an EAW.[11]

40. Kif ingħad iżjed il-fuq, il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Rimandanti setgħet tistrieh fuq l-atti li kellha quddiemha jew teżerċita s-setgħa tagħha li titlob iżjed informazzjoni in bażi għall-artikolu 13A tal-Ordni. Iżda fiċ-ċirkostanzi qieset li bl-informazzjoni li kellha disponibbli għaliha setgħet tasal għad-deċiżjoni tagħha fiċ-

---

applikabbli l-artikolu 15(1) tal-Att dwar l-Estradizzjoni għal persuna arrestata taħt dawk ir-regolamenti; jew bħar-regolament 11(2)(b) tal-Ordni li jirrendi applikabbli għall-Ordni l-artikolu 15(5) tal-Att dwar l-Estradizzjoni relattivament għall-kunsens tal-persuna rikjesta; ir-regolament 27 tal-Ordni li jirrendi applikabbli **biss** il-proviso tal-artikolu 15(3) tal-Att dwar l-Estradizzjoni f'każ li l-Qorti Rimandanti teħles lil persuna rikjesta mill-kustodja; jew ir-regolament 44(2) tal-Ordni li jirrendi applikabbli għall-Ordni l-artikolu 15(5) tal-Att dwar l-Estradizzjoni relattivament għat-treġġigħ lura tal-persuna rikjesta wara l-kunsens tal-persuna rikjesta; taħt ir-regolament 56(7) tal-Ordni ssir riferenza wkoll għall-artikolu 15 tal-Ordni fil-kuntest fejn ikun hemm kunsens għal estradizzjoni ulterjuri lejn pajjiż li ma jkunx pajjiż skedat. Minn dan jidher li fejn l-Ordni ried li jkun hemm disposizzjonijiet tal-Att li jkunu applikabbli għall-fini ta' dan l-Ordni l-istess regolament irrendew applikabbli dawk id-disposizzjonijiet tal-Att partikolari bħala wkoll applikabbli għalih. Dan ma jirriżultax li kien il-każ tal-artikolu 15(3) tal-Att dwar l-Estradizzjoni.

[11] Idem, paġna 24. Enfażi miżjuda.

ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ. Din kienet deċiżjoni li dik il-Qorti setgħet legalment u raġonevolment tasal għaliha fid-diskrezzjoni tagħha.

41. Dan l-aggravju għalhekk qiegħed jiġi miċħud.

## Ikkunsidrat

42. Ir-raba' aggravju jittratta ċ-ċertifikat tal-Avukat Ġenerali.

**D. Dwar ic-certifikat tal-Avukat Generali**

Illi r-raba aggravju tal-estradant jitratta l-fatt li huwa manifestament evidenti li ccertifikat tal-Avukat Generali (Dok MG1) ma huwiex konformi ma' dak li jiddisponi l-Artikolu 7 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 257.05 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghal finjijiet ta' kompletezza dan l-Artikolu qed jigi riprodott testwalment:
*7.L-Avukat Generali jista', skond ma jkun jahsibha hu personalment; johrog certifikat li juri li l-awtorita li tkun harqet mandat taht: it- Taqsima II jkollha l-funzjoni li tonrog mandati ta'arrest fil-pajjiz rikjedenti u dak ic-certifikat qhandu jkun wiehed konkluziv fdak lijkun juri.*

Ic-certifikat tal-Avukat Generali jkopri biss l-funzjoni tas-Stat Taljan fir-rigward tal-hrug tal-allerti taht is-Sistema tal-Informazzjoni Schengen **u mhux mandat** ta' **arrest.**

Illi huwa minnu li l-Artikolu 6A tal-Legislazzjoni Sussidjarja 257.05 jipprovdi li Allert ghandu japplika bhal li kieku jkun nhareg Mandat ta' Arrest Ewropew, izda wiehed ma jistax jinsa dak li jiddisponi l-Artikolu 6A(2)(a) li jghid:

*6A.(1) Dan l-artikolu japplika fkaz meta jinhareq allert taht: l-Artikolu 26 tas-Sistema ta' lnformazzjoni ta' Schengen minn awtorita ta' pajjiz skedat*
*(2) F'dak il-koz, dan l-Ordni japplika bhal li kieku -*
*(a) dak l-allert kien mandat taht it-Taqsima II mahruq mill-awtorita,* ***sakemm*** *l-original* ***jasal*** *fit-forma* ***proprja*** *tieqhu kif imiss;*

Illi huwa ghaldaqstant evidenti li l-Ligi ma tekwiparax l-allert mal-MAE b'mod assolut kif donna tghid l-Ewwel Qorti. Izda l-Allert jista jissostiwixxi l-Mandat ta' Arrest Ewropew biss **pendenti** l-wassla **tal-original fil-forma propja tieghu.** Illi mal wassla tal-original jehtieg li jigi ccertifikat fit-termini tal-Artikolu 7 tal- Legislazzjoni Sussidjarja 257.05 u dan sabiex eventwalment jigi applikat l-Artikolu 8' tal-Legislazzjoni Sussidjarja 257.05 u jibda l-process ta' smiegh tal-MAE;.

43. Is-sistema taċ-ċertifikazzjoni ta' Allerti maħruġa taħt is-Sistema tal-Informazzjoni Schengen u ċ-ċertifikazzjoni ta' mandati ta' arrest Ewropew li ssir mill-Avukat Ġenerali tikkonferma b'mod Uffiċjali li l-awtorità li tkun ħarġet l-Allert taħt is-Sistema tal-Informazzjoni Schengen u l-Mandat tal-Arrest Ewropew ikollha l-funzjoni li toħroġ l-Allerti jew il-Mandati ta' arrest fil-pajjiż rikjedenti u dak iċ-ċertifikat għandu jkun wieħed konklużiv f'dak li jkun juri. Din iċ-ċertifikazzjoni b'hekk tivvalida dak l-Allert jew il-Mandat t'Arrest Ewropew skont il-każ, b'mod li mbagħad bis-saħħa ta' dak iċ-ċertifikat il-Pulizija tkun tista' tipproċedi biex tarresta lill-estradant taħt id-disposizzjonijiet tar-regolament numru 8 jew 9 tal-Ordni skont il-każ; u minn hemm imbagħad tissokta l-proċedura tal-eżekuzzjoni tal-Mandat tal-Arrest Ewropew jew l-Allert skont il-każ quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Rimandanti.

44. Din is-sistema ta' ċertifikazzjoni dupliċi hija bażata fuq il-fatt li għall-fini ta' proċedura ta' ċediment ta' persuna rikjesta fis-sensi tad-Deċiżjoni Kwadru 2002/584/JHA kemm il-Mandat tal-Arrest Ewropew u kemm l-Allert (magħruf ukoll bħala it-"Twissija") jistgħu jgħoddu:

> KAPITOLU 2
> PROĊEDURA TA' ĊEDIMENT
> Artikolu 9 Trasmissjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew
>
> 1. Fejn il-lokalità ta' persuna rikjesta hi magħrufa, l-awtorità ġudizzjarja li toħroġ il-mandat tista' tittrasmetti l-mandat ta' arrest Ewropew direttament lill-awtorità ġudizzjarja li tesegwixxi.
>
> 2. L-awtorità ġudizzjarja li toħroġ tista', fi kwalunkwe każ, tiddeċiedi li toħroġ twissija għall-persuna rikjesta fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS).
>
> 3. Twissija bħal din għandha tiġi magħmula skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 95 tal-Konvenzjoni tad-19 ta' Ġunju 1990 li timplimenta l-Ftehim Schengen ta' l-14 ta' Ġunju 1985 fuq it-tneħħija gradwali ta' kontrolli fi fruntieri komuni. Twissija fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen għandha tkun ekwivalenti għal mandat ta' arrest Ewropew akkompanjat mill-informazzjoni stabbilita fl-Artikolu 8(1).
>
> Għal perjodu transitorju, sakemm l-SIS hi kapaċi li titrasmetti l-informazzjoni kollha deskritta fl-Artikolu 8, it-twissija għandha tkun ekwivalenti għal mandat ta' arrest Ewropew pendenti r-riċevuta ta' l-oriġinali fil-forma xierqa u kif suppost mill-awtorità ġudizzjarja li tesegwixxi.

45. Din ir-regola ġiet trasposta fir-regolament 6A tal-Ordni, li jipprovdi li:

> 6A.(1) Dan l-artikolu japplika f'każ meta jinħareġ allert taħt l-Artikolu 26 tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen minn awtorità ta' pajjiż skedat.
>
> (2) F'dak il-każ, dan l-Ordni japplika bħallikieku –
> (a) dak l-allert kien mandat taħt it-Taqsima II maħruġ mill-awtorità, sakemm l-oriġinal jasal fil-forma proprja tiegħu kif imiss;
> (b) kull informazzjoni li tintbagħat flimkien mal-allert u li jkollha x'taqsam mal-każ kienet inkluża fil-mandat.
>
> (3) Kif applikat bis-subartikolu (2), dan l-Ordni għandu jseħħ b'dawn il-bidliet li ġejjin –
> (a) fl-artikolu 7 minflok il-kliem "li toħroġ mandati ta'arrest" għandhom jidħlu l-kliem "li titlob il-ħruġ ta'allerti";
>
> (4) Allert taħt l-Artikolu 26 hu dak l-allert li jinħareġ konformement mal-Artikolu 26 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI tat-12 ta' Ġunju 2007 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II).

46. Ta' min jinnota li l-mod kif ġie traspost dan l-artikolu 9 tad-Deċiżjoni Kwadru 2002/584/JHA dwar il-Mandat tal-Arrest Ewropew ma jagħmilx distinzjoni bejn perjodu tranżitorju u dak regolari. Allert jew Twissija tkun ekwivalenti għal Mandat ta' Arrest Ewropew akkumpanjat mill-informazzjoni stabbilita fl-Artikolu 8(1) ta' din id-Deċiżjoni Kwadru. Dment li l-Allert ikun jissodisfa dawn ir-rekwiżiti jista' jitqies li għandu eżekutibbilita bħal dik ta' Mandat t'Arrest Ewropew. B'hekk fil-Liġi Maltija, Allert waħdu – fis-sensi tar-regolament 6A tal-Ordni - jista' jservi ta' bażi għal proċedura ta' ċediment ta' persuna fl-Unjoni Ewropea. Huwa għalhekk li s-sistema taċ-ċertifikazzjoni maħluqa mill-Ordni tista' ssir kemm fil-każ ta' ħruġ ta' Allert u kif ukoll fil-każ ta' Mandat ta' Arrest Ewropew u mhux rikjest li jkun hemm ċertifikazzjoni taż-żewġ dokumenti. Ċertifikazzjoni ta' wieħed minnhom tkun biżżejjed għall-fini tal-proċedura tal-eżekuzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew skont dan l-Ordni. Din iċ-ċertifikazzjoni tista' wkoll tkun maħruġa separatament mill-Avukat Ġenerali dipendenti fuq liema wieħed minn dawn id-dokumenti jkunu jirriżultaw maħruġa u riċevuti minnha.

47. F'dan il-każ partikolari l-Avukat Ġenerali, għalkemm intestat iċ-ċertifikat tagħha taħt ir-regolamenti 6A u 7 tal-Ordni, għaddiet biex għamlet iċ-ċertifikazzjoni tagħha bil-mod segwenti:

> Niċċertifika lil *Tribunale di Catania – Sezione del Giudice per le Indagini Preliminari*, fi ħdan r-Repubblika Taljana, l-Awtorita li fuq it-talba tagħha nħareġ l-allert għal JOHN SPITERI, ta' nazzjonalita' Maltija, imwieled nhar l-erbatax (14) ta' Frar elf disa' mija sitta u sittin (1966), għandha l-funzjoni li titlob il-ħruġ ta' l-allerti fir-Repubblika Taljana.

48. Minn din iċ-ċertifikazzjoni jemerġi li f'dan il-każ l-Avukat Ġenerali ddeċidiet li tiċċertifika unikament l-Allert maħruġ taħt is-Sistema tal-Informazzjoni Schengen mingħajr ma ħarġet ukoll iċ-ċertifikazzjoni għall-Mandat tal-Arrest Ewropew. Din hija deċiżjoni li l-Avukat Ġenerali setgħet legalment tieħu in kwantu din iċ-ċertifikazzjoni tista' ssir kemm taħt ir-regolament 6A kif ukoll taħt ir-regolament 7 tal-Ordni.

49. Il-ħruġ tal-Allert jista' jkun mezz iżjed effiċjenti biex tittieħed azzjoni fl-iqsar żmien possibbli fil-konfront ta' estradant li jkun irid jiġi rintraċċjat u arrestat. Bis-saħħa tal-Allert, ikun possibbli għall-Prosekutur li jipproċedi bil-miżuri tal-arrest anke qabel ma l-Mandat tal-Arrest Ewropew jasallu fil-forma proprja tiegħu kif imiss. Huwa għalhekk li l-Avukat Ġenerali tkun tista' toħroġ iċ-ċertifikazzjoni tagħha bażata biss fuq l-Allert fis-sensi tar-regolament 6A tal-Ordni anke qabel ma jkun waslilha l-Mandat innifsu fil-forma proprja kif imiss. Infatti minbarra ċ-ċertifikazzjoni tal-Allert li tista' ssir taħt ir-regolament 6A tal-Ordni, ir-regolament 7 imbagħad jippreskrivi s-setgħa tal-Avukat Ġenerali li tkun tista' tipproċedi biċ-ċertifikazzjoni relattiva għall-Mandat tal-Arrest Ewropew:

> 7.L-Avukat Ġenerali jista', skond ma jkun jaħsibha hu personalment, joħroġ ċertifikat li juri li l-awtorità li tkun ħarġet mandat taħt it-Taqsima II ikollha l-funzjoni li toħroġ mandati ta' arrest fil-pajjiż rikjedenti u dak iċ-ċertifikat għandu jkun wieħed konkluživ f'dak li jkun juri.

50. Dawn iċ-ċertifikazzjonijiet jistgħu allura jsiru separatament. Iċ-ċertifikazzjoni taħt regolament minnhom ma ġġibx awtomatikament ċertifikazzjoni taħt ir-regolament l-ieħor. Għalkemm iż-żewġt regolamenti 6A u 7 tal-Ordni jagħtu s-setgħa lill-Avukat Ġenerali li toħroġ ċertifikazzjoni taħthom, l-att taċ-ċertifikazzjoni per se huwa speċifiku għal dak ir-regolament partikolari. Il-fatt li l-Avukat Ġenerali tkun għamlet il-proċedura ta' ċertifikazzjoni taħt ir-regolament 6A u ssemmi li l-Awtorita li tkun ħarġet l-Allert ikollha fil-fatt is-setgħa li toħroġ Allerti fil-ġurisdizzjoni estera partikolari ma jwassalx ukoll awtomatikament biex dak il-proċess ta' ċertifikazzjoni jista' jitqies ukoll li sar b'riferenza għal dak li jipprovdi r-regolament 7 tal-Ordni.

Iżda b'daqshekk ma jfissirx li l-proċedura għall-proċediment taħt l-Ordni tkun monka u dan peress li bis-saħħa tar-regolament 6A tal-Ordni biċ-ċertifikazzjoni tal-Allert, ikun possibbli li tittieħed l-azzjoni kontemplata kontra l-estradant fis-sensi tal-Ordni daqslikieku kienet saret taħt il-proċedura taċ-ċertifikazzjoni tal-Mandat tal-Arrest Ewropew. Inoltre mill-Ordni ma jirriżultax li hemm xi ħtieġa li ladarba tkun inħarġet ċertifikazzjoni taħt ir-regolament 6A tal-Ordni din tkun trid ukoll tiġi segwita b'ċertifikazzjoni oħra meta jasal il-mandat ta' arrest Ewropew fil-forma proprja tiegħu kif imiss. Darba tkun bdiet titħaddem il-proċedura taħt ir-regolament 6A tal-Ordni u jkun hemm il-proċess ta' ċertifikazzjoni komplut fir-rigward tal-Allert maħruġ mill-Avukat Ġenerali, ma jkunx ukoll ikun meħtieġ li ssir proċedura ta' ċertifikazzjoni oħra fir-rigward tal-mandant ta' arrest Ewropew li jkun intbagħat wara.

51. F'dan il-każ allura jirriżulta li ċ-Ċertifikazzjoni minn naħa tal-Avukat Ġenerali, u allura dik li sservi bħala l-bażi tal-azzjoni ġudizzjarja li tikkonsegwi – kemm kwantu għall-arrest tal-estradant taħt ir-regolament 8 tal-Ordni, kif ukoll is-segwenti azzjoni għall-eżekuzzjoni tal-Allert jew tal-mandat ta' arrest Ewropew skont il-każ quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Rimandanti – saret in bażi għall-Allert maħruġ taħt is-Sistema tal-Informazzjoni Schengen in bażi għar-regolament 6A tal-Ordni u mhux ukoll fuq il-mandat ta' arrest Ewropew taħt ir-regolament 7 tal-Ordni.

52. Dan allura jfisser li l-bażi legali li fuqha ittieħdet il-kumplament tal-azzjoni in eżekuzzjoni għal dak l-Allert, kienet bażata fuq dak l-Allert maħruġ taħt is-Sistema tal-Informazzjoni Schengen. Din il-bażi kienet suffiċjenti biex il-proċedura tkompli titmexxa l-quddiem; u sakemm (fis-sens ta' "dment li") wasal il-mandat ta' arrest Ewropew fil-forma proprja tiegħu kif imiss, dan l-Allert assuma l-bażi tal-azzjoni li ttieħdet mill-Prosekuzzjoni f'dan il-każ quddiem il-Qorti Rimandanti.

53. Iżda ma kienx hemm ukoll il-ħtieġa li l-mandat ta' arrest Ewropew jiġi sussegwentement ukoll ċertifikat mill-ġdid mill-Avukat Ġenerali. Ma hemm xejn fl-Ordni li jżomm lill-Avukat Ġenerali milli tiċċertifika wkoll il-mandat ta' arrest Ewropew. Iżda dan ma jirriżultax li huwa xi rekwiżit jew dmir impost mill-Ordni. B'hekk ma jistax jingħad li din iċ-ċertifikazzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew riedet issir ukoll bilfors mill-Avukat Ġenerali kif targumenta d-Difiża.

54. Dan l-aggravju għalhekk qiegħed jiġi miċħud.

## Ikkunsidrat

55. Il-ħames aggravju jittratta l-identita tal-estradant:

**E. Dwar l-Identita** tal-estradant

Illi l-hames aggravju tal-estradant jitratta applikazzjoni zbalajta tal-Ligi, senjatament tal-Artikolu 10 tal- L.S. 257.05 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi a skans ta' kull ekwivoku l-estradant ma huwiex qieghed jikkontesta ismu u kunjomu u d-data ta' twelid kif donna, erronjament, tghid is-sentenza impunjata. Izda qed jigi kkonstestat bil-qawwa **n-nexus** bejn l-estradant u l-partikolaritajiet tal-fatti li fuqhom l-MAE qed takkuza l-persuna koncernata. Illi ghandu jigi rilevat li l-prova tal-identita ma huwiex semplice ezercizzju ta' *tick the box* fejn id-data ta' twelid u l-isem tal-estradant jigu mqabbla mal-partikolaritajiet tal-persuna mitluba fil-MAE. Izda, tenut kont il-gravita tal-konsegwenzi ta' MAE (persuna ser tinbghat taffacja inkarcerazzjoni f'pajjiz barrani) l-Ligi titlob ezercizzju iktar profond. Ghaldaqstant, il-Ligi titlob li, fuq bilanc ta' probabilitajiet, jintwera' li l-persuna rikjesta hija l-persuna li ghaliha ssir referenza

'[fil-] *partikolaritajiet tal-fatti li* ***fuqhom u tal-ligi*** *li tahtha dik il-persuna* ***tkun*** *akkuzata* ***jew tkun*** *instabet hatja»* (Artikolu 13(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 276 tal-Ligijiet ta' Malta, res applikabbli ghall-Artikolu 10(2) tal-LS 276.05 permezz tal-Artikolu 10(1)(a) tal- L.S.276.05 liema Artikolu jirrendi applikabbli l-Artikolu 5(5)(a) tal-L.S. 257.05 u l-Artikolu ikkwotat, 13(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 276 tal-Ligijiet ta' Malta);

Illi ghall-ahjar intendiment tal-argoment, l-Artikoli rilevanti qed jigu citati bil-mod kif, fil-fehma tal-appellant ghandhom jigu applikati. Is-sottolinear tal-appellant jservi biex jindika l-cross *references* tal-legislatur:

L.S.276.05
*10.* (2) *Il-qorti qhandha tiddeciedi jekk il-persuna li tinqieb quddiemha tkunx il-persuna li dwarha -*
*(a) ikun inhareg il-mandat imsemmi fis-subartikolu* (1)(a)*, jew*
*(b) ikun inhareq il-mandat imsemmi fl-artikolu 9(3).*

*10.* (1) *Dan l-artikolu japplika jekk*
*(a) persuna arrestata bis-sahha ta' mandat imsemmi fl-artikolu 5, tinqieb quddiem il-qorti taht l-artikolu 8(4), jew*
*(b) persuna tiġi arrestata taht l-artikolu* 9 *u dan isir konformement mal-artikolu 9(3),*

5. (1) *Id-dispozizzjoniiiet ta' din it- Taqsima japplikaw ghal kull mandat ta' arrest bhalma hemm imsemmi fis-subartikolu (2).*
*(2) Ir-riferenza ghal mandat ta' arrest fis-subartikolu* (1) *hija riferenza ghal*

*mandat ta' arrest rilevanti qhall-prosekuzzjoni jew mandat ta' arrest rilevanti wara sejbien ta' htija.*
*(3) Mandat ta' arrest rilevanti ghall-prosekuzzjoni hu mandate mahruq minn awtorita gudizzjarja ta' pajjit skedat u li jkun fih*
*(a) id-dikjarazzjoni msemmija fis-subartikolu* (4), *u*
*(b) l-informazzjoni msemmija fis-subartikolu (5).*
*(4) Id-dikjarazzjoni msemmija fis-subartikolu (3)(a) hi wahdali l-persuna li dwarha jinhareq il-mandat hija mfittxija fil-pajjiz skedat qtiall-finijiet tat tmexxija ta' prosekuzzjoni kriminali ghall-ghemil ta' reat imsemmi filmandat.*

*(5) L-lnformazzjoni hi -*
*(a) daqstant kemm japplika il-partikolaritajiet imsemmija fl-artikolu 13(2)(b)(i) u (ii) tal-Att rilevanti:*
*Iżda dan il-paraqrafu ghandu jitqies li gie mhares minkejja l-fatt li setghet ma tkunx giet moghtija kopja tal-liqijiet relattivi jew ta' dikjarazzjoni tal-ligi rilevanti:*
*(b) il-partikolaritajiet ta' kull mandat iehor mahruq fil-paijiz rikjedenti qhall-arrest: tal-persuna dwar ir-reat;*
*(c) il-partikolaritajiet tas-sentenza li tista' tinghata taht il-liqi tal-pajiiz rikjedenti dwar ir-reat jekk il-persuna tinsab hatja li tkun ghamlet dak ir-reat:*

Kapitolu 276, Artikolu 13(2)(b)(i) u (ii)

13. (2) *Ghandu jinqhata ma' kull talba maghmula ghall-finijiet ta' dan l-artikolu fisem* xi *pajjiż -*
*(b) fil-kaz ta' persuna hielsa kontra l-ligi wara li nstabet hatja ta' reat; certifikat tad-dikjarazzjoni ta' htija u tal-kundanna f'dak il-pajjiz, u dikjarazzjoni ta' kemm jekk ikun il-kaz, gie skontat minn dik il-kundanna, flimkien f'kull kaz, ma'*

***(i) il-partikolaritajiet tal-persuna li t-treggigh lura tagħha jkun mitlub, magħdud tagħrif biżżejjed biex jigu stabbiliti l-identita u n-nazzjonalita tagħha;***
***(ii) il-partikolaritajiet tal-fatti li fuqhom u tal-ligi li taħtha dik il-persuna tkun akkużata jew tkun*** *instabet hatja,* ***id-****deskrizzjoni* ***legali tar-reat u kopja*** *tal-leqislazzjoniiiet relattivi* ***jew (jekk dan ma jkunx prattikabbli)*** *dikjarazzjoni* ***dwar il-liġijiet rilevanti u*** (enfasi mizjuda tal-esponent)

Illi huwa ghalhekk car f'mohh l-appellant, li l-ezercizzju necessarju ghal proceduri ta' MAE kif stabbilit fl-Artikolu 10(2) tal-L.S. 276.05, jehtieg li jigu sodisfatti zewg kweziti *sine qua non:* **li l-bniedem arrestat mill-Awtoritajiet Lokali huwa l-persuna li ghalihom jirreferu l-partikolaritajiet tal-persuna u l-partikolaritajiet tal-fatti misjuba fil-MAE.**

Illi f'dan ir-rigward, is-sentenza appellata hija siekta ghal kollox dwar kif il-partikolaritajiet tal-fatti misjuba fl-MAE jirrigwardaw lill-appellant. Kif ser jigi

> amplifikat fit-trattazzjoni orali ta' dan l-appell, minn qari tal-MAE u Dok AG1, huwa manifestament evidenti li l-Istat Taljan jonoqs minn li jaghmel, imqarr accenn, dwar kif il-persuna li huma jsejhula bhala 'Gianni' jew 'Jonny', u li allegatament wettqet l-imgieba li tikkostitwixxi reat, huwa l-istess John Spiteri quddiem din il-Qorti!

56. Il-kwistjoni tal-identita tal-persuna rikjesta skont dan l-Ordni toħroġ skont ir-regolament 10 tal-Ordni. Għal darb'oħra jiġi mtenni li huma d-disposizzjonijiet tal-Ordni li jgħoddu għall-proċeduri ta' mandat ta' arrest Ewropew u d-disposizzjonijiet tal-Att dwar l-Estradizzjoni jkollhom effett bla ħsara għal dawk il-kundizzjonijiet, eċċezzjonijiet, adattamenti jew tibdiliet kif imsemmi fl-Ordni. L-identita tal-persuna rikjesta hija meħtieġa biex il-Qorti Rimandanti tkun tista' tiddetermina li l-persuna miġjuba quddiemha tkun l-istess persuna li d-dettalji personali tagħha jkunu msemmija fil-mandat ta' arrest Ewropew li jkun qiegħed jiġi trattat. L-iskop wara l-aċċertament tal-identita msemmi fir-regolament 10 tal-Ordni mhux intiż biex il-Qorti Rimandanti tanalizza l-meritu tat-talba b'mod li tiddeċiedi jekk mill-provi li jkollhom l-Awtoritajiet Ġudizzjarji barranin li jkunu qed jitolbu l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew il-persuna miġjuba quddiemha tkunx dik l-istess persuna li tkun verament wetqet id-delitt imsemmi fil-mandat ta' arrest Ewropew. Din hija kwistjoni li tolqot il-meritu tal-każ u trid tiġi mistħarġa u deċiża, jekk ikun il-każ, mill-Qorti Barranija li jkollha ġurisdizzjoni fuq il-każ. Dan qiegħed jingħad għar-raġunijiet li ġejjin:

57. L-għan wara dan ir-regolament 10 tal-Ordni huwa dan:

> (1) Dan l-artikolu japplika jekk –
> (a) persuna arrestata bis-saħħa ta' mandat imsemmi fl-artikolu 5, tinġieb quddiem il-qorti taħt l-artikolu 8(4), jew
> (b) persuna tiġi arrestata taħt l-artikolu 9 u dan isir konformement mal-artikolu 9(3)

58. Minn dak mistqarr fir-rikors tal-appell u mit-trattazzjoni donnu hemm qbil li dan il-każ ma kienx wieħed li jaqa' taħt ir-regolament 9 tal-Ordni. B'hekk qabel xejn il-Qorti trid tara jekk il-persuna rikjesta ġietx arrestata

(a) bis-saħħa ta' mandat imsemmi fir-regolament 5 iġifieri mandat ta' arrest Ewropew; u
(b) tkunx inġiebet quddiem il-Qorti Rimandanti taħt ir-regolament 8(4) tal-Ordni, iġifieri tkunx inġiebet quddiem il-Qorti Rimandanti bis-saħħa ta' dak il-mandat ta' arrest Ewropew malajr kemm ikun

prattikabbli u f'ebda każ aktar tard minn tmienja u erbgħin siegħa mill-arrest tagħha.

59. L-enfażi li qed issir hawnhekk allura hija fuq il-fatt li l-arrest ikun qiegħed isir in bażi għal mandat ta' arrest Ewropew u li l-preżentata tal-persuna rikjesta tkun qed issir quddiem il-Qorti Rimandanti in bażi għal dak il-mandat malajr kemm ikun prattikabbli u f'ebda każ aktar tard minn tmienja u erbgħin siegħa mill-arrest tagħha u li allura dik il-persuna li tkun qed tidher personalment quddiem il-Maġistrat taħt arrest tkun fil-fatt l-istess persuna li d-dettalji tagħha jkunu jirriżultaw miktuba fuq il-mandat ta' arrest Ewropew. Dan joħroġ minn analiżi ta' dak li jrid ir-regolament 10(2) tal-Ordni li jobbliga lil dik il-Qorti tiddeċiedi jekk:

il-persuna li tinġieb quddiemha tkunx il-persuna li dwarha –

(a) ikun inħareġ il-mandat imsemmi fis-subartikolu (1)(a), jew ...

60. Għalhekk ifisser li bir-regolament 10(2) tal-Ordni l-Qorti trid tistħarreġ jekk il-persuna li tkun inġiebet quddiemha tkunx il-persuna li dwarha ikun inħareġ il-mandat imsemmi fis-subartikolu (1)(a), iġifieri jekk il-persuna li inġiebet quddiemha **kienetx il-persuna li kienet ġiet arrestata** bis-saħħa tal-mandat imsemmi fir-regolament 5 tal-Ordni – **iġifieri mandat ta' arrest Ewropew** - u li ġiet preżentata quddiemha bis-saħħa tar-regolament 8(4) tal-Ordni iġifieri **malajr kemm ikun prattikabbli u f'ebda każ aktar tard minn tmienja u erbgħin siegħa mill-arrest tagħha.**

61. Din id-deċiżjoni trid tittieħed mill-Qorti tal-Maġistrati fuq il-bilanċ tal-probabilitajiet. Din hija eċċezzjoni oħra għall-proċedura penali normali fejn il-kwistjonijiet ta' fatt preżentati mill-Prosekuzzjoni jridu jiġu pruvati fuq livell ta' suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. F'dan il-każ, il-Liġi stess qegħda tgħid li l-identita tal-persuna arrestata trid tiġi stabbilita fuq bażi ta' probabbilita. Mela l-Qorti tal-Maġistrati trid tiddeċiedi jekk, iżjed iva milli le, dik il-persuna li jkollha arrestata quddiemha hix l-istess persuna li isimha jkun imnizzel fil-mandat tal-arrest Ewropew li bis-saħħa tiegħu tkun ġiet arrestata u li jkunu qed jitolbu ċ-ċediment tagħha l-Awtoritajiet Ġudizzjarji Barranin.

62. Dak huwa t-test sempliċi li l-Qorti Rimandanti riedet tagħmel skont dak rikjest minnha bir-regolament 10(1)(a) u 10(2)(a) tal-

Ordni. Ma hemm ebda test ieħor li huwa meħtieġ li jsir iżjed minn hekk f'dak l-istadju.

63. L-interpretazzjoni li qegħda tingħata mid-Difiża għal dan l-artikolu hija waħda li tmur lil hinn minn dak li huwa meħtieġ mir-regolament 10 in kwantu huwa test li jeħtieġ lil Qorti Rimandanti li tagħmel eżerċizzju ta' apprezzament tal-provi li l-Awtoritajiet Ġudizzjari esteri jista' jkollhom għad-disposizzjoni tagħhom. Iżda dan mhux il-każ meta t-talba tkun qed issir in bażi għal mandat ta' arrest Ewropew. Dan peress li fil-każ ta' tali mandat, kif intqal iżjed il-fuq, il-Qorti Rimandanti tista' tiddeċiedi l-proċedura mingħajr ma tkun semgħet provi iżda tista' tiddetermina l-każ anke fuq il-bażi tal-mandat ta' arrest Ewropew innifsu.[12]

64. F'dan il-każ l-Awtoritajiet Ġudizzjarji Taljani qegħdin jitolbu li jiġi arrestat "SPITERI John", magħruf ukoll bħala "Gianni" jew "Jonny", ta' ġeneru maskili, nazzjonalita Maltija, bid-data tat-twelid tiegħu tkun l-14 ta' Frar 1966, bil-post tat-twelid tiegħu ikun Malta, u bin-numru tal-karta tal-identita jew tal-passaport tiegħu ikun 1221274. Dawn huma d-dettalji personali tal-persuna li l-Awtoritajiet Ġudizzjarji Taljani kitbu fuq il-mandat ta' arrest Ewropew, bħala dik il-persuna li huma qegħdin jitolbu lill-Awtoritajiet Ġudizzjarji Maltin sabiex iċeduh lilhom in konnessjoni mal-"Order applying a personal precautionary measure in prison" maħruġ in konnessjoni ma' l-allegati reati imsemmija f'dak il-mandat.

65. Bis-saħħa ta' dak il-mandat ta' arrest Ewropew, il-Pulizija Maltija rintraċċjat u arrestat lil persuna li fil-11 ta' Ġunju 2022 ġiet imresqa quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Rimandanti. Dik il-Qorti kellha qabel xejn tiddeċiedi jekk, iżjed iva milli le, dik il-persuna li inġiebet quddiemha kienetx l-istess persuna li isimha kien ġie mniżżel fil-mandat tal-arrest Ewropew li bis-saħħa tiegħu dik il-persuna ġiet arrestata u miġjuba quddiemha. Jekk id-dettalji tal-identita tal-persuna imniżla fuq il-mandat ta' arrest Ewropew kienu, iżjed iva milli le, jirriżultaw jaqblu ma dawk tal-persuna li nġiebet quddiemha bl-arrest, allura f'dak il-każ, it-test rikjest mir-regolament 10 tal-Ordni jkun ġie sodisfatt. Jekk kellha

[12] **NOTICES FROM EUROPEAN UNION INSTITUTIONS, BODIES, OFFICES AND AGENCIES Commission Notice** — Handbook on how to issue and execute a European arrest warrant, paġna 24. Dan l-argument li qed tqajjem id-Difiża, jista' jkun argument rilevanti quddiem il-Qrati Taljani li għandhom il-ġurisdizzjoni li jistħarġu u jiddeċiedu l-każ li fetħu kontra l-appellant fil-meritu tiegħu. Huwa dmir ta' l-Awtoritajiet Prosekutorji Taljani li qiegħed jixluh barra minn Malta li qabel xejn jipprovaw lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-persuna li huma qegħdin jgħidu li hija Ġanni jew Jonny hija fil-fatt John Spiteri, l-appellant u mhux persuna oħra.

dubju dwar jekk il-persuna li d-dettalji tagħha jkunu indikati fil-mandat ta' arrest Ewropew kienetx l-istess persuna li ġiet miġjuba quddiemha b'arrest in bażi għal dak il-mandat, allura l-Qorti kellha tordna l-ħelsien ta' dik il-persuna. Iżda jekk dik il-Qorti kkonfermat li dik il-persuna li nġiebet quddiemha b'arrest kienet l-istess persuna li l-partikolaritajiet tagħha kienu ġew imsemmija fil-mandat ta' arrest Ewropew, allura l-Qorti Rimandanti kellha tipproċedi biex tibda s-smigħ dwar l-estradizzjoni. U f'dan il-każ hekk għamlet. U dan peress li l-kwistjoni dwar jekk fil-fatt dik il-persuna li tkun inġiebet quddiemha tkunx l-istess persuna li verament tkun wetqet id-delitt li għalih tkun imfitxija jew tkunx persuna kompletament estraneja għat-twettieq tad-delitt, hija kwistjoni li tkun trid tiġi deċiża mill-Qorti Barranija li quddiemha jkun irid jinstema' l-każ, in bażi għall-provi li jitresqu quddiem dik il-Qorti.

66. Kif intqal, il-proċedura tal-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew, a differenza tal-proċedura tal-estradizzjoni tradizzjonali, ma teħtieġx li jiġu stabbiliti prima faciae l-fatti relattivament għall-attivita kriminuża li allegatament tkun seħħet u li għaliha l-persuna rikjesta tkun suġġetta għall-mandat ta' arrest Ewropew. Dak li teħtieġ li tistabbilixxi huwa, fil-kliem sempliċi tal-liġi stess li l-persuna li tkun inġiebet quddiemha tkunx, iżjed iva milli le, il-persuna li dwarha ikun inħareġ il-mandat ta' arrest Ewropew, iġifieri dik il-persuna li l-partikolaritajiet tagħha jew dettalji oħra jkunu indikati fil-mandat ta' arrest Ewropew.

67. F'dan il-każ il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Rimandanti għamlet dan l-eżerċizzju fis-seduta tal-11 ta' Ġunju 2022 meta a fol 6 jingħad li:

> Il-Qorti semghat lil John Spiteri jaghti d-dettalji tieghu u wara li rat id-dettalji indikati fil-mandat t'arrest Ewropew u qablithom mad-dokumenti ipprezentati illum mill-Prosekuzzjoni, qieghda ai termini tal-Artikolu 10 tal-Avviz Legali Numru 320 tal-2004, tiddikjara illi l-persuna li tressqet quddiemha illum hija l-istess persuna li fil-konfront tieghu inhareg il-mandat t'arrest Ewropew esebit f'dawn l-atti.

68. L-identita ta' persuna tista' tiġi stabbilita b'diversi modi. Qabel xejn l-isem u l-kunjom tal-persuna, il-ġeneru tagħha, il-post u d-data tat-twelid tagħha, in-nazzjonalita tagħha, kif ukoll minn dokumenti uffiċjali bħal karta tal-identita tagħha jew passaport tagħha. Jistgħu ukoll jinġiebu provi oħra dwar l-identita ta' persuna bħal per eżempju impronti diġitali jew palmari tagħha jekk mhux ukoll ritratti tagħha. Mhux dawn il-fatturi kollha huma meħtieġa biex tiġi stabbilita l-

identita tal-persuna rikjesta.  F’dan il-każ, il-Qorti tal-Maġistrati rat li l-persuna miġjuba b’arrest quddiemha wieġeb billi offra d-dettalji tiegħu lil dik il-Qorti.  Mid-dokumenti eżebiti mill-Pulizija a fol MG 7 u MG 8 jirriżulta li l-persuna li ġiet arrestata u miġjuba quddiem dik il-Qorti dakinhar kien John Spiteri, bil-karta tal-identita bin-numri 0084566M, imwieled Malta, nazzjonalita Maltija, il-ġeneru tiegħu huwa maskili, bid-data tat-twelid tiegħu tkun l-14 ta’ Frar 1966. Dawn id-dettalji jirriżultaw ukoll mill-passaport ta’ John Spiteri li jġib in-numri 1221274.  Meta wieħed iqabbel dawn id-dettalji ta’ John Spiteri mad-dettalji li l-Awtoritajiet Ġudizzjarji Taljani kitbu fil-mandat ta’ arrest Ewropew isib li għajr ħlief għal-laqmijiet imsemmija, huma kompletament identiċi.  B’hekk il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Rimandanti setgħet legalment u raġonevolment tikkonkludi li fuq bażi ta’ probabilita dik il-persuna li kienet arrestata quddiemha kienet l-istess persuna li d-dettalji tagħha kienu jidhru miktuba fuq il-mandat t’arrest Ewropew.

69. Dan il-metodu ta’ analiżi tal-identita jsib ukoll konfort fil-ġurisprudenza tar-Renju Unit.  Hekk per eżempju fil-proċedura quddiem il-High Court, Queen’s Bench Division **FARID HILALI (Appellant) − and − THE CENTRAL COURT OF CRIMINAL PROCEEDINGS NUMBER 5 OF THE NATIONAL COURT, MADRID - THE SENIOR DISTRICT JUDGE, BOW STREET MAGISTRATES' COURT** tas-26 ta’ Mejju 2006

> 16. The appellant contends that his identity was not proved as required by s.7 of the 2003 Act. S.7 is headed "Identity of person arrested." The material parts of the section are as follows:
>
> (1) This section applies if−
> (a) a person arrested under a Part 1 warrant is brought before
> the appropriate judge under s.4(3),
> ×..
> (2) The judge must decide whether the person brought
> before him is the person in respect of whom−
> (a) the warrant referred to in subsection (1)(a) was issued,
> ×..
> (3) The judge must decide the question in subsection (2) on a
> balance of probabilities."
>
> 17. What happened was this. On his first appearance before the court the appellant came before District Judge Pratt who considered the issue of identification under s.7 as he was obliged to do. The appellant acknowledged that he was Farid Hilali and Judge Pratt concluded, on balance of probabilities, that he was the person being sought in the EAW. It appears highly likely, although it is impossible to be certain, that the

District Judge had before him a witness statement of Detective Sergeant Flood in the following terms:

On Monday 28th June 2004 I was on duty at Paddington Green Police Station when a man who I now know as Farid HILALI was brought into the secure area. I approached him and identified myself to him by showing him my warrant card. I said to him "can you tell me your full name?" He said "Farid HILALI" I said "and your date of birth" He said "21/08/1962". I said Mr HILALI I am arresting you under a European Arrest Warrant issued by the Government of Spain and certified by the UK authority. This warrant alleges Terrorist offences against you and the Spanish authorities are seeking your extradition on those matters" I then cautioned him at 9.15 am to which he made no reply. I said "Do you understand why you have been arrested" He replied "Yes". I then gave Mr HILALI a copy of the European Arrest Warrant in both English and Spanish as well as the certificate."

The date of birth on the EAW corresponded as to day and month but not year with the date given by the appellant; the warrant gave the year as 1968.

18. The question is whether District Judge Pratt was entitled to conclude on balance of probabilities that the appellant was the person named in the warrant. In our judgment on the basis of the material that we have described, and in the absence of any evidence to the contrary, he was so entitled.

19. In the event, when the extradition hearing took place in January 2005 Senior District Judge Workman decided he had power to review the decision albeit it was not suggested the person brought before him was different from the person before Judge Pratt. Judge Workman reached the same conclusion as Judge Pratt. Mr Hardy, who has appeared for the 1st respondent, rightly raised the question whether Judge Workman had any jurisdiction to review the decision and submits that it is at least arguable that he did not. Under Part 1 of the Act (in contradistinction to Part 2) the question of identity falls to be resolved at an initial hearing. There is no right of appeal by the appellant against a decision under s.7(2). The right of appeal lies only against an order of extradition (see s.26 and ***Nikonovs v Governor of Brixton Prison & Another*** [2006] 1All ER 927, 930 paras 9−15).

20. We have considerable doubt whether Judge Workman did have jurisdiction to review the finding of identity, although we can well understand why he was anxious to ensure that there had been no error. In the absence of such jurisdiction the appropriate route for challenging Judge Pratt's decision would, in our judgment, be judicial review. Had we thought there was any substance in Mr Alun Jones' submission we would have been prepared to grant permission to apply for judicial review out of time in respect of Judge Pratt's decision. In the event, however, we have no doubt that he was entitled to reach the decision that he did. As Judge Workman

pointed out, when one considers the whole of the EAW it is plainly being said that Hilali, Shukri and Shakur are one and the same person.

21. The person named in the warrant appears immediately under the heading "information on the identity of the requested person:" as follows

Last name: Hilali
First name: Farid
Alias (if any): Shukri and Shakur

22. Mr Alun Jones' submission is that the warrant contains insufficient evidence to establish that the appellant, who admittedly identified himself in court as "Farid Hilali", is the person referred to in the warrant. We cannot accept this submission. While it is true that when arrested the appellant gave his year of birth as 1962 whereas it is stated as 1968 in the warrant, it is of much more significance, that both the day and month he gave corresponded with the day and month stated in the arrest warrant. Nor is it a case, as it appears to us, where there was any dispute before Judge Pratt as to the identity of the appellant. The 1st respondent was simply put to proof on the balance of probabilities under s.7. Accordingly, we conclude there is no substance in this ground.

70. Kif diġa ġie spjegat, il-Qorti Rimandanti ma toqgħodx tidħol fl-analiżi tal-provi li għandhom għad-disposizzjoni tagħhom l-Awtoritajiet Taljani biex tistabbilixi l-identita. Anke din is-sentenza tal-Qorti tar-Renju Unit tipprova dan il-metodu.[13]

71. B’hekk dan l-aggravju qiegħed jiġi respint.

[13] Iżda anke jekk, għall- grazzja tal-argument, il-Qorti tal-Maġistrati fliet l-informazzjoni mibgħuta minn dawk l-Awtoritajiet fil-Form A u d-dokument l-oħra annessi, jrid jingħad li kwantu għall-identita ta’ John Spiteri jirriżulta mid-dokumenti preżentati li l-Awtoritajiet Ġudizzjarji Taljani kellhom għad-disposizzjoni tagħhom id-dettalji personali ta’ John Spiteri li u huma għamlu l-analiżi u d-determinazzjoni tal-identita tiegħu in bażi għall-investigazzjonijiet li kkonduċew u d-dokumenti li huma kellhom aċċess għalihom. Fost affarijiet oħra l-Awtoritajiet Taljani ma kienux waslu biex jistabbilixxu l-identita ta’ “Ġianni” jew “Jonny” ma dik ta’ John SPITERI mill-bidu nett. Huma waslu għall-konklużjoni li dik il-persuna “Gianni” jew “Jonny” li huma riedu jieħdu azzjoni kontra tagħha għax kien jinnegozja d-droga ma AMICO Rosario kienet John SPITERI, wara li kien għadda ammont ta’ żmien mill-bidu tal-investigazzjonijiet tagħhom. Fost affarijiet oħra, huma kellhom ukoll l-opportunita li jinvestigaw il-passenger list tal-persuni li kienu abbord il-vjaġġ tal-Virtu Ferries fit-2 ta’ Settembru 2018 fejn kien irriżultalhom li kien vjaġġa lejn Sqallija John Spiteri. Dan jirriżulta wkoll ċar mhux biss minn dak li jingħad a fol 161 iżda wkoll minn dak misjuba dettaljatament a fol 172 frott tal-interċettazzjonijiet li dawn l-Awtoritajiet Taljani għamlu. A fol 161 jingħad li Ray AMICO, li kien iben Rosario kien żamm kuntatt ma tali Gianni jew “John, namely a Maltese citizen subsequently identified as SPITERI John, born in Malta on 14th February 1966”. Dawn huma ċirkostanzi li jsaħħu l-konklużjoni tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Rimandanti li l-persuna li dehret arrestata quddiemha kienet John Spiteri u li dak John Spiteri kien l-istess persuna li d-dettalji personali tiegħu kienu jinsabu miktuba fuq il-mandat ta’ arrest Ewropew maħruġ mill-Awtoritajiet Ġudizzjarji Taljani f’dan il-każ.

## Ikkunsidrat

72. Is-sitt aggravju jitratta dwar jekk l-imġieba tistax titqies bħala reat ta’ estradizzjoni:

**F. Dwar jekk l-imgieba tikkostitwix reat** ta' **estradizzjoni o meno**

Illi s-sitt aggravju tal-estradant jitratta jekk l-imgieba tikkostitwix reat ta' estradizzjoni o meno. Dwar x'jikkostitwixxi reat ta' estrazzjoni, l-Artikolu 59(3) ta' l-Ordni dwar Pajjizi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni (jiddisponi testwalment:

*59(3)* ***L-imgieba*** *tkun ukoll tikkostitwixxi reat ta' estradizzjoni dwar il-paijiz skedat jekk ikunu gew sodisfatti dawn il-kondizzjonijiet* li *gejjin:*
*(a) l-imqieba tigri fil-pajjiz skedat;*
*(b) l-imqieba kienet tikkostitwixxi reat taht il-ligi ta' Malta li kieku din tkun grat f’Malta;*
*(c) l-imqieba tkun punibbli taht il-liqi tal-pajjiz skedat bil-priqunerija jew* xi *forma ohra ta' detenzjoni ghal zmien tnax-il xahar jew b'piena akbar (tigi kif tigi deskritta fdik il-liqi).* (emfasi mizjuda tal-esponent)

Illi huwa ghaldaqstant evidenti li il-legislatur jibbaza l-qofol tal-Artikolu 59 fuq il-kelma imgieba (fit-test ingliz *conduct).* Din l-imgieba jehtieg li tkun sostanzjata bizzejjed sabiex il-Qorti, munita bid-dover li tiehu decizjoni dwar il-MAE, tiddeciedi jekk tali mgieba tikkostitwix reat. Ghandu ghalhekk jinghad li sabiex il-Qorti tevalwa jekk ir-reat huwiex reat ta' estradizzjoni, jehtieg li l-pajjiz skedat (fdan il-kaz l-Italja) tforni lill-Qorti bizzejjed informazzjoni sabiex taghmel l-evalwazzjoni mehtiega mill-Ligi;

Illi fis-sentenza taghha, l-Ewwel Qorti ma ghamlitx ezami individwali tar-reati differenti, izda qieset ic-cirkostanzi in generali sabiex tinkwadra fatti generici bhala tali li jikkostitwixxu tali imgieba. L-Ewwel Qorti kkunsidrat hekk:

*lkkunsidrat li dawn it-tlett rekwizit: kontemplati bir-reqolament* 59(3) *tal-Ordni huma Ikoll soddifatti, ai termini tar-reqolament* 12(4) *tal-Ordni l-Qorti tqis li ż-żewġ reati huma reati estradibbli ai termini tal-imsemmi regolament* 59(3) *tal-Ordni.*

*Ghalhekk l-ewwel kwezit hu sodisfatt in kwantu qhar-reat ta' partecipazzjoni f’organizzazzjoni kriminali kif ukoll ghat-trattattivi* w *negozjati biex inter alia, id-droga tiddahhal fMalta, b'din l-imgieba ahharija tkun dik kontemplata fit-tieni reat li dwaru qed tintalab it-treggija tal-estradant; it-traffikar ta' droga marijuana.*

Illi jidher illi l-bazi tat-talba tal-Awtoritajiet Taljani hija l-konversazzjoni intercettata li allegatament sehhet bejn l-estradant u certu Rosario Amico nhar it-2 ta' Settembru, 2018 gewwa Sqallija.

Illi l-ewwel reat msemmi fil-MAE huwa redatt b'tali mod:

*'Participation in a criminal association for the purposes of trafficking in drugs of various types including cocaine and marijuana ...'*

liema reat, fil-parti (e) tal-MAE intitolata *'Description of the circumstances in which the offence was committed, including the time, place and degree of participation in the offence by the requested person'* huwa deskritt hekk:

*OFFENCE* 1) *committed before and about May 2018 and concluded in April 2019 between Sicily, Calabria, Apulia, Milan and Brianza (Italy) and the Republic of Malta ,*

Illi ghandu jigi sottolineat li l-parti disposittiva ta' sezzjoni (e) tal-MAE firrigward tal-ewwel reat, tikkontjeni ftit li xejn informazzjoni diretta dwar l-involviment ta' John Spiteri fir-reat tal-assocjazjoni biex tigi traffikata d-droga kokaina u cannabis. Din il-parti hija ripleta b'informazzjoni dwar terzi u assunzjonjiet u spekulazzjonijiet dwar x'ghamlu terzi (inkluz bcejjec ta' informazzjorii dwar l-estradant) izda informazzjoni li tistabilixxi imgieba li tikkostitwixxi reat da parti tal-estradant, hija palezament mankanti.

Kull ma jidher li huwa rilevanti dwar l-estradant hija s-sentenza ta' qabel tal-ahhar li tibda: *'SPITERI John, in turn, travelled to Sicily on* 2 *September, 2018 and on that occasion he discussed future arrangements with Amico Rosario for a safe transfer of drugs (both men went close to a company manufacturing silos for the transport of liquids and remarked that they could use such containers to hide the drugs to be sent to Malta'.*

Illi, umilment jigi sottomess illi I-Awtoritatjiet Taljani donnhom qabdu din I-allegata laqa bejn il-Malti 'Gianni' J*onny'* u Rosario Amico u benglu c-cirkostanzi tal-Iaqa sabiex taghmel sens fl-isfond tal-investigazzjoni generali. Dan jirrizulta mill-fatt per ezempju, li minkejja li l-intestatura li tistabilixxi r-reat issemmi d-droga kokaina u cannabis, **l-konversazzjoni ta' Settembru ma taghmel referenza ghal ebda tip ta' droga. Lanqas taghmel referenza ghal assocjazzjoni fil-passat biex tigi traffikata d-droga jew assocjazzjoni fil-futur biex tigi traffikata I-istess. Lanqas hemm imqarr accenn. Kwalsiasi *mode*** of *action* **ta' kif ser tigi traffikata d-droga (hi x'inhi). Lanqas hemm almenu xi tip ta' ftehim dwar kif I-estradant ser jipprocedi fi hdan I-assocazzjoni kriminali.**

Illi ghalhekk, a skans ta' provi ta' dan it-tip, kif setghet I-Ewwel Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li waslet u cioe illi l-imgieba kienet parti mill-organizzazzjoni ma' diversi persuni?

Illi come di fatti, I-Ewwel Qorti kkunsidrat hekk:

*Dik l-imqieba kif deskritta tinvolvi lill-estradant mhux sempliciment fl-esportazzjoni tal-marijuana mill-Italja u l-importazzjoni taqhha fMalta* ***imma***

***fl-organizzazzjoni ma diversi Dersuni biex din l-operazzjoni titmexxa l-quddiem u tirnexxi.***

*Taht dan is-subinciz ma hemmx htieqa li l-imgieba intjiera tkun sehhet fil-pajjiz rikjedenti izda anke jekk parzjalment sehhet fl-Italja hu bizzejjed biex l-ewwel kwezit tal-artikolu* 59(3) *gie sodisfatt.*

*Fid-dawl ta' dawn il-fatti m'hemmx dubbju li l-imqieba li dwarha qed tintalab l-estradizzjoni sehhet ukoll fl-Italja.*

Kif *del resto,* jintqal fpagna 7 tal-MAE taht *"Other circumstances relevant to the case"* jinghad illi l-gurisdizzjoni tal-Istat Taljan hija rikjesta ghall-ewwel reat stante illi *"in this case the criminal association (offence* 1) *has its direction and operational structure, and carries on most of its unlawful trade precisely in Italy, even though an important branch is in Maltf1 and a channel of supply originates in Albania;*

Illi ghalhekk, sabiex jigi ppruvat din l-assocjazzjoni kriminali ossia dak li jigi indikat bhala d-direzzjoni u l-istruttura operazzjonali irid ikun hemm imgieba cara bizzejjed tal-estradant li tinkwadra f'dan ir-reat u mhux sempliment kongetturi ta' laqghat u ritratti sfumati li jippruvaw jorbtu l-istess. Dan jinghad minghajr pregudizzju ghall-fatt illi l-azzjoni nnifsiha ta' kif l-operat kien qed isir, sehh jew kien ser jsir ma turbot imkien ma' John Spiteri;

Illi, di piu', fdan l-isfond, l-esponent jistieden lil din l-Onorabbli Qorti taqra bir-reqqa Dok AG1 (b'mod partikolari l-pagni 27 sa 34) sabiex wiehed jevalwa jekk f'din il-konversazzjoni hemmx' rifless xi tip ta' imgieba li tikkostitwixxi reat kriminali that il-Ligi ta' Malta. Ghandu jigi umilment sottomess li ebda parti minn din il-konversazzjoni tikkostitwixxi reat kriminali taht il-Kodici Kriminali ta' Malta.

Illi huwa ghaldaqstant evidenti li mgieba li l-Awtoritajiet Taljani uzaw sabiex isawru t-tieni reat (traffikar tad-droga cannabis), hija identika ghal dik tal-ewwel reat.

Ghaldaqstant, dak li ser jigi sottomess ghat-tieni reat ghandu wkoll isib applikazzjoni ghall-ewwel wiehed u, kif ser jigi spjegat, l-allegata imgieba tal-estradant fil-konversazzjoni ta' Settembru, 2018 ma tikkostitwix reat fil-konfront tat-tieni reat u ghalhekk lanqas tista tikkostitwixxi reat fil-konfront tal-ewwel wiehed.

Illi ai rigward it-tieni reat msemmi fil-MAEu *cioe:*

*Trade in, and transport of, marijuana-type drugs with aggravating circumstances ...'*
liema reat, fil-parti (e) tal-MAE intitolata *'Description of the circumstances in which the offence was committed, including the time, place and degree of participation in the offence by the requested person'* huwa deskritt hekk:

*'OFFENCE* 2) *trade in, and transport of,* 84 *kilograms of marijuana between* 22 *and* 29 *June 2018 from Sicily Pozzallo to Malta'.*

Illi qabel kollox, ghandu jigi rilevat li mill-parti deskrittiva tal-MAE jirrizulta li dan ir-reat gie kkunsmat gewwa Malta tant illi f'pagna 7 tal-MAE jigi indikat illi *"the final destination was the Republic of MaIta".* Id-droga giet trasportata Malta, traffikata Malta u moghddija lill-terzi gewwa Malta. Ghaldaqstant l-ewwel kwezit tal-Artikolu 59(3) huwa mankanti u konsegwentament jeskludi l-applikazzjoni legali ta' din id-disposizzjoni.

Izda pero, jibqa l-fatt li l-allegata imgieba li tikkostitwixxi r-reat ma ghandiex x'taqsam mal-estradant. Jirrizulta mill-MAE li kien allegatament Rosario Amico li baghat id-droga Malta, kien Fabian Catania li allegatament trasporta d-droga Malta u kien Tomislav Hegedus li allegatament kellu jercievi d-droga Malta. L-isem 'John Spiteri' 'Gianni' 'Jonny' huwa ghaldaqstant manifestament kjarenti.

*In vista* ta' din il-mankanza, l-esponent jirrileva li din il-Qorti hija prekluza minn li tghaddi sabiex tezamina l-kwezit 59(3)(b).

Di *piu,* anke jekk wiehed jkollu jevalwa l-konversazzjoni ta' nhar it-2 ta' Settembru 2018, biex jipprova jispigola xi tip ta' imgieba kriminali, huwa ghaldaqstant evidenti li din il-konversazzjoni taqa barra mit-terminu temporali tar-reat (22 u 29 ta' Ganju, 2018). *In oltre,* fil-konversazzjoni ma ssir ebda referenza (imqarr accenn) ghall-involviment tal-estradant fir-reat ta' traffikar tal-cannabis.

Illi hawnhekk ghanda issir referenza ghal dak li l-Awtoritajiet Taljani jghidu li qal l-estradant fil-konfront ta' Fabian Catania (pagna 24 u 25 ta' Dok *AG1).* Meta wiehed jaqra s-sottomissjonijiet tal-Awtoritajiet Taljani u dak li jirrizulta mid-dicitura tal-konversazzjoni intercettata, jirrizultaw zewg verzjonijiet differenti. Illi l-estradant ma jaghmel ebda accenn ghal kwalsiasi tip ta' involviment personali u lanqas issir ebda tip ta' referenza ghal isem Fabian Catania. Dan filwaqt li l-Awtoritajiet Taljani, ghal xi raguni, jikkonkludu dak li jridu huma minn siltiet silettivi tal-konversazzjoni. *Di piu,* anke jekk wiehed jkolu jiddesumi li l-konversazzjoni tinkwadra lil Catania, il-kliem certament m'huwiex riflessiv ta' imgieba li tikkostitwixxi r-reat ta' traffikar tal-cannabis;

Ghaldaqstant ghandu jigi rilevat li l-ewwel zewg kweziti tal-Artikolu 59(3) huma mankanti. L-allegat reat ma sehhx gewwa l-pajjiz skedat u l-imgieba attribwita lill-estradant bl-ebda mod ma tikkostitwixxi reat li sehh tlett xhur qabel ma dahal fix-xena l-estradant!

73. Għal darb'oħra hawnhekk trid issir distinzjoni bejn il-proċeduri ta' estradizzjoni tradizzjonali u dawk tal-mandat ta' arrest Ewropew. Fil-proċedura ta' eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew, il-Qorti Rimandanti ma tagħmilx stħarriġ tal-provi li jkollu l-Istat Membru rikjedent biex tara jekk, almenu prima faciae, hemmx każ kontra l-

estradant. Il-proċedura tal-mandat ta' arrest Ewropew taħdem mod ieħor. Fil-każ ta' estradizzjoni tradizzjonali, skont l-artikolu 13(1) tal-Att dwar l-Estradizzjoni, biex il-Qorti Rimandanti tkun sodisfatta jekk ir-reat ikunx wieħed ta' estradizzjoni, hija għandha s-setgħa li "tisma' l-provi kollha miġjuba biex isostnu t-talba għat-treġġigħ lura ta'dik l-persuna jew miġjuba f'isem dik il-persuna". Iżda l-Ordni ma fihx disposizzjoni li biha jgħid li l-proċedura msemmija fl-artikolu 13(1) tal-Att dwar l-Estradizzjoni hija wkoll applikabbli għall-proċeduri ta' eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew meta l-Qorti Rimandanti tiġi biex tiddeċiedi jekk reat ikunx reat ta' estradizzjoni għall-fini ta' mandat ta' arrest Ewropew.

74. Fit-tieni lok, bħala regola, meta l-mandat ta' arrest Ewropew ikun inħareġ għal xi wieħed jew iżjed mit-tnejn u tletin reat skedat imsemmi fid-Deċiżjoni Kwadru, il-Qorti Rimandanti ma tistax tagħmel eżami ta' "double criminality" u b'hekk mhix meħtieġa li tiddeċiedi jekk ir-reat imsemmi fil-mandat ta' arrest Ewropew kienx ukoll jikkostitwixxi reat f'Malta.

75. Dak li l-Qorti Rimandanti trid tistħarreġ skont il-Liġi Maltija hija jekk l-imġieba imsemmija fil-mandat ta' arrest Ewropew attribwita lil persuna rikjesta tkunx imġieba li hija meqjusa bil-Liġi tal-pajjiż li jkun ħareġ il-mandat ta' arrest Ewropew bħala għemil li jikkostitwixxi reat f'dak il-pajjiż. L-imġieba hija dik l-imġieba li wieħed isib miktuba fil-mandat ta' arrest Ewropew.

76. Fil-każ deċiż fir-Renju Unit bl-isem ta' **Office of the King's Prosecutor, Brussels (Respondents) v. Armas** imsemmi iżjed il-fuq, ġie deċiż li l-kelma imġieba, fit-test Ingliż "conduct" trid tingħata "a purposive meaning", li tfisser li dak li jkun ikun irid li jagħmel dik l-imġieba bi skop partikolari. Dan l-iskop irid jirriżulta mid-deskrizzjoni li trid tingħata tal-imġieba fil-mandat ta' arrest Ewropew. Kif intqal iżjed il-fuq il-Liġi Ewropea ma teħtieġx bilfors li l-Qorti Rimandanti jkollha dokumenti oħra biex tasal għall-konklużjoni tagħha, dment li l-mandat ta' arrest Ewropew ikun jispjega b'mod suffiċjenti dik l-imġieba li għaliha jkun inħareġ il-mandat. Fil-fatt fil-każ deċiż ukoll mill-Qrati tar-Renju Unit fl-ismijiet **Julian Assange v Swedish Prosecution Authority**[14] intqal li l-imġieba tkun trid tkun "fairly and accurately described". Iżda jekk tkun hekk deskritta, l-anqas hemm għalfejn li l-Qorti Rimandanti tirreferi wkoll għal informazzjoni jew dokumenti li ma jkunux inklużi fil-mandat ta' arrest

[14] Case No: C0/1925/2011, QBD, 2 ta' Novembru 2011

Ewropew. Biss skont l-Ordni u anke d-Deċiżjoni Kwadru, jekk ikun meħtieġ, il-Qorti Rimandanti tista’ titlob għal iżjed informazzjoni lil hinn minn dak miktub fil-mandat biex tkun tista’ tieħu d-deċiżjoni tagħha bl-istrument tal-informazzjoni supplimentari.

77. Iżda oltre minn hekk, fil-każ ta’ **Julian Assange** stess il-Qorti tar-Renju Unit qalet li:

*(c) The approach required by mutual recognition*

> 18 Mutual recognition of judicial decisions of other Member States within a common area for justice requires a court to approach issues on the basis that effect must be ordinarily given to the procedures of another Member State. In *Caldarelli v Court of Naples, Italy [2008] UKHL 51, [2008] I WLR 1724 the House of Lords* had to consider a challenge to an EAW issued by an Italian court which described the person as being “prosecuted”, even though he had been tried in absentia. Lord Bingham stated in relation to respecting a judge's description of the status of a person under that judge's system of law:
>
> “It might in some circumstances be necessary to question statements made in the EAW by the foreign judge who issues it, even where the judge is duly authorised to issue such warrants in his category I territory, but ordinarily statements made by the foreign judge in the EAW, being a judicial decision, will be taken as accurately describing the procedures under the system of law he or she is appointed to administer.”
>
> 19 Although Lord Bingham was dealing with a specific issue, we would adopt this approach in general to statements in an EAW made by a judge. However, more intense scrutiny is required, as we explain at paragraphs 49–50, where a warrant is issued by a “judicial authority” who is not a judge. It must always be remembered that a statement by a judge is a statement by a person who impartially adjudicates in the proceedings between the prosecution and the accused; statements made by persons not in that position therefore may in some circumstances require more intense scrutiny.

78. F’dan il-każ il-Qorti Rimandanti kellha quddiemha mhux biss id-deskrizzjoni tal-imġieba kif tirriżulta mill-mandat ta’ arrest Ewropew innifsu, iżda sussegwentement irċeviet ukoll il-Form A, inkluż dokumentazzjoni voluminuża li tinkludi parti mill-evidenza li ġiet miġbura mit-Tribunale di Catania Sezione del Giudice per le Indagini preliminari. Dan id-dokument għalhekk qiegħed jintbagħat lill-Qorti Rimandanti minn “judge” tal-Awtorita Ġudizzjarja Taljana, u

għalhekk il-kontenut tiegħu għandu jingħata l-importanza li jixraq kif imsemmi iżjed il-fuq.

79. L-istħarriġ li l-Qorti Rimandanti Maltija riedet tagħmel kien għalhekk prinċipalment jekk mill-mandat ta' arrest Ewropew u issa minn dak li rriżultalha mill-Form A u d-dokumenti annessi, kienx hemm informazzjoni biżżejjed biex jgħinha tasal għall-konklużjoni jekk ir-reati imsemmija fil-mandat ta' arrest Ewropew kienux setgħu jitqiesu "reati ta' estradizzjoni" skont ir-regolament 59 tal-Ordni.

80. L-Avukat Ġenerali saħqet li f'dan il-każ ir-reati imsemmija fil-mandat ta' arrest Ewropew kienu reati ta' estradizzjoni in bażi għar-regolament 59(3) tal-Ordni:

> (3) L-imġieba tkun ukoll tikkostitwixxi reat ta' estradizzjoni dwar il-pajjiż skedat jekk ikunu ġew sodisfatti dawn il-kondizzjonijiet li ġejjin:
>
> (a) l-imġieba tiġri fil-pajjiż skedat;
> (b) l-imġieba kienet tikkostitwixxi reat taħt il-liġi ta' Malta li kieku din tkun ġrat f'Malta;
> (ċ) l-imġieba tkun punibbli taħt il-liġi tal-pajjiż skedat bi priġunerija jew xi forma oħra ta' detenzjoni għalżmien tnax-il xahar jew b'piena akbar (tiġi kif tiġideskritta f'dik il-liġi).

81. Dan ir-regolament jirriżulta li huwa mfassal fuq section 64(3) tal-Extradition Act, 2003 tar-Renju Unit li kien jgħid:

> The conduct also constitutes an extradition offence in relation to the category 1 territory if these conditions are satisfied−
> (a) the conduct occurs in the category 1 territory;
> (b) the conduct would constitute an offence under the law of the relevant part of the United Kingdom if it occurred in that part of the United Kingdom;
> (c) the conduct is punishable under the law of the category 1 territory with imprisonment or another form of detention for a term of 12 months or a greater punishment (however it is described in that law)."

82. It-test tal-Liġi Maltija, iġifieri r-regolament 59(3) tal-Ordni bl-Ingliż jgħid hekk:

> (3) The conduct also constitutes an extraditable offence in relation to the scheduled country if these conditions are satisfied:
> (a) the conduct occurs in the scheduled country;
> (b) the conduct would constitute an offence under the law of Malta if it occurred in Malta;

(c) the conduct is punishable under the law of thescheduled country with imprisonment or another formof detention for a term of twelve months or a greaterpunishment (however it is described in that law)

83. Dan ir-regolament huwa għalhekk identiku għal dak tar-Renju Unit għajr ħlief fejn jirreferi għar-Renju Unit u l-klassifikazzjoni ta' category 1 territories li fl-aħħar mill-aħħar huma l-istess bħal scheduled countries fil-Liġi Maltija. Fil-każ li ġie deċiż fir-Renju Unit **Farid Halali** imsemmi iżjed il-fuq, kien jitratta, inter alia, każ ta' li fid-dritt penali Britanniku jissejjaħ “conspiracy to murder” fi Spanja u li kien ukoll jinvolvi elementi transnazzjonali. Dik il-Qorti ikkonkludiet b'dan il-mod:

40. In our judgment the judge was right to conclude that s.64(3) applies. The focus here was on conspiracy to murder. The conspiracy must be founded or maintained in Spain (the requesting jurisdiction). It is sufficient that any overt act in furtherance of the conspiracy occurred in Spain. In fact a number of overt acts were alleged to have taken place in Spain. The EAW contends that the Yarkas group, of which the appellant was said to be a member, was involved in preparation for the attack on 11 September and that the appellant lived for a time in Spain. There were telephone calls to Yarkas in Spain on 6 and 27 August and 28 September. Thus s.64(3)(a) is satisfied.

.../...

42. The next step is to transpose the alleged conduct to the United Kingdom and ask whether in terms of English law, if the conduct were proved to have occurred here, it would constitute an offence. We have been referred to s.1A of the Criminal Law Act 1977 which covers conspiracy to commit offences outside the United Kingdom. Mr Hardy makes the point that the words "if it occurred" in subsection (b) mean "if it is proved to have occurred". We are looking at the conduct of which the appellant is accused and not at issues of evidence as to whether the conduct alleged may or may not be established. The conduct alleged would constitute the offence of conspiracy to commit murder abroad if it occurred in this country and in our view the condition in s.64(3)(b) is met.

43. That leaves s.64(3)(c). The conduct is punishable in Spain by up to 30 years imprisonment. This comfortably exceeds the minimum period of 12 months specified in the subsection.

44. Accordingly, this case falls within s.64(3) and in our judgment Judge Workman was right so to conclude. It is accordingly unnecessary for us to express any view upon whether this case is also covered by s.64(4).

84. F’dan il-każ, il-Qorti tal-Maġistrati, eżaminat dawn l-atti li kellha quddiemha u waslet għall-konklużjoni li f’dan il-każ ir-reati miġjuba fil-mandat ta’ arrest Ewropew kienu reati ta’ estradizzjoni u jikkonsistu f’

(a) “participation in a criminal organisation”; u

(b) “illicit trafficking in narcotic drugs and psychotropic substances”;

85. Kwantu għar-reat ta’ “participation in a criminal organisation” l-Awtoritajiet Taljani jgħidu li dan kien finalizzat għal “trafficking in various types of drugs including cocaine and marijuana”. Kif irrimarkat il-Qorti tal-Maġistrati il-mandat ta’ arrest Ewropew kien maħruġ mill-Awtoritajiet Taljani fir-rigward ta’ John SPITERI in kwantu huma jikkontendu li SPITERI kien involut f’din l-assoċjazzjoni ta’ persuni li l-għan tagħha kien li tiġi mixtrija u traffikata d-droga msemmija mhux biss f’Malta iżda wkoll fl-Italja. Għall-Awtoritajiet Taljani, il-parteċipazzjoni ta’ SPITERI kienet marbuta mal-involviment tiegħu f’din l-assoċjazzjoni ta’ persuni li flimkien kienu qegħdin jiftehmu li tinġieb dik it-tip ta’ droga mill-Albanija biex eventwalment tiġi mibjugħa kemm fl-Italja kif ukoll f’Malta. Is-sħubija ta’ SPITERI hija deskritta bħala li kienet f’din l-assoċjazzjoni ta’ persuni li kellhom f’moħħhom li dik id-droga tinbiegħ ukoll f’Malta – u fejn allura SPITERI kellu rwol iżjed importanti; iżda mhux biss. L-Awtoritajiet Taljani jisħqu li dik l-assoċjazzjoni ta’ persuni, li minnha kien jifforma parti SPITERI kienet imwaqfa għal fini ta’ traffikar ta’ droga wkoll fit-territorju Taljan u din l-assoċjazzjoni kienet taħdem mit-territorju Taljan, fuq it-territorju Taljan b’distribuzzjoni kemm fl-Italja kif ukoll f’Malta.

86. Dak li ried jirriżulta lil Qorti tal-Maġistrati huwa li l-każ ta’ mandat ta’ arrest Ewropew maħruġ mill-Awtoritajiet Taljani jiddeskrivi l-imġieba b’mod “fair and accurate” iżda mhux ukoll li dik l-istess imġieba tkun trid tirriżultalha sal-grad “prima facie” bħal ma kieku kien ikun meħtieġ kieku dan kien każ t’estradizzjoni tradizzjonali. Dan l-eżerċizzju ma jsirx fil-każ ta’ eżekuzzjoni ta’ mandat ta’ arrest Ewropew. Il-Qorti tal-Maġistrati riedet biss tara jekk dik id-deskrizzjoni mogħtija mill-Awtoritajiet Taljani fil-mandat ta’ arrest Ewropew kienetx tirrapreżenta “a fair and accurate description” ta’ dak ir-reat biex, u meta tiġi biex tikkonkludi jekk ir-reati humiex ta’ estradizzjoni mingħajr il-ħtieġa li toqgħod tanalizza l-provi li l-Awtoritajiet Taljani bagħtu in kwantu jekk dak mistqarr minnhom bħala l-imġieba jew kondotta kien anke jirriżulta mill-

mandat ta' arrest Ewropew biss, dak setgħa jkun biżżejjed għal dik il-Qorti biex tiddeċiedi t-talba.[15]

87. Mid-deskrizzjoni tal-imġieba kontenuta fil-mandat ta' arrest Ewropew jirriżulta li din l-attivita skedata kienet operattiva bejn Mejju 2018 u April 2019 bejn Sqallija, il-Kalabrija, il-Pulja, Milan u l-Brijanza u r-Repubblika ta' Malta. Il-mandat ta' arrest Ewropew, f'paġna 23 tal-atti jispjega li John SPITERI:

> the person associated with Amico Rosario ... (u tnax il-persuna oħra) ... to commit a number of offences including the possession, transportation, distribution and sale of the drugs referred to in tables I and II under Article 14 of the same Presidential Decree.

88. Din id-deskrizzjoni allura turi li l-Awtoritajiet Taljani jikkontendu li SPITERI assoċja ruħu ma Amico Rosario u tnax il-persuna oħra biex jikkommettu sensiela ta' reati li jinkludu l-pussess, trasport, distribuzzjoni u l-bejgħ ta' drogi msemmija u li huma skedati fil-Liġi Taljana. Imbagħad f'dan il-mandat, ikomplu jiddeskrivu kif din l-assoċjazzjoni ta' persuni wetqet dan il-pjan billi kwantitajiet ta' droga ġew mixtrija mill-Albanija ġew trasportati lejn u mit-territorju Taljan, biex imbagħad kwantitajiet ta' droga ġew distribwiti lejn l-Italja ta' fuq u Malta biex dawn jiġu mibjugħa f'dawk it-territorji Taljani u f'Malta.

89. Is-soċji Albaniżi Hoxhaj Eriseld, Hoxhaj Ledi u Hoxhaj Emiljano huma deskritti bħala l-"permanent suppliers" li kienu jipprokuraw kwantitajiet kbar ta' droga marijuana mill-Albanija, biex imabgħad jittrasportawha fit-territorju Taljan mill-Pulja lejn Sqallija f'Ispica biex din tiġi mgħoddija lil Amico Rosario. Amico Rosario kien dak li promwova, ħoloq, iddeieġa u organizza din l-assoċjazzjoni. Amico Rosario u l-assoċjati l-oħra kienu imbagħad ibiegħu dawn il-kwantitajiet ta' droga "prevailingly in the "Republic of Malta"" lil John SPITERI, li jiġi deskritt bħala "in his role as permanent purchaser of marijuana". Imbagħad Agostino Alessandro, Agostino Giuseppe, Agostino Salvatore, Bevilacqua Antonio, Bevilacqua Rocco fil-kapaċita ta' "permanent suppliers" kienu wkoll jipprokuraw ammonti kbar ta' droga kokajina u marijuana u li kienu jittrasportawha mill-Calabria lejn Ispica "and those amounts were given to Amico Rosario and the other associates who then sold the drugs to others. Melfi Roberto in his role as permanent purchaser of cocaine-type drugs which he bought from Amico

[15] Imbagħad l-analiżi jekk dawk il-provi humiex biżżejjed biex tinstab ħtija hija analiżi li tkun trid tagħmel il-Qorti Barranija fil-każ li t-talba tagħha tiġi milqugħa.

Rosario and the other associates and sold in the provinces of Milan and Monza”.

90. Fil-kumplament ta’ dak mistqarr fid-“description of the circumstances in which the offence was committed, including the time, place and degree of participation in the offence by the requested person” f’paġna 24 imbagħad jiddeskrivu f’iżjed dettal kif din l-assoċjazzjoni kienet topera bejn it-territorju Albaniż, Taljan u Malti fit-twettieq tal-għan aħħari li jkun it-traffikar tad-droga marijuana u kokajina. Fl-informazzjoni kontenuta fil-Form A (Dok AG) u d-dokument AG1 jirriżultaw imbagħad riżultanzi investigativi tat-Tribunale di Catania in konnessjoni ma dan il-każ u li jolqtu dak li skont l-Awtoritajiet Ġudizzjarji Taljani huwa l-involviment ta’ John SPITERI fi ħdan din l-assoċjazzjoni imsemmija iżjed il-fuq. Id-dokumentazzjoni hija dettaljata u tispjega kemm ir-rwol kif ukoll l-involviment li skont dawk l-Awtoritajiet kellu John SPITERI.

91. Stħarriġ ta’ din l-informazzjoni (aktar milli tal-provi) juri li l-Awtoritajiet Taljani qegħdin jikkontendu li l-assoċjazzjoni finalizzata għat-traffikar tad-drogi kienet ġiet kostitwita u maħluqa minn Amico Rosario li kien dak li promwova, idderieġa u organizza din l-assoċjazzjoni minn Sqallija, fl-Italja. Jingħad ukoll li John SPITERI kien parti minn din l-assoċjazzjoni u jingħataw dettalji li huwa kien wieħed minn dawk li jixtri kwantitajiet kbar ta’ droga marijuana bil-għan li tiġi spaċċata f’Malta, iżda mhux biss. Fil-mandat jingħad li:

> the group, directed by Amico Rosario, had its operational and organisational headquarters in Ispica (Province of Ragusa), branches in Malta and in Lombardy and received supplies from Albanian channels (via Apulia) and in Calabria.
> It has continuously been devoet for over a year (length of the investigations) to procuring large shipments of drugs, which had been commissioner to suppliers from Calabria and Albania and were stored between Ispica and Rosolini and then sold and transported in part to Malta (intended to be delivered to SPITERI John and other unidentified persons), in part to Lombardy (through MELFI) and part put on the local retail or wholesale market (between the Provinces of Siracusa and Ragusa).

92. Dan allura juri kif u għaliex l-Awtoritajiet Ġudizzjarji Taljani jisħqu li għandhom ġurisdizzjoni fir-rigward ta’ dan l-ewwel reat in kwantu skonthom din l-assoċjazzjoni kienet imwaqfa, operattiva u taħdem mill-bażi organizzattiva tagħha f’Ispica fi Sqallija (Italja) b’fergħat fil-Lombardija (ukoll fl-Italja) u f’Malta. Malta kienet isservi

ta' fergħa għat-twettieq tan-negozju tad-droga ta' din l-assoċjazzjoni. L-Awtoritajiet Taljani fil-fatt jikkontendu li parti minn dan ir-reat kien ġie kommess fit-territorju Taljan u b'hekk huma għandhom ġurisdizzjoni in bażi għall-artikolu 6 tal-Kodiċi Penali tagħhom li jipprovdi li reat jiġi kunsidrat li ġie kommess fit-territorju tal-Istat Taljan meta l-azzjoni jew l-omissjoni li tikkostitwixxi r-reat tkun seħħet kollha kemm hi **jew anke f'parti minnha** fit-territorju tal-Istat Taljan jew ukoll jekk l-event dannuż li jkun il-konsegwenza ta' dik l-azzjoni jew omissjoni tkun seħħet fit-territorju tal-Istat Taljan.

93. Mid-dokumentazzjoni mibgħuta mill-Awtoritajiet Ġudizzjarji Taljani jirriżulta li fil-fatt kien hemm ukoll twettieq ta' atti li, meħuda flimkien, inkluż dawk li seħħew fit-territorju tal-Istat Taljan jaqgħu fit-tifsira ta' dak li jsawwar imġieba li tikkostitwixxi wkoll ir-reat kontemplat fl-ewwel ipoteżi. F'dan is-sens il-Qorti tal-Maġistrati indikat ukoll is-siltiet rilevanti fil-mandat ta' l-arrest Ewropew a fol 25. Iżda wieħed jista' wkoll ikompli jżid fuq dan dak li jinstab a fol 150 sa 154. Ad eżempju a fol 161 jingħad ukoll li:

> In confirmation of the transnational branches of the drugs-trafficking managed by the group concerned, through the boarding lists given by the company Virtu Ferries, several trips to Malta were monitored, carried out by HOXHAJ Eriseld, Hoxhaj Ledi, Abedinaj Arber, Amico Rosario and Armenia Lucia, who is a close friend of Amico Rosario.
> Sometimes it was Amico Ray who used to travel, Amico Rosario's son, in some cases delegated by his father due to reasons related to the payment of the narcotic drug and to keep contacts with a guy called Gianni or John, namely a Maltese citizen subsequently identified as SPITERI John, born in Malta on 14th February 1966.
> The contacts of Amico with SPITERI, attested by technical investigations subsequently carried out, turned out to fall into dynamics which are typical of the drugs-trafficking, especially referring to the payment of some batches or narcotic drug already delivered and/or to the planning of new supplies.
> In addition, the investigations concerned attested how ARMENIA Lucia had a dual role as intermediary ebtween the criminal organization stationed in Ragusa area and the Maltese cell and – playing a role of higher importance – as "guarantor" of a successful outcome of the drug sales "...I must be there when the thing will arrive and he sees, he watches it and he gives me the briefcase and what's that I said..."

94. Il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Rimandanti setgħet tikkonkludi li l-imġieba imsemmija fir-rigward tal-ewwel reat ossija "participation in a criminal organisation" seħħet fil-pajjiż skedat,

f'dan il-każ fl-Italja u fiż-żmien imsemmi fil-mandat ta' arrest Ewropew. Fil-fatt a fol 172 jingħad ukoll is-segwenti:

> The double circumstance for which the consignee of the batch of narcotic drug seized in Malta was SPITERI John and that such missions were part of a scenario related to a transnational organization engaged in drug trafficking, with branches in Italy, Albania and Malta, was corroborated by the tappings carried out on the next 2nd September 2018 on board the car Nissan Qashqai 2, provided with numberplate EC768VL, having as object some dialogues between AMICO Rosario and SPITERI John, alias Gianni, namely a Maltese just arrived in Pozzallo from Malta. In such dialogues the two men clearly referred to the event of 30th June 2018 alluding to the arrest of a man (CATANIA Fabian) and the loss suffered by SPITERI as purchaser stayed dry.
>
> AMICO Rosario, after waiting for him before the port, met SPITERI and made him get into the car Nissan Qashqai. The two men went to Ispica, where there made some laps in via dello Zafferano and also nearby a company producing plastic containers (silos) for the transportation of liquid substances; **for the latter purpose, the two men commented on the circumstance that they could have used those containers in order to hide the narcotic drug to be shipped to Malta.**[16]
>
> 2nd September 2018 – In the course of the meeting AMICO warned SPITERI informing him that the Albanians were convinced he was dangerous because, in order to earn, he used to act without any caution ("...they say... they say you are dangerous...not dangerous for the police...for the money...)
>
> AMICO made SPITERI understand that prudence was an essential factor to avoid "unpleasant surprises" ("you cannot neglect and leave out anything... otherwise we fall....because you have lost money...a person had gone to jail... this is it? And the police is careful...We don't bring candies here, do you understand?).
>
> AMICO insisted on the necessity to pay more attention in the future, also recalling a previous situation where a guy called Alfredo was involved (...it heppened twice...Gianni...once for that fuching Alfredo and once I don't know to whom should I say dick... but maybe to everybody...you were much too busy with...)
>
> With reference to the guy called Alfredo, above mentioned, SPITERI made AMICO understand that his brother and him were in a serious danger since the "croati" were searching for him due to a debt of 80,000.00 euros, a circumstance for which they had the intention to kill them (SPITERI: he will die soon, you will hear him soon...there are "Croats" behind him the... they asked me for the address...he owes them more than eighty-thousand... they wanted him with his brother, they have already found his brother, but Alfredo changed home. When it happened he has not gone there anymore).
>
> And again, referring to the drive stopped, namely CATANIA Fabian, and to the circumstance that he, under interrogation, had talked mentioning HEGEDUS Tomislav as the person to whom he should have delivered the

[16] Enfażi miżjuda.

> batch of narcotic drug, SPITERI made AMICO understand he had the intention to “get rid of” physically (SPITERI...that jerk we have to get rid of ... the mand who opened his mouth... the man who drove the truck... he said that ...he named only him... that this morning called him and said to go to take the stuff...yes...I think so...you know why...because the other one...the Moor... he told me they interrogated the driver too...the truck driver here... A: what he told him...and he told him where I went to go pick up her ... and everything?

95. Kif issemma fil-każ Ingliż **Halali** huwa biżżejjed jekk l-azzjoni ssir anke in parti fit-territorju tal-istat rikjedent, f’dan il-każ l-Italja. Inoltre huwa biżżejjed li l-assoċjazzjoni tkun imwaqfa u mmexxija fil-pajjiż rikjedent, huwa biżżejjed li jiġi muri li jkun hemm xi atti li juri mhux biss li kien hemm xi ftehim jew għan ta’ twettieq ta’ reati kriminali wara din l-assoċjazzjoni li f’dan il-każ li huwa marbut ma traffikar ta’ drogi projbiti (li jista’ wkoll jiġi deżunt miċ-ċirkostanzi) kif ukoll li jkun hemm xi atti ossija “overt acts” li jkunu saru bi twettieq ta’ l-għan wara din l-assoċjazzjoni li jkunu saru fit-territorju tal-Istat rikjedent, bħal trasport ta’ droga, konversazzjonijiet li jkunu sar permezz ta’ telefonati jew inkella li jkunu saru wiċċ imb’wiċċ, eċċetra.

96. Din l-imġieba kif deskritta kemm fil-mandat ta’ arrest Ewropew kif ukoll f’dak imsemmi fid-dokument AG1 tirriżulta u turi mhux biss l-eżistenza ta’ din l-assoċjazzjoni bi skopijiet kriminali iżda wkoll l-allegat involviment ta’ John SPITERI fit-twettieq ta’ l-għanijiet ta’ din l-assoċjazzjoni. Il-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment tikkonkludi li din l-imġieba seħħet fit-territorju tal-istat rikjedent, iġifieri l-Italja f’dan il-każ. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti qegħda tgħid li John SPITERI għandu jinstab ħati ta’ dan ir-reat. Qiegħed jingħad biss li l-fatti deskritti jagħtu “a fair and accurate description” ta’ dak ir-reat. Issa jekk l-Awtoritajiet Taljani għandhomx provi sodi biżżejjed o meno biex isaħħu l-każ tagħhom hija kwistjoni li jkun irid jara l-Prosekutur Taljan u l-Qorti li tkun trid tiġġudika l-każ.

97. Din il-Qorti ssib ukoll li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet legalment u raġonevolment korretta fil-konklużjoni tagħha meta qieset li kieku l-imġieba attribwita lill-SPITERI fil-mandat ta’ arrest Ewropew seħħet f’Malta din kienet tkun reat kriminali skont il-Liġi Maltija. Fil-fatt dik il-Qorti semmiet żewġt eżempji ta’ liġijiet li taħthom l-imġieba imsemmija fil-mandat ta’ arrest Ewropew kienet tikkostitwixxi reat kriminali f’Malta kieku l-imġieba seħħet f’Malta.

98. Finalment mill-mandat ta’ arrest Ewropew jirriżulta li l-imġieba imsemmija fil-mandat relattivament għall-ewwel reat iġġor piena potenzjali ta’ priġunerija ta’ tnax il-xahar jew żmien akbar.

99. It-tieni reat ipotizzat fil-mandat ta’ arrest Ewropew, li huwa wkoll reat skedat, huwa “illicit trafficking in narcotic drugs and psychotropic substances”. Skont il-mandat, f’paġna 23 jirriżulta li r-reat fir-Repubblika tal-Italja huwa dak ta’ : “trade in, and transport of, marijuana-type drugs with aggravating circumstances ...”

100. F’dan il-każ, id-deskrizzjoni tar-reat torbot ma episodju speċifiku li huwa s-segwenti:

> The person, in complicity with AMICO Rosario, ARMENIA Lucia, HOXHAJ Erseld, a.k.a. “Riku”, HOXHAJ Emiljano and HOXHAJ Ledi, a.k.a. “Paolo” or “Pano”, and with CATANIA Fabian and HEGEDUS Tomislav (against whom separate proceedings have been instituted as they have been caught red-handed in the Republic of Malta), without an authorisation under Article 17 of the aforementioned Decree, organised the buying and selling, and the transport, of a large amount of marjuana-type drugs with a gross weight of 84 kilograms in total and its transfer from Apulia to Malta.

101. L-imġieba kontestata lil SPITERI hija dik ta’ kompliċi flimkien ma Amico Rosario u oħrajn (fosthom Fabian Catania u Tomislav Hegedus li għaddejjin proċeduri kriminali f’Malta in konnessjoni ma’ dan il-każ) mingħajr awtorizzazzjoni skont il-Liġi Taljana, organizzaw il-bejgħ, xiri u trasport ta’ ammont kbir ta’ marijuana mill-Pulja sa’ Malta. Jingħad li Amico Rosario kien għal darb’oħra l-organizzatur ossija dak li kien qiegħed jagħti l-istruzzjonijiet biex isir in-negozju ta’ 84 kilogramma ta’ marijuana mill-Pulja lejn Malta. Armenia Lucia kienet dik li kellha tassisti u takkumpanja lil Amico Rosario lejn Malta, kif ukoll kienet iżżomm il-kuntatt max-xerrej ta’ din id-droga kif ukoll tagħti informazzjoni dwar il-qabda ta’ din id-droga. HOXHAJ Erseld, a.k.a. “Riku”, HOXHAJ Emiljano and HOXHAJ Ledi, a.k.a. “Paolo” or “Pano” kellhom jittrasportaw din id-droga mill-Pulja lejn Sqallija u jaħbu din id-droga f’biċċiet ta’ għamara li mbagħad kellha tintbagħat b’kollox u tiġi trasportata lejn Malta. Fabian Catania kien dak li kellu jsuq il-vettura KAB361 li fuqha kienet qegħda tinġarr din il-kwantita ta’ droga. Catania kellu jikkonsenjaha lil Tomislav Hegedus: il-persuna li kellha tirċievi din id-droga f’Malta. Iżda fil-mandat ta’ arrest Ewropew, l-Awtoritajiet Taljani jgħidu li Hegedus kien ġie mqabbad biex jirċievi din id-droga

f'Malta minn John SPITERI. Iżidu wkoll li John SPITERI kien id-destinatarju aħħari u l-persuna li xtara din id-droga. Il-mandat ta' arrest Ewropew jgħid li dan ir-reat kien ġie kommess fil-Pulja, fi Sqallija kif ukoll f'Malta bejn it-22 ta' Ġunju 2018 u d-29 ta' Ġunju 2018.

102. A fol 25, fl-istess mandat jingħaw iżjed dettalji speċifiċi dwar kif din il-kwantita ta' 84 kilogramma ta' droga ġiet trasportata mill-Italja lejn Malta. Jingħad li dan seħħ bejn it-22 u d-29 ta' Ġunju 2018, Rosario Amico ftiehem ma HOXHAJ Erseld, a.k.a. "Riku", HOXHAJ Emiljano and HOXHAJ Ledi, a.k.a. "Paolo" or "Pano" biex dawn jittrasportaw konsenja ta' marijuana li kienet ġejja mill-Pulja – Bari jew Leċċe – u li ġiet trasportata lejn Pozzallo moħbija f'biċċiet ta' għamara minn Amico u xi persuni oħra. Fid-29 ta' Ġunju 2018 dawn rikbu l-catamaran tal-Virtu Ferries lejn Malta biex isusu fuq din il-konsenja. Din il-konsenja kienet ġiet imbagħad trasportata minn Fabian Catania li nqabad mill-Pulizija Maltija u ġie arrestat. Sussegwentement il-Pulizija Maltija arrestat ukoll lil Tomislav Hegedus. Il-vjaġġ ta' Amico u Armenia kien reġistrat fil-passenger list tal-Virtu Ferries, inkluż dak lura lejn Sqallija fl-1 ta' Lulju 2018. Inoltre kien hemm interċettazzjonijiet li minnhom l-Awtoritajiet Taljani setgħu jiddeduċu tali preżenza. Amico u Armenia kkummentaw ma Hoxhaj Ledi fuq il-qabda tad-droga kif ukoll l-atteġġjament traskurat tax-xufier Fabian Catania kif ukoll l-iżbalji li kien għamel "Gianni", li wara, kif ingħad iżjed il-fuq l-Awtoritajiet Taljani stabbilew li kien John SPITERI, li kien indikat minnhom bħala x-xerrej ta' din il-konsenja droga kif ukoll id-destinatarju aħħari tagħha. L-Awtoritajiet Taljani komplew isaħħu r-rabta bejn dan in-negozju tad-droga u John SPITERI anke wara li din id-droga ġiet interċettata mill-Pulizija Maltija billi fit-2 ta' Settembru 2018 John SPITERI kien mar Sqallija "(as documented by the passenger lists)" u ġie interċettat flimkien ma Amico Rosario fil-karozza ta' dan ta' l-aħħar fejn qabdu l-konversazzjoni bejniethom li kienet turi l-involviment ta' Amico u SPITERI f'dan id-deal ta' droga cannabis li mar ħażin, nonche (kif ukoll jirriżulta mill-interċettazzjonijiet li ġew riprodotti siltiet minnhom fid-dokument AG1) fejn Amico għamel appell lil SPITERI biex dan iżomm attenzjoni akbar għaliex fl-aħħar mill-aħħar ma kienux qegħdin iġibu l-karamelli hawnhekk.

103. Din id-deskrizzjoni tal-imġieba relattiva għat-tieni reat turi li l-konsenja ta' 84 kilogramma marijuana kienet ġiet trasportata mit-territorju Taljan għal dak Malti bejn it-22 ta' Ġunju 2018 u d-29 ta'

Ġunju 2018. It-trasport ta' droga marijuana fit-territorju Taljan minghajr awtorizzazzjoni huwa mistqarr li jikkostitwixxi reat kriminali fl-Italja. Anke hawnhekk għalhek parti sostanzjali mill-imġieba twetqet fit-territorju Taljan. In definittiva l-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Rimandanti setgħet legalment u raġonevolment tikkonkludi li l-imġieba imsemmija fit-tieni reat kienet seħħet fil-pajjiż skedat.

104. Kif spjegat il-Qorti tal-Maġistrati fis-sentenza tagħha din l-imġieba kif deskritta fil-mandat ta' arrest Ewropew kienet tikkostitwixxi reat kriminali kieku ġiet imwetqa f'Malta. Kemm l-importazzjoni ta' droga cannabis kif ukoll l-esportazzjoni tad-droga cannabis nonche t-trasport tagħha fit-territorju Malti, meta tkun mingħajr awtorizzazzjoni skont il-Liġi tikkostitwixxi reat kriminali punibbli bi priġunerija. Dan joħroġ ċar ukoll, apparti minn dawk l-artikoli msemmija mill-Qorti tal-Maġistrati fis-sentenza tagħha, wkoll mill-artikoli 13, 14, 15, 15A, 16, 17, 18, 19, u 22 (1Ċ) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

105. Kif jirriżulta wkoll mill-mandat ta' arrest Ewropew, il-piena li għalih huwa soġġett dan ir-reat fl-Italja jaqbeż it-tnax il-xahar priġunerija u b'hekk jikkwalifika wkoll għal dak li jrid ir-regolament 59(3) tal-Ordni.

106. Id-Difiża targumenta li ladarba r-reati għandhom konnessjoni ma Malta jew li l-effett tagħhom kien Malta allura ma kienx hemm lok għaċ-ċediment ta' SPITERI fuq dan il-mandat. Dan huwa argument jista' ma jgħinx wisq lill-appellant. F'dan il-każ, kif ġie spjegat iżjed il-fuq, huwa minnu li Malta kienet tifforma parti mit-territorji li fih id-droga kellha tiġi distribwita u mhux eskluż li setgħa kien każ ta' ġurisdizzjonijiet konkorrenti in kwantu dan huwa każ "cross-border", li jaqsam il-fruntieri ta' bejn pajjiż u ieħor. Mill-atti l-anqas jirriżulta li l-Pulizija Maltija fetħet xi każ kontra John SPITERI b'rabta ma din l-imġieba msemmija fil-mandat ta' arrest Ewropew. Iżda kif intwera iżjed il-fuq l-imġieba, li kieku seħħet f'Malta, kienet tikkostitwixxi reat kriminali f'Malta bid-differenza pero li din l-imġieba, kieku kienet prosegwita f'Malta, kienet tista' tissarraf f'piena ta' massimu ta' priġunerija għall-għomor kemm fir-rigward tal-ewwel kif ukoll fir-rigward tat-tieni reat kontestat. Mentri kif inhuma l-affarijiet bħalissa, jekk l-Awtoritajiet Taljani jipproċedu kontra l-appellant in bażi għal dan il-mandat ta' arrest Ewropew, l-istess imġieba kontestata lill-appellant ġġorr piena massima ta' erbgħa u għoxrin sena priġunerija għar-rigward tal-ewwel reat kif ukoll tlettax il-sena u erba' xhur għat-tieni reat. Kjarament li l-Istat

Taljan għalkemm jikkriminalizza l-istess imġieba, iwaħħal pieni anqas ħorox għal min jinqabad jikkommetti dawn ir-reati minn dak li jagħmel l-Istat Malti.

107. Il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Rimandanti setgħet għalhekk legalment u raġonevolment tikkonkludi li r-reati li għalihom qiegħed jintalab John SPITERI huma reati ta' estradizzjoni.

Għaldaqstant dan l-aggravju qiegħed jiġi respint.

## Ikkunsidrat

108. L-aggravju li jitratta l-prinċipju tar-reċiproċita:

> **G. Dwar** il-prinicpju tar-reciprocita
>
> Illi s-seba aggravju jitratta dwar il-principju tar-reciprocita u l-principju tar-rikonoxximent reciproku f'materja ta' assistenza u koperazzjoni gudizzjarja bejn il-Membri Stati. Liema principji jifformaw il-qofol tal-proceduri ta' MAE fit-termini tad-Deċizjoni Kwadru tal-Kunsill tat-13 ta' Gunju, 2002 (2002/584/JHA).
>
> Illi f'kuntest ta' estradizzjoni, dan il-principju jiddisponi li l-imgieba ta' stat sovran fil-konfront ta' stat sovran iehor ghanda tkun riflessjoni ta' kif dak l-istat ikun gab ruhu mas-stat u c-cittadini tal-iehor, Dan b'tali mod li vantaggi u privileggi jigu akkordati lil xulxin u lic-cittadini taghhom b'sens ta' reciprocita'.
>
> Illi ricentament fis-sentenza **Cassazione penale sez. VI - 26/01/2022. n.31774,** il-*La Corte Suprema di Cassazione (Sezione Sesta PenaleJ* ordnat li Taljan mitlub mis-Stat Malti bis-sahha ta' Mandat ta' Arrest Ewropew ma ghandux jinbghat lejn Malta. Dan peress, skond l-Awtoritajiet Taljani, Malta naqset minn li toffri certu garanziji fit-termini tad-Decizjoni Kwadru;
>
> Illi l-esponent, tramite l-legali tieghu, kemm il-darba kellu l-opportunita f'dawn il-proceduri jissottornetti dwar ir-riluttanza tas-Stat Taljan li jirrispetta s-sovernita tas-Stat Malti fir-rigward rikjesti ghal estradizzjoni. Fir-rikors tieghu ta' nhar it-23 ta' Awwissu, 2022 l-esponent irrileva dan il-fat fil-kuntest ta' talba biex l-Istat Taljan jaghti lis-Stat Malti diversi garanziji fil-konfront tal-appellant. Kif sottomess iktar il-fuq, dawn il-garanaziji m'humiex frivoli jew irrelevanti izda jitrattaw id-drittijiet fondamentali tal-esponent fosthom id-dritt tieghu kontra trattament inuman u degredanti. Ir-riluttanza, adirittura rifjut, tas-Stat Taljan li jezegwixxi Mandati ta' Arrest Ewropej mibghuta mis-Stat Malti, jikser il-phncipju' tar-reciprocita.

> Konsegwentament, qabel mas-Stat Taljan jirrimedja din l-infrazzjoni ta' Dritt Internazzjonali, l-Istat Malti ma ghandux jesegwixxi l-Mandat ta' Arrest Ewropew odjern.

109. Il-kunċett ta’ reċiproċita huwa bażat fuq il-prinċipju tal-identita jew l-ekwivalenza ta’ drittijiet u dmirijiet bejn l-Istati Sovrani. Il-prinċipju tar-reċiproċita ma jinstabx biss fil-qafas tal-estradizzjoni iżda huwa prinċipju tad-dritt internazzjoni pubbliku b’mod ġenerali. Dan kien minn dejjem prinċipju importanti fil-qasam tal-estradizzjoni fejn allura l-istess dmirijiet ikunu imposti fuq l-Istati kollha li jkunu qegħdin jiftehmu bil-mezz ta’ trattati bejniethom. Ġieli jiġri li diversi Stati jagħżlu li jestradaw persuni każ b’każ skont il-Liġi domestika tagħhom. Iżda f’dan il-każ, l-Istat li jkun qiegħed jestradixxi lil dik il-persuna partikolari jitlob xi forma ta’ garanzija ta’ reċiproċita f’każ li xi darba jqum xi każ ieħor li jkun simili għal dak li jkun qiegħed jibgħat lil dik il-persuna għalih. Din kienet sistema, per eżempju li kienet tintuża bejn il-Ġermanja u l-Iżvizzera. Hija wkoll sistema li għadha possibbli fuq livelli internazzjonali b’mod partikolari bejn Stati li ma jkunx hemm ftehim bejniethom dwar l-estradizzjoni u fejn il-proċess ta’ estradizzjoni huwa wieħed politiku iżjed milli legali.

110. Dan ma għadux il-każ fl-Unjoni Ewropea. Kif ġie spjegat fil-bidu ta’ din is-sentenza, l-Unjoni Ewropea għamlet l-istitut tal-mandat ta’ arrest Ewropew speċifikament biex bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea il-kunċett tal-estradizzjoni jitneħħa u minflok l-estradizzjoni tkun bażata fuq proċess politiku u deċiżjoni politika, jinbidel għal proċess bażat fuq deċiżjoni ta’ Awtoritajiet Ġudizzjarji imsejsa fuq il-kunċett ta’ fiduċja reċiproka u rikonoxximent reċiproku ta’ deċiżjonijiet ġudizzjarji.

111. It-tifsira mogħtija lill-kunċett tar-reċiproċita f’dan l-ambitu tal-Unjoni Ewropea huwa differenti minn dak li d-Difiża qegħda timplika fir-rikors tal-appell tagħha. Ir-reċiproċita fil-kuntest tal-Unjoni Ewropea illum huwa ffukat fuq il-fiduċja li l-Awtoritajiet tal-Istat tal-Eżekuzzjoni jrid ikollu fl-Awtoritajiet tal-Istat li joħroġ il-mandat ta’ arrest Ewropew u vice versa. Dan huwa s-sies u l-pilastru tal-istitut tal-mandat ta’ arrest Ewropew.

112. Huwa minnu li din is-sistema ġabet kritika minn diversi studjużi tad-Dritt fejn, kif qalet id-Difiża, il-kunċett ta’ “mutual trust” ma għandux jiġi konfuż mal-kunċett ta’ “blind trust” bejn l-Awtoritajiet Ġudizzjarji Ewropej. Iżda għalkemm dan huwa argument validu, mill-banda l-oħra jista’ jkun argument li jekk jiġi interpretat b’ċertu

mod jista' jġib fix-xejn il-kunċett sħiħ wara l-mandat t'arrest Ewropew innifsu. Kif semmiet id-Difiża hemm diversi kummentaturi li jikkritikaw din is-sistema minħabba li toffri sfidi għas-sistema ta' proċedura kriminali u ħarsien tal-jeddijiet tal-bniedem. Koen Leanerts, ċitat mid-Difiża mhux l-uniku persuna li tikteb dwar dan is-suġġett.[17] Hemm diversi kummentaturi oħra li jaqsmu dak il-ħsieb. Wara kollox anke s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea **Aranyosi u Căldăraru** imsemmija iżjed il-fuq titratta wkoll, sa' ċertu punt, dan is-suġġett u wriet li fil-fatt din is-sistema ta' mandat ta' arrest Ewropew mhix kwistjoni ta' "blind trust". Imma huwa fatt innegabbli l-kunċett ta' "mutual trust" bejn l-Awtoritajiet Ġudizzjarji huwa wieħed b'saħtu ħafna f'din il-Liġi.

113. Huwa minnu wkoll li peress li l-proċedura tal-mandat ta' arrest Ewropew kienet imwaqqfa b'Deċiżjoni Kwadru kien hemm diversi Stati Membri, bosta drabi dawk li huma wħud mill-ikbar pajjiżi tal-Unjoni f'termini ta' territorju u popolazzjoni, li meta ġew biex idaħlu din is-sistema fil-Liġijiet tagħhom spiċċaw jew ma għamlux liġi li tkun tirrifletti sewwasew il-kliem u l-ispirtu tad-Deċiżjoni Kwadru jew saħansitra implimentaw dik id-Deċiżjoni Kwadru b'mod żbaljat. Hemm diversi eżempji ta' pajjiżi fl-Unjoni Ewropea li għamlu dan. Bħal ma hemm diversi pajjiżi fl-Unjoni Ewropea li ma għandhomx l-istess livell ta' ħarsien ta' jeddijiet tal-bniedem.

114. Iżda minkejja dan, il-prinċipju li l-Liġi tal-Unjoni Ewropea tirbaħ fuq il-Liġi tal-pajjiżi membri individwali tal-Unjoni wassal biex dawk il-pajjiżi li ma kienux daħlu l-Liġi tal-mandat ta' arrest Ewropew sew fis-sistema tagħhom kellhom jibdlu l-Liġi tagħhom biex tkun iżjed taqbel mad-Deċiżjoni Kwadru tal-mandat ta' arrest Ewropew u

[17] In summary, the principle of mutual recognition is a constitutional principle that pervades the entire AFSJ. It is predicated on mutual trust between the Member States. It is only by sharing the same founding values of democracy, pluralism, respect for the rule of law and fundamental rights that EU citizens may move freely and securely in an area without internal frontiers. It is said that «[t]rust takes years to build, seconds to destroy and forever to repair». That is why I believe that both the EU and its Member States must be pro-active in strengthening mutual trust between national authorities, in particular, national judiciaries. This means that EU legislative measures that facilitate the application of the principle of mutual recognition must be accompanied by "trust-enhancing legislation". In the same way, the EU must prevent the emergence of "systemic deficiencies". To that effect, the new EU Framework to strengthen the Rule of Law put forward by the Commission appears to be an interesting initiative. Mutual trust must not be confused with "blind trust". The principle of mutual recognition must be applied in compliance with the principle of proportionality, must respect the margin of discretion left by the EU legislator to national authorities, and must take into account national and European public-policy considerations.- The Principle of Mutual Recognition in the Area of Freedom, Security and Justice; < http://www.dirittounioneeuropea.eu/principle-mutual-recognition-area-freedom-security-justice> aċċessat 17/09/2022.

kellhom ukoll jibdlu d-deċiżjonijiet tagħhom biex jiġi in linea ma' dak li trid l-Unjoni Ewropea minnhom.

115. Eżempju: Spanja, kellha prinċipju fil-kostituzzjoni tagħha li bih ma taċċettax li ċittadin Spanjol jiġi estradit lejn pajjiż ieħor għal reat li ma jkunx kommess fi Spanja; kif ukoll li l-prinċipju tar-reċiproċita għadu wieħed mill-prinċipji bażiċi biex Spanja tkun tista' twettaq estradizzjoni. Iżda dawn il-prinċipji kostituzzjonali Spanjoli kellhom jiġu interpretat b'mod li ma japplikawx bl-istess mod għal mandat ta' arrest Ewropew maħruġ fl-Unjoni Ewropea peress li d-Deċiżjoni Kwadru dwar il-mandat ta' arrest Ewropew ma tippermettix lil pajjiżi membri tal-Unjoni Ewroprea milli jirrifjutaw li jċedu liċ-ċittadini ta' dak il-pajjiż stess, sakemm ma jieħdux huma stess l-eżekuzzjoni tal-azzjoni li twassal għall-piena karċerarja kontra dik l-istess persuna.

116. Prinċipju simili kien ukoll japplika fis-sistema legali Taljan fejn fil-każ ta' eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew il-Qorti Rimandanti Taljana tista' tirrifjuta li teżegwixxi mandati ta' arrest Ewropej maħruġa kontra ċittadini Taljani jew ċittadini ta' membru tal-Unjoni Ewropea residenti fl-Italja għal minn tal-anqas ħames snin f'dawk il-każijiet fejn setgħet tittieħed proċedura kriminali skont il-Liġi kriminali Taljana minflok. Minkejja din il-Liġi fl-Italja, Malta ma għandhiex liġi bħala. Jispetta għall-Parlament Malti li, jekk irid, jagħmel Liġi li tkun iżjed ċara f'dan ir-rigward mingħajr ma jittieħdu deċiżjonijiet li jkunu jistgħu jiġu interpretati bħala li jmorru kontra l-kelma jew l-ispirtu tad-Deċiżjoni Kwadru.

117. Każ ieħor interessanti li kien ukoll jinvolvi lil Spanja kien il-każ **Melloni**:

> On 13 February, the Spanish Constitutional Court ("SCC" or the "Court") handed down its awaited judgment in the *Melloni* case (STC 26/2014). The case concerned the problematic issue of differing levels of protection of fundamental rights at national and European levels in relation to the execution of a European Arrest Warrant ("EAW"). This affair was the source of the SCC's first-ever preliminary reference to the Court of Justice of the European Union ("CJEU"). Following the CJEU's ruling last year (*Melloni*, Case C-399/11, 26 February 2013), which has already been covered in this blog by V. Franssen, the SCC has now agreed to lower the degree of protection afforded by the Spanish Constitution in line with EU law.[18]

[18] https://europeanlawblog.eu/2014/03/17/stc-262014-the-spanish-constitutional-court-modifies-its-case-law-in-response-to-the-cjeus-melloni-judgment/ aċċessat 17/09/2022.

118. Iżda Spanja mhux l-uniku pajjiż li għamel dan. Hekk ukoll l-Italja. Għalkemm fl-Italja l-mandat ta' arrest Ewropew huwa regolat b'Liġi msejħa "legge 22 aprile 2005, n. 69", din il-Liġi kellha tiġi riveduta sostanzjalment bid-"decreto legislativo 2 febbraio 2021, n.10" u li permezz tiegħu sar "un ampio e profondo intervento di rivisitazione e adeguamento della normativa nazionale alle disposizioni della decisione quadro 2002/584/GAI, relativa al mandato d'arresto europeo (MAE) e alle procedure di consegna tra Stati membri".[19]

119. Dawn l-emendi fil-Liġi Taljana kienu meħtieġa peress li l-Liġi li daħlet id-Deċiżjoni Kwadru tal-mandat ta' arrest Ewropew fl-2005 ma kienetx qegħda timplimenta l-Liġi Ewropea b'mod tajjeb, tant li dawn in-nuqqasijiet waslu lill-Kummissjoni Ewropea biex tibda proċedura ta' infrazzjoni kontra l-Italja minħabba li din ma kienetx qegħda timplimenta l-proċedura tal-mandat ta' arrest Ewropew b'mod kemm jista jkun fidil lejn il-kelma u l-ispirtu tad-Deċiżjoni Kwadru. Dan m'għandux x'jaqsam mal-allegazzjoni tad-Difiża dwar il-kundizzjonijiet tal-ħabsijiet fl-Italja; iżda għandu x'jaqsam mal-argument li d-Difiża għamlet fir-rigward ta' sentenza tal-Kassazzjoni li semmiet f'dan l-appell u l-fatt li din kienet irrifjutat f'każ minnhom li twettaq mandat ta' arrest Ewropew Malti.

120. Mingħajr ma din il-Qorti tidħol fil-meriti partikolari ta' dak il-każ, għaliex kull każ irid jiġi mistħarreġ skont il-meriti tiegħu u ma tistax titfa lil kulħadd jew kull każ f'keffa waħda, il-fatt li dik il-Qorti Taljana f'dak il-każ ma awtorizzatx it-trasferiment tal-persuna rikjesta lejn Malta, ma jfissirx allura li awtomatikament il-Qrati Maltin għandhom jagħmlu l-istess u jirrifjutaw li jeżegwixxu mandati ta' arrest Ewropej lejn l-Italja. Għalkemm din kienet sitwazzjoni spjaċevoli li trid tinqara fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dak il-każ, dan l-argument ma jistax ireġi għax is-sistema tal-mandat ta' arrest Ewropew ma taħdimx hekk. Bid-dovut rispett lejn dik il-Qorti Taljana, jekk biss għall-grazzja tal-argument ir-rifjut ta' dik il-Qorti ma kienx jirrifletti l-kelma u l-ispirtu tad-Deċiżjoni Kwadru, daqstant ieħor ma jistax jingħad b'mod legalment korrett li l-Qorti Maltija tista' jew aħjar għandha – skont kif tippretendi d-Difiża – li tagħmel l-istess sempliċiment għax il-Qorti Taljana f'każ partikolari rrifjutat li tibgħat persuna lejn Malta fuq mandat ta' arrest Ewropew. Jekk il-Qrati Taljani jonqsu mid-doveri tagħhom skont id-Deċiżjoni Kwadru, imbagħad hemm proċeduri li jistgħu jittieħdu mill-Istat Malti quddiem dawk Ewropej dwar dan.

[19] https://www.lalegislazionepenale.eu/la-riforma-del-mandato-di-arresto-europeo-note-di-sintesi-a-margine-del-d-lgs-2-febbraio-2021-n-10-vincenzo-picciotti/ aċċessat fis-16 ta' Settembru 2022.

Iżda ma tistax Qorti Maltija tgħid li għax il-Qorti Taljana ma bagħtitx wieħed mela l-Qorti Maltija ma tibgħatx lil ieħor fi ħdan il-kwadru tal-proċedura tal-mandat ta' arrest Ewropew. Kull każ irid jiġi mistħarreġ fuq il-meriti partikolari tiegħu.

121. Huwa fatt li l-mod kif il-mandat ta' arrest Ewropew beda jitħaddem fl-Italja kien wieħed imqanqal u politikament sensittiv immens. Inħass li ma kienx kompatibbli ma ċerti drittijiet u garanziji fundamentali li kienu jinsabu diġa fis-sistema kostituzzjonali Taljan u b'hekk daħlu Liġi li ma kienetx tirrifletti dak li l-Unjoni Ewropea riedet fid-Deċiżjoni Kwadru tant li inbdiet proċedura ta' infrazzjoni kontra l-Italja fl-istess żmien li l-Italja kienet qegħda tistħarreġ it-tibdiliet fil-Liġijiet tagħha biex tiġi kemm jista' tkun konformi mal-kelma u l-ispirtu tad-Deċiżjoni Kwadru.[20]

122. L-obbligi li Malta trid tosserva taħt it-Trattati tal-Unjoni Ewropea u d-Deċiżjoni Kwadru tal-mandat ta' arrest Ewropew huma obbligi serji, u li dan l-Istat Malti jeħodhom bis-serjeta. Din mhix kwistjoni li Malta hija makku u l-Italja balena, jew li l-Maltin huma servili lejn il-pajjiżi barranin, u b'mod partikolari lejn l-Italja, li hija daqshekk qrib tagħna l-Maltin kemm ġeografikament kif ukoll kulturalment. Iżda dawn huma obbligi li jmorru lil hinn minn hekk.

123. It-talba għall-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew f'dan il-każ ma nħarġitx mill-Awtoritajiet Taljani għal xi reat żgħir jew għal raġunijiet frivoli. Mid-dokumentazzjoni li bagħtu l-Awtoritajiet Taljani jirriżulta li kien hemm investigazzjoni estensiva u dettaljata. Ir-raġunijiet miġjuba minhom huma spjegati fid-dettall.

124. Jekk dak spjegat jirriżultax pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni hija kwistjoni oħra li trid tkun deċiża mill-Qorti li għandha

[20] Sin dapprincipio, ovvero sin già dalla presentazione della proposta di decisione quadro, l'attenzione venne a focalizzarsi su talune problematiche poste in risalto in un parere espresso da due eminenti giuristi, entrambi già presidenti della Corte costituzionale e Ministri della giustizia, che ritennero il nascente strumento eurounitario affetto da marcati e insuperabili profili di incompatibilità con alcuni diritti e garanzie fondamentali del nostro ordinamento costituzionale, destinati ad imporsi quali vincoli e condizioni ineludibili alla futura attività di recepimento ad opera del legislatore ordinario4.
Tale impostazione di fondo dapprima si tradusse in una dichiarazione, peraltro priva di qualsiasi effettivo rilievo giuridico, espressa dal Governo italiano all'atto dell'adozione della decisione quadro5, in seguito informò l'intero impianto portante delle norme approvate nella primavera 2005, delle quali di fatto costituì – se così può dirsi – il codice genetico.
Sono di intuitiva evidenza i momenti di contraddizione e attrito che una simile premessa è suscettibile di innescare rispetto ad uno strumento integralmente basato su di un assunto che si colloca agli antipodi concettuali di essa, e cioè sulla sussistenza di un elevato grado di fiducia reciproca tra gli Stati membri, tale da giustificare l'affidamento di ciascuno di essi «nel fatto che le *altre* autorità applichino norme equivalenti di tutela dei diritti nei rispettivi ordinamenti giuridici penali»6. – idem.

s-setgħa li tisma’ u tiddeċiedi l-każ.  Iżda ma jistax jiġi invokat il-prinċipju ta’ reċiproċita kif tippretendi d-Difiża f’dan il-każ ta’ eżekuzzjoni ta’ mandat ta’ arrest Ewropew.

Għaldaqstant fil-parametri tar-raġunijiet imsemmija, il-Qorti tiċħad dan l-aggarvju.

**Ikkunsidrat**

125. L-aħħar aggravju li sejjer jiġi trattat huwa t-tieni aggravju tal-appellant jitratta l-garanzija mitluba mill-Istat Taljan.  Jgħid hekk:

**B. Dwar il-garanziji mitluba minn ghand is-Stat Taljan**

Illi indipendentament mis-suespost, it-tieni aggravju jikkonsisti fil-fatt li d-decizjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti hija unsafe and unsatisfactory *in kwantu* l-Qorti ghaddiet biex tiddeciedi l-kawza minghajr ma' biss ikkalkulat dak mitlub mill-esponent fir-rikors tieghu ta' nhar il-23 ta' Awwissu, 2022;

Illi nhar il-23 ta' Awwissu, 2022 l-esponent ipprezenta rikors urgenti quddiern il-Qorti tal-Magistrati fejn talab il-Qorti tal-Magistrati tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza.

Fir-rikors tieghu, l-esponent irrileva l-preokkupazzjoni serja tieghu in kwantu s-sitwazzjoni gravi tal-habsijiet gewwa l-Italja, Huwa irrileva ulterjorment li fkaz li l-Qorti tal-Magistrati tordna l-estradizzjoni tieghu huwa jehtieg garanzija li d-dritt tieghu kontra trattament inuman u degradanti m'huwiex ser jigi lez. In sostenn tas-sottomissjoni tieghu, l-esponent iccita diversi sentenzi tal-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet Fondamentali tal- Bniedem.

*Di piu,* huwa kien lest iressaq evidenza u jaghmel sottomissjonijiet sabiex jirraforza l-preokkupazzjoni tieghu.

*In oltre,* u fin-nuqqas ta' din il-garanzija, l-esponent talab garanzija li jekk jinbghat gewwa l-Italja, huwa ser ikun eligibbli ghall-helsien mill-arrest. DokAG1, kif mibghut mil-Awtoritajiet Taljani, donnu qed jipprojbixxi l'esponent minn li jinghata il-helsien mill-arrest gewwa l-Italja. [ekk dan huwa l-kaz, huwa ovvju u car li l-esponent ser jinkisirlu d-dritt fondamentali ghall-liberta sancit fl-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea. Anke jekk wiehed jinsa l-fatt li skond il-Ligi domestika, kull persuna akkuzata b'reat kriminali ghandu dritt ghall-helsien mill-arrest, dan huwa ukoll dritt protett fit-termini tal-Konvenzjoni Ewropea, liema Ligi giet ratifikata mis-Stat Taljan u ghaldaqstant wiehed jistenna li din il-garanzija tinghata u mhux bil-kontra!

Bl-ikbar dovut rispett, vjolazzjoni tant lampanti u evidenti ma ghandiex issib refugju fprocess gudizzjarju li jhaddan is-saltna tad-dritt u l-protezzjonijiet sanciti fil-Kostituzzjoni ta' Malta. Ghaldaqstant, l-Ewwel Qorti kellha

minimament tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza u tisma' s-sotornissjonijiet tal-estradant jew, alemenu, tinnotifika r-rikors lill-Avukat Generali ghar-risposta.

*Di piu,* ghandu jigi rilevat li l-ebda parti ma kienet ser issofri pregudizzju bl-akkoljiment tat-talba tal-estradant.

Dan huwa iktar rilevanti fid-dawl tal-fatt li t-termini stabbiliti fl-Artikolu 27A kienu gia' inqabzu. Ghaldaqstant l-Ewwel Qorti ma kellha ebda impediment procedurali sabiex takkolja t-talba tal-esponent u tordna l-produzzjoni tal-garanziji mitluba.

126. Dan l-argument huwa bażat fuq il-fatt li t-talba tal-estradant bir-rikors tiegħu tat-23 t'Awissu 2022 biex il-Qorti tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza sabiex dik il-Qorti tordna lill-Awtoritajiet Ġudizzjarji Taljani jagħtu garanzija li d-dritt tiegħu kontra trattament inuman jiġi mħares ġiet miċħuda.[21] Essenzjalment l-ilment tal-appellant kien li l-Qorti tal-Maġistrati kellha tottjeni garanzija mill-Istat Taljan li fil-każ li l-appellant jiġi mibgħut l-Italja huwa jkun sejjer jiġi miżmum fi struttura penitenzjarja li tkun adegwata u li ma jsofrix trattament inuman jew degradanti. Din it-talba tal-appellant riedet tittieħed fl-isfond ta' dak li se jintqal.

127. Kif issemma qabel, il-Liġi Ewropea dwar l-eżekuzzjoni tal-Mandat tal-Arrest Ewropew hija strument ħaj li għadu jevolvi u jiżviluppa. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari fil-każijiet konġunti **Aranyosi u Căldăraru,**[22] fetħet il-bieb għal dik li kummentaturi u ġuristi Ewropej qegħdin jirreferu għaliha bħala l-"fundamental rights defence", li għalkemm mhix raġuni msemmija espliċitament fid-Deċiżjoni Kwadru bħala raġuni li fuqha l-istat

[21] Qabel xejn jiġi puntwalizzat li s-seduta quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fejn il-partijiet trattaw il-każ kienet inżammet fil-5 t'Awissu 2022. Dakinhar il-Qorti iddifferiet il-proċedura għas-sentenza għall-24 t'Awissu 2022. Dan ġie debitament verbalizzat fl-atti. Dik il-Qorti tat ukoll lid-Difiża żmien sal-24 t'Awissu 2022 sabiex tippreżenta kwalunkwe dokument ulterjuri biex tiċċara l-posizzjoni tagħha. Sadattant dik il-Qorti akkordat lid-Difiża sat-12 t'Awissu 2022 biex tagħmel nota ta' sottomissjonijiet finali bil-visto tal-Prosekuzzjoni. Dan id-Difiża għamlitu billi fil-11 t'Awissu 2022 preżentat nota ta' sottomissjonijiet. Ġara pero li fit-23 t'Awissu 2022 preżentat ir-rikors "bl-urġenza" fuq il-premessa li "f'dawn l-aħħar ġranet l-esponent ġie rinfaċċat b'ċirkostanzi preokkupanti dwar l-istat tal-ħabsijiet ġewwa l-Italja". Bid-dovut rispett, id-Difiża ma kellhiex tħalli dan ir-rikors għal anqas minn għoxrin siegħa qabel il-Qorti Rimandanti kienet se tagħti s-sentenza biex tresqu l-quddiem. Is-sitwazzjoni allegata mid-Difiża dwar l-istat tal-ħabsijiet fl-Italja, jekk għandha mis-sewwa, żgur li ma bdietx isseħħ bejn il-5 t'Awissu 2022 u t-23 t'Awissu 2022. Il-Qorti Rimandanti, fiż-żmien li kellha biex tiddeċiedi t-talba għall-eżekuzzjoni tal-Mandat tal-Arrest Ewropew ma kellhiex tiġi rinfaċċata b'dik it-talba litteralment lejlet l-għoti tas-sentenza tagħha – aktar u aktar meta huwa fatt li t-termini tal-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew huma qosra ħafna.

[22] Deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tal-5 t'April 2016, fejn ġew magħqudin il-każijiet C-404/15 Aranyosi u C-659/15 PPU, Căldăraru.

Rikjedent għandu s-setgħa li jiċħad talba għal eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew, fil-prattika jekk ikunu jeżistu l-estremi msemmija f'dik is-sentenza, il-Qorti tal-Istat Rikjest ingħata s-setgħa li ma jeżegwix il-mandat ta' arrest Ewropew rispettiv. Din is-sentenza naturalment qajmet polemiċi ġodda f'dan il-qasam in kwantu hemm min qiegħed jinterpretaha bħala bidla fid-direzzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea minn sentenzi preċedenti bħal **Melloni** jew mhux ukoll **Radu**. Din is-sentenza ġiet ukoll kritikata minħabba li għalkemm tagħmel sens fuq livell normattiv, mill-banda l-oħra ma tagħtix daqshekk każ tal-fatt li d-Deċiżjoni Kwadru timponi termini ta' żmien qosra biex fihom il-proċedura tal-mandat ta' arrest Ewropew tiġi eżegwita. Huwa minnu li f'dik l-istess sentenza, bħal ma intwera wkoll f'**Lanigan**, anke jekk dawn it-termini jkunu skadew, il-Qorti ta' eżekuzzjoni hija xorta waħda marbuta li tiddeċiedi l-każ. Il-kwistjoni taż-żmien tibqa' rilevanti tant li fis-sentenza li ġiet wara **Aranyosi** stess u ċjoe **C-128/18 Dorobantu** deċiża fil-15 t'Ottubru 2019 il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea saħqet ukoll li fit-tip ta' stħarriġ li l-Qorti ta' eżekuzzjoni tkun trid tagħmel trid tieħu kont taż-żmien limitat li hemm provdut fl-artikolu 17 tad-Deċiżjoni Kwadru. Dan evidentement ma jippermettix stħarriġ tal-kundizzjonijiet tad-detenzjoni kollha b'mod ġenerali iżda jeħtieġ stħarriġ tal-post tad-detenzjoni fil-każ partikolari.

128. F'**Aranyosi u Căldăraru** dik il-Qorti saħqet fuq il-fatt li l-artikolu 51(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jeħtieġ li l-istati Membri jirrispettaw din il-Karta meta jimplimentaw id-Dritt Ewropew, inkluż l-artikolu 4 dwar il-projbizzjoni ta' trattament jew piena inumana u degredanti, li ġie interpretat bħala jedd fundamentali assolut; u li dik il-Qorti stabbiliet test dupliċi li l-Awtoritajiet Ġudizzjarji li jkunu qegħdin jeżegwixxu l-mandat tal-arrest Ewropew iridu josservaw:
(a) billi jikkunsidraw evidenza dwar il-kwistjoni tan-nuqqasijiet jew defiċjenzi fil-kondizzjonijiet ġenerali tad-detenzjoni fl-istat membru li jkun qiegħed joħroġ il-mandat t'arrest Ewropew; kif ukoll
(b) ir-riskju reali ta' trattament inuman jew degradanti li l-persuna rikjesta tista ssofri fil-każ li t-talba għat-treġġiegħ tagħha lejn l-istat rikjedent tiġi milqugħa;
(c) u jekk wara konsultazzjoni mal-Awtoritajiet Ġudizzjarji tal-Istat rikjedent ma jirriżultax li r-riskju ta' vjolazzjoni tal-jeddijiet tal-bniedem ikunu jistgħu jiġu megħluba fi żmien raġonevoli, l-Awtoritajiet Ġudizzjarji tal-istat Rikjest ikunu mbagħad iridu jieħdu

deċiżjoni dwar jekk il-proċedura ta’ ċediment għandhiex tiġi postposta.

129. Fil-każ **Dorobantu** il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea daħlet f’iżjed dettall dwar x’tip ta’ kundizzjonijiet minimi għandhom jiġu provduti biex detenzjoni tkun tista’ titqies bħala li tissodisfa t-test tal-artikolu 4 tal-Karta tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Unjoni Ewropea u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Fi ftit kliem, il-Qorti iddeċiediet li l-Artikolu 1(3) tad-Deċiżjoni Kwadru 2002/584/JHA moqri flimkien mal-Artikolu 4 tal-Karta, għandu jiġi interpretat fis-sens li meta l-Istat Membru ta’ eżekuzzjoni jkollu informazzjoni li tkun oġġettiva, affidabbli, speċifika u aġġornata li turi li hemm nuqqasijiet sistemiċi jew ġeneralizzati fil-kundizzjonijiet tad-detenzjoni fl-Istat Membru emittenti, għandha tqis l-aspetti fiżiċi rilevanti kollha tal-kundizzjonijiet fil-ħabs li fih il-persuna kkonċernata x’aktarx tkun detenuta (eż. l-ispazju personali disponibbli għal kull detenut, kundizzjonijiet sanitarji, libertà ta’ moviment fil-ħabs). Madankollu, din il-valutazzjoni m'għandhiex tkun limitata għar-reviżjoni ta' insuffiċjenzi ovvji. Minflok, l-Istat Membru ta’ eżekuzzjoni għandu jitlob mingħand l-Istat Membru emittenti l-informazzjoni meħtieġa, u, fin-nuqqas ta’ xi nuqqasijiet fil-kundizzjonijiet tad-detenzjoni, għandu joqgħod fuq l-assigurazzjonijiet mogħtija mill-awtorità ġudizzjarja emittenti (par. 63).

130. Dan l-istħarriġ ikun irid isir b’salvagwardja lejn l-effikaċja tas-sistema ta’ eżekuzzjoni tal-mandat ta’ arrest Ewropew, b’mod għalhekk li l-Istat Membru ta’ eżekuzzjoni għandu jqis il-limiti ta’ żmien stabbiliti mill-Artikolu 17 tad-Deċiżjoni Kwadru 2002/584/JHA dwar l-adozzjoni ta' deċiżjoni finali dwar l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew. Għalhekk, għandu jiġi determinat jekk tabilħaqq hemmx riskju reali, madankollu limitat, fil-ħabsijiet li fihom l-individwu jista’ jkun detenut u mhux valutazzjoni ġenerali għall-ħabsijiet kollha tal-Membru emittenti. Sabiex dan jintlaħaq fil-ħin, l-Istat Membru ta’ eżekuzzjoni għandu jitlob lill-Istat Membru emittenti biex jipprovdi (bħala kwistjoni ta’ urġenza) l-informazzjoni kollha meħtieġa dwar il-kundizzjonijiet li fihom ikun fil-fatt maħsub li l-individwu jkun detenut (par. 67).

131. Barra minn hekk, minħabba n-nuqqas ta’ standards minimi rigward l-ispazju personali għal kull detenut skont il-liġi tal-Unjoni Ewropea, il-Qorti bbażat ruħha fuq l-interpretazzjoni tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem mill-Qorti

Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Dan huwa ġġustifikat mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea peress li l-Artikolu 4 tal-Karta jikkorrispondi, essenzjalment, għat-tifsira u l-portata mogħtija lill-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Filwaqt li bbażat ruħha fuq l-interpretazzjoni tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tiċċara l-punt li għall-kalkolu tal-ispazju disponibbli, iż-żoni okkupati minn faċilitajiet sanitarji m'għandhomx jitqiesu, iżda għandhom jinkludu spazji okkupati minn għamara. Madankollu, għandu jkun hemm spazju biex id-detenut jiċċaqlaq b'mod normali, kif sostniet il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem f' **Muršić vs. Croatia.**

132. Fir-rigward tal-kwistjoni ta' ċella multi-occupancy jew single-occupancy, il-Qorti ddeċidiet li tindirizza biss il-każ ta' ċellula multi-occupancy, minħabba l-fatt li Dorobantu, jekk jiġi kkonsenjat lill-awtoritajiet Rumeni, jinżamm f'detenzjoni f'ċella multi-occupancy. Skont l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, kif interpretat mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem f' **Muršić** tinħoloq preżunzjoni qawwija ta' vjolazzjoni meta l-ispazju personali disponibbli għal detenut ikun taħt it-3 $m^2$ f'ċella multi-occupancy.

133. F'sentenza oħra, l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fl-ismijiet **Generalstaatsanwaltschaft**, tiċċara li din il-preżunzjoni qawwija ta' ksur tal-Artikolu 3 Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tista' tiġi annullata biss jekk

(a) iż-żmien tat-tnaqqis fl-ispazju personali minimu meħtieġ ta' 3 $m^2$ ikun qasir, okkażjonali u minuri,
(b) tali tnaqqis ikun akkumpanjat minn biżżejjed libertà ta' moviment u attivitajiet adegwati barra ċ-ċella,
(c) il-kundizzjonijiet ġenerali ta' detenzjoni fil-faċilità jkunu xierqa u ma jkunx hemm aspetti aggravanti tal-kundizzjonijiet ta' detenzjoni.

134. Il-Qorti tiċċita l-każ **Melloni**, fis-sens li l-persuna detenuta bis-saħħa ta' mandat ta' arrest Ewropew hija suġġetta biss għall-konformità mal-istandards minimi ta' kundizzjonijiet ta' detenzjoni li jirriżultaw mill-Artikolu 4 tal-Karta tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, u mhux ma' dawk li jirriżultaw mil-liġi nazzjonali tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni għaliex altrimenti l-prinċipji ta' fiduċja u rikonoxximent reċiproċi jiddgħajfu.

135. Barra minn hekk, il-Qorti saħqet ukoll li, meta l-Istat Membru emittenti jkun għamel titjib legali jew organizzattiv fis-sistema penitenzjarja u legali tiegħu, l-Istat Membru ta' eżekuzzjoni ma jistax jeskludi l-eżistenza ta' riskju reali ta' trattament inuman jew degradanti biex b'hekk ikunu jistgħu jieħdu in kunsiderazzjoni tali titjib sabiex jiddeċiedu dwar il-konsenja.

136. Fl-aħħar nett, fatturi bħall-effikaċja tal-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali u l-prinċipji ta' fiduċja u rikonoxximent reċiproku jkollhom ibaxxu rashom fil-każ fejn l-Awtoritajiet Ġudizzjarji ta' eżekuzzjoni jkollhom prova ta' raġunijiet sostanzjali li jissuġġerixxu li – wara l-konsenja tal-persuna lill-Istat Membru emittenti – il-persuna rikjesta tkun se tiffaċċja riskju **reali** ta' ksur ta' jeddijiet tal-bniedem; u dan peress li l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tenniet li l-ksur tal-Artikolu 4 tal-Karta huwa ġustifikazzjoni ċara għar-restrizzjoni tal-applikazzjoni tal-prinċipji ta' fiduċja u rikonoxximent reċiproċi (par. 84).

137. Il-kwistjoni sollevata mill-appellant għalhekk hija waħda mill-konsiderazzjonijiet li illum saret imperattiva li tiġi meqjusa. Il-kwistjoni f'dan il-każ ta' din it-talba mhix biss dwar jekk hix talba valida fil-kontenut tagħha f'dan il-każ partikolari daqskemm fl-ordinament ġuridiku Malti tistax issir quddiem il-Qorti Rimandanti jew din il-Qorti.

138. Fis-sistema Malti, il-kwistjoni marbuta mal-istħarriġ tar-rekwiżiti u l-elementi meħtiega għall-eżekuzzjoni tal-mandat t'arrest Ewropew hija fdata f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Rimandanti. Dik il-Qorti għandha ġurisdizzjoni ordinarja ta' natura penali u hija mogħtija s-setgħa tistħarreġ jekk, fil-kwadru tal-Liġi ordinarja - il-Kodiċi Kriminali - li taħtu teżerċita s-setgħat tagħha, u fil-kwadru tal-Liġi speċjali li fiha topera f'dan il-kamp – u allura l-Att dwar l-Estradizzjoni u l-Ordni - ikunx hemm l-estremi meħtieġa, skont dawk il-Liġijiet, jekk it-talba tal-Awtorita Ġudizzjarja barranija għaċ-ċediment ta' persuna rikjesta tiġix milqugħa.

139. Iżda fl-istess waqt, dik il-Qorti mhix mogħtija wkoll is-setgħa li tiddetermina hi stess kwistjonijiet speċifiċi li jkunu fihom infushom jew fl-effetti tagħhom jitrattaw allegazzjonijiet ta' ksur tal-jeddijiet tal-bniedem u li jitnisslu mill-proċess tal-eżekuzzjoni tal-mandat tal-arrest Ewropew. U fil-fatt dan kien il-punt prinċipali li l-Qorti tal-Maġistrati ddeċidiet fid-digriet tagħha tal-24 t'Awissu 2022 li bih ċaħdet it-talba tar-rikorrent.

140. Talba għal stħarriġ tal-kundizzjonijiet tad-detenzjoni f'ħabs barrani minħabba biża ta' trattament jew pieni inumani jew degradanti tinvolvi stħarriġ speċjalistiku dwar allegat u potenzjali ksur tal-jeddijiet tal-bniedem. Fis-sistema legali Malti, l-Avukat Ġenerali għandha raġun targumenta li anke jekk ikunu marbuta mal-proċeduri tal-eżekuzzjoni tal-mandat t'arrest Ewropew, la dik il-Qorti u l-anqas din ma jistgħu jistħarġu kwistjonijiet jew allegazzjonijiet ta' ksur ta' drittijiet tal-bniedem li jitnisslu minn dawk il-proċeduri jew mill-effetti jew il-konsegwenzi tagħhom; u dan mhux b'kapriċċ jew għax iridu jaħslu jdejhom, jew għax ma jagħtux każ il-jeddijiet tal-bniedem, iżda għax fis-sistema Malti l-kwistjonijiet li jolqtu allegazzjonijiet ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali huma deċiżi minn Qrati speċjali. Din il-konklużjoni mhix bażata biss fuq l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni Maltija, iżda wkoll fuq l-artikolu 16 tal-Att dwar l-Estradizzjoni (reż applikabbli għall-dawn il-proċeduri bis-saħħa tar-regolament 25 tal-Ordni). Dan l-artikolu jgħid li meta tieħu deċiżjoni favur it-treġġiegħ lura ta' persuna rikjesta fuq mandat t'arrest Ewropew il-Qorti Rimandanti hija **obbligata** li tinfurma lill-persuna rikjesta bid-dritt li hija għandha li, jekk ikun jidhrilha li xi wieħed mid-disposizzjonijiet tal-artikolu 10(1)(2) tal-Att dwar l-Estradizzjoni ġie miksur jew jekk xi disposizzjoni tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea **hija, tkun ġiet, jew x'aktarx** tkun sejra tiġi miksura dwar il-persuna tiegħu hekk li tkun ġustifikata r-revoka, l-annullament jew il-modifika tal-ordni tal-kustodja tal-qorti, hija għandha jedd titlob rimedju skont l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew skont l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea skont il-każ. L-irwol ta' din il-Qorti imbagħad hija li tirrevedi dik id-deċiżjoni li tkun ittieħdet mill-Qorti tal-Maġistrati kif spjegat iżjed il-fuq.

141. Altrimenti kieku dawn il-Qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali setgħu huma stess jiddeterminaw kwistjonijiet fattwali li fuqhom ikunu bażati allegazzjonijiet ta' ksur ta' jeddijiet tal-bniedem : li allura jinkludi kemm il-kondizzjonijiet ta' detenzjoni kif ukoll aspetti oħra li jistgħu iwaslu għal xi forma ta' ksur tal-jeddijiet tal-bniedem – l-obbligu impost fuqhom bl-artikolu 16 tal-Att dwar l-Estradizzjoni (reż applikabbli għall-dawn il-proċeduri bis-saħħa tar-regolament 25 tal-Ordni imsemmi iżjed il-fuq) kien ikun inutli, peress li kieku kellhom dik is-setgħa dak l-iskrutinju kienu jagħmluh huma stess u ma kienx ikun hemm il-ħtieġa li jinfurmaw lill-persuna rikjesta bid-dritt tagħha li tottjeni rimedji ulterjuri quddiem qrati ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali.

142. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ma tidħolx dwar kif l-ordinament ġuridiku intern tal-istati Membri jiddetermina dawn il-kwistjonijiet ta' drittijiet fundamentali. L-importanti huwa li l-istati Membri jkollhom strutturi Ġudizjarji tajbin li jkunu jistgħu jwettqu l-proċessi u jagħmlu l-iskrutinju meħtieġ mill-Liġi Ewropea. Fil-każ ta' Malta, l-Awtoritajiet Ġudizzjarji li jeżegwixxu l-proċedura tal-mandat tal-arrest Ewropew huma ordinarjament il-Qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali – il-Qorti tal-Maġistrati bi dritt t'appell u reviżjoni ta' dik id-deċiżjoni lil-Qorti tal-Appell Kriminali. Iżda meta f'dawn il-proċeduri jqum punt li jolqot il-jeddijiet tal-bniedem, imbagħad dik il-kwistjoni tkun trid tiġi mibgħuta lil qrati ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali biex jiddeċiduha huma. Dan ukoll peress li l-artikolu 16 tal-Att dwar l-Estradizzjoni **<u>ma jgħidx</u>** li jekk il-persuna rikjesta jkun jidhrilha li xi disposizzjoni tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea hija, tkun ġiet jew x'aktarx tkun se tiġi mikskura dwar il-persuna tagħha[23] hekk li tkun ġustifikata r-revoka, l-annullament jew il-modifika tal-ordni ta' kustodja tal-qorti, kemm il-Qorti Rimandanti u kemm il-Qorti tal-Appell Kriminali jkollhom il-jedd li jiddeċiedu huma stess dak l-ilment. Iżda mill-banda l-oħra jgħid li l-Qorti għandha tgħarraf lil-persuna rikjesta li jekk ikun jidhrilha li:

(a) ir-reat li bih hija akkużata huwa reat ta' natura politika; jew li

(b) t-talba għat-treġġigħ lura tagħha (għalkemm tkun tidher li qed issir minħabba reat ta'estradizzjoni) hija fil-fatt magħmula biex l-istess persuna tiġi pproċessata jew penalizzata minħabba r-razza, il-post ta' oriġini, in-nazzjonalità, il-fehmiet politiċi, il-kulur jew it-twemmin tagħha; jew

(c) li xi disposizzjoni tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea hija, tkun ġiet jew x'aktarx tkun se tiġi miksura dwar il-persuna tagħha hekk li tkun ġustifikata r-revoka, l-annullament jew il-modifika tal-ordni ta' kustodja tal-qorti,

**<u>hija għandha jedd li titlob rimedju skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 46 tal-imsemmija Kostituzzjoni jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, skont il-każ.</u>**

143. Kif intqal, l-argument sollevat mid-Difiża dwar il-kundizzjonijiet tad-detenzjoni hija kwistjoni prinċipalment marbuta mal-jedd li

[23] Jew li r-reat li bih dik il-persuna hija akkużata huwa reat ta' natura politika; jew li t-talba għat-treġġigħ lura tagħha (għalkemm tkun tidher li qed issir minħabba reat ta'estradizzjoni) hija fil-fatt magħmula biex l-istess persuna tiġi pproċessata jew penalizzata minħabba r-razza, il-post ta' oriġini, in-nazzjonalità, il-fehmiet politiċi, il-kulur jew it-twemmin tagħha.

persuna ma tiġix suġġetta għal trattament jew piena inumana jew degradanti, li fih innifsu huwa argument li jolqot direttament wieħed mill-jeddijiet fundamentali tal-bniedem, tant li fil-letteratura Ewropea sar riferit bħala l-"fundamental rights defence". Kif intwera anke b'deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, din tista' tkun raġuni serja u li in bażi tagħha persuna ma tiġix mibgħuta fl-Istat rikjedenti. U fis-sistema Malti jekk persuna rikjesta jkollha dik il-preokkupazzjoni, il-Liġi Maltija tipprovdilha forum speċjalizzat biex tistħarreġ dak l-ilment, li jista' jkun jew jista' ma jkunx ġustifikat. Iżda grazzi għal dawk il-proċeduri, il-persuna rikjesta tkun tista' tassigura ruħha minn stħarriġ dettaljat u speċjalistiku mhux biss ta' ksur attwali jew passat tal-jeddijiet tal-bniedem iżda saħansitra anke wieħed potenzjali tal-jeddijiet fundamentali tagħha. U jkun biss wara li jkun sar dak l-iskrutinju li, jekk il-qrati ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali jiddeterminaw li ma jkunx hemm tali ksur – attwali jew potenzjali – li mbagħad il-persuna rikjesta tkun tista' tiġi mreġġa' lura lejn il-pajjiż rikjedent.

144. Issa din il-Qorti, konxja minn dawn il-kwistjonijiet legali u pronunzjamenti ġudizzjarji kemm ta' natura Ewropea, kif ukoll dawk il-kwistjoni tal-organizzazzjoni ta' Qrati f'Malta u l-partizjoni tal-ġurisdizzjonijiet rispettivi, u peress li fehmet li t-talba ta' John SPITERI għal garanzija dwar il-kundizzjonijiet tal-postijiet tad-detenzjoni applikabbli kienet ġustifikata minħabba kwistjonijiet li kienu qegħdin iqumu fl-Italja fil-passat dwar kundizzjonijiet ta' detenzjoni f'ċerti istituti penitenzjarji, u sabiex tiffaċilita l-proċess deċiżjonali ordinarju tagħha (iżda mingħajr ma tarroga fuqha poteri kostituzzjonali li ma għandhiex) laqgħet it-talba ta' John SPITERI biex, fid-dawl tal-pronunzjamenti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropew imsemmija, din il-Qorti tibda biex titlob lill-Istat Taljan garanzija li jekk jintbagħat l-Italja biex isegwi l-proċess kriminali li l-Awtoritajiet Ġudizzjarji Taljani fetħu kontra tiegħu huwa ma jinżammx fi struttura penitenzjarja li tkun b'xi mod tiksirlu l-jeddijiet fundamentali tiegħu. Din il-Qorti użat is-sistema ordinarja taħt ir-regolament 13A tal-Ordni biex tipprova tottjeni dikjarazzjoni mill-Awtoritajiet Ġudizzjarji Taljani li b'xi mod setgħu joffru xi serħan il-moħħ tal-persuna rikjesta dwar l-argument tal-kundizzjonijiet tad-detenzjoni. Tramite s-servizzi tal-Eurojust, l-Awtoritajiet Taljani fil-fatt produċew dokument li jinsab a fol 479, li pero d-Difiża xorta waħda qegħda issa tattakka permezz ta' rikors preżentat minnha fit-12 ta' Settembru 2022.

145. Qabel ma l-Qorti ddur għal analiżi ta' dan id-dokument, irid jingħad li fis-sistema legali Taljan, l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew tista' wkoll tkun suġġetta għall-"fundamental rights defence" bħal dik sollevata abilment f'dan il-każ mid-Difiża, u dan wara li l-Istat Taljan għaraf il-portata ta' deċiżjoni bħal **Aranyosi u Căldăraru**. Din id-deċiżjoni turi li s-sistema tal-mandat ta' arrest Ewropew mhux bażat fuq "blind trust" iżda fuq "mutual trust", li pero ma jistax jitqies dejjem u f'kull każ bil-quddiem. Dejjem irid ikun hemm stħarriġ tal-kundizzjonijiet f'kull każ partikolari skont iċ-ċirkostanzi partikolari ta' dak li jkun. Fil-fatt, Picciotto, kittieb u Maġistrat Taljan, dwar dan il-punt jgħid hekk:[24]

Si tratta di un'evoluzione che, se da un lato ha segnato l'abbandono di «un'interpretazione aprioristica del principio della fiducia reciproca quale fondamento del principio del reciproco riconoscimento»38, dall'altro ha escluso che l'autorità di esecuzione possa respingere la richiesta di consegna sulla base della sola constatazione di un rischio solo generico (per quanto «sistemico») di violazione dei diritti fondamentali, dovendo essa per contro necessariamente interloquire con l'autorità di emissione al fine di verificare l'effettività e la concretezza di detto rischio in riferimento alla specifica situazione individuale della persona richiesta. Solo all'esito di tale interlocuzione, il giudice potrà decidere, se del caso, di «porre fine» alla procedura39.

39 Come accennato nel passaggio della Relazione illustrativa riportato al richiamo di nota 27, punto di partenza del nuovo indirizzo ermeneutico della Corte è la constatazione che «il considerando 10 della decisione quadro stabilisce che l'attuazione del meccanismo del mandato d'arresto europeo può essere sospesa *solo in caso di grave e persistente violazione da parte di uno Stato membro dei valori contemplati dall'articolo 2 TUE*, e *in conformità con il procedimento previsto dall'articolo 7 TUE*» (così la già citata sentenza della Grande sezione del 5 aprile 2016, *Aranyosi e Căldăraru*, punto 81). Conseguentemente, sino a che ciò non avvenga, non è consentito – in linea di principio – allo Stato di esecuzione sottrarsi all'obbligo di consegna adducendo il pericolo d'una violazione dei diritti fondamentali della persona richiesta nello Stato di emissione, ostandovi la presunzione di rispetto di tali diritti da parte degli altri Stati membri, oltre che la (conseguente) assenza – nella decisione quadro – di motivi di rifiuto ad essi correlati (v. anche, a proposito dell'impossibilità di rifiutare il riconoscimento sulla base della sola "attivazione" del meccanismo di cui all'articolo 7 TUE, la recente Risoluzione del Parlamento europeo citata in chiusura di nota 27). Quanto appena rilevato non esclude però che, come peraltro già affermato dalla Corte nel parere sull'adesione dell'Unione alla Convenzione EDU (Parere del 18 aprile 2014, Avis 2/13: v., in p., punto 191), «in circostanze eccezionali» i principi di riconoscimento e di fiducia reciproci tra Stati membri possano subire limitazioni per la necessità di assicurare tutela ad un diritto fondamentale garantito dalla CDFUE: evenienza, quest'ultima, peraltro espressamente prevista dall'articolo 1(3) della stessa decisione quadro. Una simile necessità si è posta, ad esempio, come pure in precedenza accennato, in riferimento al divieto di pene e di trattamenti inumani o degradanti, previsto come assoluto e inderogabile dagli articoli 4 della CDFUE e 3 della Convenzione EDU,

[24] https://www.lalegislazionepenale.eu/la-riforma-del-mandato-di-arresto-europeo-note-di-sintesi-a-margine-del-d-lgs-2-febbraio-2021-n-10-vincenzo-picciotti/ aċċessat fis-16 ta' Settembru 2022.

anche in ragione della sua diretta riferibilità all'essenziale e sovraordinato valore della dignità umana. In particolare, a fronte delle sempre più insistite e allarmanti notizie circa le condizioni dei detenuti in alcuni Stati membri, la Corte di giustizia ha strutturato un test bifasico (ormai, per brevità, convenzionalmente denominato *Aranyosi test*), che presuppone una verifica preliminare volta ad accertare la sussistenza del rischio di violazione dei diritti fondamentali su di un piano generale o sistemico, destinata a svilupparsi – in caso di riscontro positivo – in un ulteriore approfondimento circa il concreto "destino penitenziario individuale" della persona richiesta in consegna. Solo allorquando anche tale seconda fase confermi la dimensione effettiva del rischio, e sempre che lo Stato di emissione non dimostri entro «un termine ragionevole» di essere in condizioni di fornire informazioni sufficienti a superare l'*impasse*, l'autorità di esecuzione deve – come rilevato nel testo – «decidere se occorre *porre fine* alla procedura di consegna» (così il punto 104 della sentenza *Aranyosi e Căldăraru*, i cui principi risultano pienamente recepiti dalla giurisprudenza nazionale sin da Cass. 1.6.2016, n. 23227, *Barbu*). Il descritto modulo procedimentale è stato di recente esteso dalla Corte anche alle problematiche postesi in relazione alle garanzie di autonomia e indipendenza del potere giudiziario in Polonia, rilevanti *sub specie* di violazioni del diritto a un processo equo (sul tema, in aggiunta alle sentenze del giudice UE già citate sempre in nota 27, v. in ambito nazionale Cass. 21.5.2020, n. 15924, *Mokrzycki Janusz*, in *CEDCass,* m. 278889-01). E' di rilevante interesse notare che, prima di tale estensione, la Corte aveva altresì accordato rilevanza alla garanzia prestata dalle autorità dello Stato emittente «circa il fatto che la persona interessata non sarà sottoposta ad un trattamento inumano o degradante a causa delle sue concrete e precise condizioni di detenzione a prescindere dall'istituto penitenziario in cui sarà incarcerata», precisando in particolare che laddove tale garanzia sia prestata (o, quanto meno, «approvata») dall'autorità giudiziaria di emissione, di essa il giudice dell'esecuzione «deve fidarsi», e ciò «perlomeno in assenza di qualsivoglia elemento preciso che permetta di ritenere che le condizioni di detenzione esistenti all'interno di un determinato istituto penitenziario siano contrarie all'articolo 4 della Carta» (C.G.UE, sentenza 25 luglio 2018, *Generalstaatsanwaltschaft,* cit., punti 111 - 112).

146. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea **f'Aranyosi u Căldăraru** xorta waħda tisħaq dwar l-importanza tal-premessa numru 10 tad-Deċiżjoni Kwadru li tgħid li l-mekkaniżmu tal-mandat ta' arrest Ewropew hu bbażat fuq livell għoli ta' kunfidenza bejn l-Istati Membri u li l-implimentazzjoni tiegħu jista' jiġi sospiż biss f'każ ta' ksur serju u persistenti minn Stat Membru tal-valuri kkontemplati mit-Trattat tal-Unjoni Ewropea u skont il-proċedura prevista mill-Artikolu 7 tal-istess trattat. Għalhekk sakemm iseħħu dawn il-kundizzjonijiet, l-Istat ta' eżekuzzjoni ma jistax – fil-prinċipju – li jeħles mill-obbligu tal-konsenja billi jistrieħ fuq allegat periklu ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tal-persuna rikjesta fl-Istat li joħroġ il-mandat ta' arrest Ewropew; għax jekk jagħmel dan huwa jkun qiegħed ixejjen il-preżunzjoni tar-rispett reċiproku lejn id-deċiżjonijiet ġudizzjarji tal-iStati Membri oħra, aktar u aktar meta fid-Deċiżjoni Kwadru ma hemmx raġunijiet għal rifjut relatati ma dan. Il-"fundamental rights defence", strettament, mhix waħda li toħroġ b'mod espliċitu mill-Ordni, l-anqas.

147. Madankollu, dan ma jeskludix li, kif diġà sostniet il-Qorti tal-Ġustizzja fl-opinjoni dwar l-adeżjoni tal-Unjoni mal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem (Opinjoni tat-18 ta' April 2014, Avis 2/13: ara Punt 191) li "f'ċirkostanzi eċċezzjonali" il-prinċipji ta' rikonoxximent reċiproku u fiduċja bejn l-Istati Membri jistgħu jkunu soġġetti għal limitazzjonijiet minħabba l-ħtieġa li tiġi żgurata l-protezzjoni ta' dritt fundamentali garantiti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea liema eventwalità, hija wkoll prevista espressament fl-Artikolu 1(3) tad-Deċiżjoni Kwadru. Dan huwa b'mod partikolari l-każ tal-projbizzjoni ta' trattament u pieni inumani jew degradanti, li huma meqjusa assoluti u obbligatorji mill-artikoli 4 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem. Dan juri għalhekk li diġa hemm elementi ta' garanzija li ma jirrendux il-"mutual trust" bħala "blind trust".

148. B'mod partikolari, fil-kawża **Aranyosi u Căldăraru** il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea żviluppat test - hekk imsejjah l-"Aranyosi test" - li jeħtieġ verifika preliminari mmirata biex tiġi aċċertata l-eżistenza tar-riskju ta' ksur tad-drittijiet fundamentali kemm fuq livell ġenerali jew sistemiku kif ukoll, jekk ikun il-każ, fi studju ulterjuri fejn jiġu mistħarġa l-ħtiġijiet karċerarji individwali konkreti tal-persuna li tkun mitluba għall-konsenja. Jekk iż-żewġ stadji jiġu mistħarġa u wara li jiġu evalwati r-riskji ta' ksur ta' drittijiet fundamentali mill-Qorti kompetenti u sakemm l-Istat emittenti ma jurix fi żmien "żmien raġonevoli" li huwa f'pożizzjoni li jipprovdi biżżejjed informazzjoni biex jegħleb kwalunkwe diffikulta li jista' jkun hemm, ikun jispetta għall-Qorti kompetenti li tiddeċiedi li ttemm il-proċedura tal-konsenja.

149. Iżda jrid ukoll jingħad li fil-preliminary ruling tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fl-ismijiet **Generalstaatsanwaltschaft** numru 220/18 PPU tal-25 ta' Lulju 2018:

> 108 It should be recalled that Article 15(2) of the Framework Decision explicitly enables the executing judicial authority, if it finds the information communicated by the issuing Member State to be insufficient to allow it to decide on surrender, to request that the necessary supplementary information be furnished as a matter of urgency. In addition, under Article 15(3) of the Framework Decision, the issuing judicial authority may at any time forward any additional useful information to the executing judicial authority.

> 109 Moreover, in accordance with the principle of sincere cooperation set out in the first subparagraph of Article 4(3) TEU, the European Union and the Member States are, in full mutual respect, to assist each other in carrying out tasks which flow from the Treaties (judgment of 6 September 2016, *Petruhhin*, C-182/15, EU:C:2016:630, paragraph 42).
>
> 110 In accordance with those provisions, the executing judicial authority and the issuing judicial authority may, respectively, request information or give assurances concerning the actual and precise conditions in which the person concerned will be detained in the issuing Member State.
>
> 111 The assurance provided by the competent authorities of the issuing Member State that the person concerned, irrespective of the prison he is detained in in the issuing Member State, will not suffer inhuman or degrading treatment on account of the actual and precise conditions of his detention is a factor which the executing judicial authority cannot disregard. As the Advocate General has noted in point 64 of his Opinion, a failure to give effect to such an assurance, in so far as it may bind the entity that has given it, may be relied on as against that entity before the courts of the issuing Member State.
>
> 112 When that assurance has been given, or at least endorsed, by the issuing judicial authority, if need be after requesting the assistance of the central authority, or one of the central authorities, of the issuing Member State, as referred to in Article 7 of the Framework Decision, the executing judicial authority, in view of the mutual trust which must exist between the judicial authorities of the Member States and on which the European arrest warrant system is based, must rely on that assurance, at least in the absence of any specific indications that the detention conditions in a particular detention centre are in breach of Article 4 of the Charter.

150. Kif intqal, din il-Qorti wetqet it-talba tad-Difiża għal informazzjoni ulterjuri u assikurazzjoni skont id-digriet tagħha tat-2 ta' Settembru 2022. L-Awtoritajiet tal-Pajjiż Rikjedent fornew dokument a fol 479 u 480. Din id-Dikjarazzjoni datata 5 ta' Settembru 2022 hija iffirmata minn Stefano Opilio, Direttur Ġenerali, tad-Direzione Generale degli Affari Internazionali e della Cooperazione Giudiziaria fil-Ministero della Giustizia tar-Repubblika tal-Italja. Din hija dikjarazzjoni Uffiċjali magħmula minn rappreżentant tal-Istat Taljan, trasmessa lill-Istat Malti tramite l-Eurojust, u li fiha impenn bil-miktub tal-Istat Taljan sottoskritta mid-Direttur Ġenerali Stefano Opilio b'delega tal-Ministru tal-Ġustizzja tar-Repubblika Taljana. Din id-dikjarazzjoni hija intestata bħala "Guarantee". Huwa dokument ħaruġ b'riferenza għal John SPITERI u għall-każ ta' John SPITERI fejn allura l-Istat Taljan qiegħed jagħti

garanzija kemm ta’ natura ġenerali kif ukoll garanziji ta’ natura speċjali.

151. L-Istat Taljan qiegħed jiddikjara b’mod ġenerali li:

> Please be assured that in the event the Court of Criminal Appeal upholds the decision of the First Court and SPITERI John is subsequently extradited to Italy, he would be detained in a framework which promotes and respects the conditions provided for in Article 4 of the European Convention of Human Rights..
>
> .../...
>
> Please note that at present all the Italian penitentiary institutions do comply with the provisions of Article 3 of the European Convention on Human Rights based on the interpretation by the ECtHR.

152. Din hija garanzija ta’ natura ġenerika dwar fatti li l-Italja, bħala Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, hija mistennija li żżomm u twettaq, in kwantu bħal Malta hija marbuta kemm bit-termini tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll bil-Karta tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Unjoni Ewropea. Kif qalet id-Difiża kien hemm diversi każijiet magħmulin kontra l-Istat Taljan minħabba l-kundizzjonijiet tad-detenzjoni, b’mod partikolari l-“overcrowding” fil-ħabsijiet Taljani. Hemm ukoll diversi każijiet partikolari li daħlu fuq dan l-allegat ksur, b’diversi minnhom isibu ksur. Iżda l-fatt li kien hemm dawn il-każijiet ma jfissirx li l-Italja ma għamlitx progress fil-qasam penitenzjarju tagħha. Fil-fatt ir-rapport tas-CPT maħruġ fl-2020 juri kemm u fejn l-Istat Taljan għamel progress fil-qasam tal-istrutturi penitenzjarji tiegħu. Il-problema tal-“overcrowding” tibqa’ tippersisti u b’hekk din il-garanzija ġenerali kienet tkun ta’ ftit għajnuna għal dan il-każ.

153. Iżda l-Istat Taljan mar oltre milli jipprovdi garanzija ta’ natura ġenerali. Indipendentement minn dak li wieħed ġenerikament isib fuq il-post fl-istrutturi penitenzjarji Taljani b’mod ġenerali, f’dan id-dokument, l-Istat Taljan intrabat bil-kitba, mhux biss versu John SPITERI iżda wkoll versu l-Istat Malti illi:

> Please be assured that if SPITERI John is surrendered, he will not risk being exposed to any inhuman or degrading treatment pursuant to Article 4 of the Charter of Fundamental Rights of the European Union and that the prison where she (sic! he) is going to serve his sentence will be specified as soon as a decision is made on the procedure for his surrender to Italy...

.../...

**<u>It is worth pointing out that</u>** at all times during her (sic! his) detention, SPITERI John will be afforded a minimum of 3 square metres of personal space. If surrendered, SPITERI John will:

(a) Be kept in a prison with adequate sanitary conditions;
(b) Have access to natural light and artificial lighting and ventilation;
(c) Be provided with clean mattresses and bedding;
(d) Be provided with adequate and partitioned toilet facilities;
(e) Have access to basic hygene products;
(f) Have outdoor exercise;
(g) Be provided with satisfactory food;
(h) Adequate room temperature;
(i) The medical condition of SPITERI John, psychological and physical, will be assessed and adequate treatment will be afforded to her (sic! him).

154. Dawn tal-aħħar huma garanziji speċifiċi, li jiffukaw fuq kundizzjonijiet u aspetti speċifiċi tal-post tad-detenzjoni u li l-Istat Taljan iddikjara li qiegħed jiggarantixxi li fil-konfront ta' John SPITERI sejjer iwettaq dawk il-garanziji **<u>kull fejn SPITERI sejjer ikun miżmum</u>**. Dik il-garanzija speċifika għalhekk mhix marbuta ma xi istituzzjoni penitenzjarja partikolari iżda l-Istat Taljan qiegħed jintrabat li kull fejn SPITERI jintbagħat, l-Istat Taljan sejjer jiggarantixxi li SPITERI sejjer ikun miżmum f'post li jħares dawk il-kundizzjonijiet. Dawn il-kundizzjonijiet fil-fatt huma wkoll bosta mill-kundizzjonijiet li kemm il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, kif ukoll il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea saħqu fuqhom u li anke, kif intwera fil-kawża **Dorobantu** daħlet fl-ispazju minimu li detenut irid ikollu. B'mod partikolari intrabtu wkoll li jindikaw l-istruttura penitenzjarja li fiha jkun miżmum SPITERI "as soon as a decision is made on the procedure for his surrender to Italy". Iżda grazzi għal din il-garanzija bil-miktub, l-Istat Taljan issa intrabat li **<u>irrispettivament mill-post fejn l-istruttura penitenzjarja tkun tinsab</u>**, f'Catania daqskemm f'Bolzano, u grazzi wkoll għal din il-garanzija SPITERI jrid jiġi miżmum f'dawk il-kundizzjonijiet li l-istess Istat Taljan intrabat u ggarantixxa li jipprovdilu.

155. Din it-tip ta' garanzija speċifika taqa' fil-parametri ta' dak previst f'**Generalstaatsanwaltschaft** numru 220/18 PPU tal-25 ta' Lulju 2018. Ladarba ingħatat din it-tip ta' assikurazzjoni huwa issa mistenni li l-Istat Taljan iżomm il-kelma tiegħu, altrimenti, jista' jkun hemm rikaduta kif il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea qalet f' **Generalstaatsanwaltschaft***:*

a failure to give effect to such an assurance, in so far as it may bind the entity that has given it, may be relied on as against that entity before the courts of the issuing Member State.

156. Bid-dovut rispett lejn l-argument tad-Difiża f'dan il-każ, din il-Qorti ma tistax tqis din id-dikjarazzjoni bħala mogħdija taż-żmien mill-Awtoritajiet Taljani lejn dawk Maltin. Anzi din il-Qorti tqis din il-garanzija bis-serjeta dovuta bħala impenn dikjarat u bil-miktub sottoskritt mill-Awtoritajiet Taljani u li din il-Qorti, bħala rappreżentant tal-Istat Malti tippretendi issa li dak l-impenn jiġi miżmum.

157. Din il-Qorti, għalhekk stante li laqgħet it-talba tal-appellant fit-tieni aggravju tiegħu biex tottjeni l-informazzjoni li talbet id-Difiża stess u ġaladarba dik id-dikjarazzjoni ta' garanzija ingħatat kif spjegat izjed il-fuq, din il-Qorti tqis li għalhekk il-kwistjoni tat-talba għall-garanzija magħmula bit-tieni aggravju ġiet eżawrita u b'hekk tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha.

# DECIDE

Għaldaqstant il-Qorti:

(a) tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni aggravju għar-raġunijiet imsemmija iżjed il-fuq,

(b) tiċħad il-kumplament tal-aggravji imresqa f'dan l-appell tar-rikorrent fejn talab it-tħassir tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Rimandanti tal-24 t'Awissu 2022 li ordnat it-treġġigħ lura tal-estradant John SPITERI,

(c) tikkonferma din l-istess deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Rimandanti tal-24 t'Awissu 2022 li ordnat il-konsenja ta' John SPITERI lill-Awtoritajiet Ġudizzjarji tar-Repubblika tal-Italja;

(c) tordna li l-appellant John SPITERI jinżamm taħt arrest biex jistenna r-ritorn tiegħu fir-Repubblika tal-Italja;

(d) tordna li din id-deċiżjoni hija soġġetta għar-regola tal-ispeċjalita';

(e) tordna li SPITERI ma jiġix ċedut qabel ma jiskadi l-perjodu meħtieġ;

(f) tinforma lil John SPITERI li jekk huwa tal-fehma li xi dispożizzjoni tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, hija, kienet jew x'aktarx li tiġi miksura fir-rigward tal-persuna tiegħu hekk li tkun gustifikata r-revoka, l-annullament jew il-modifika tal-ordni tal-kustodja tal-qorti, hija ghandha jedd titlob rimedju skont id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 46 tal-istess Kostituzzjoni jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja skont il-kaz;

(g) tordna li, sakemm għal xi raġuni l-ordni tal-kustodja tal-qorti ma tiġix revokata, annullata jew modifikata mill-qrati ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali kif imsemmi iżjed il-fuq, din l-ordni qegħda ssir suġġetta għall-kundizzjoni li l-Awtoritajiet Ġudizzjarji tar-Repubblika tal-Italja iħarsu skrupolożakent l-assikurazzjonijiet kollha mogħtija minnhom fid-Dikjarazzjoni datata 5 ta' Settembru 2022 a fol 479.

**Aaron M. Bugeja,**
**Imħallef**